Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►C1 **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 423/2007**

tad-19 ta' April 2007

dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ◄

(ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 969)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Commission Regulation (EC) No 441/2007 of 20 April 2007 (*)	L 104	28	21.4.2007
►M2	Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/242/KE tat-23 ta' April 2007	L 4M	389	8.1.2008
►M3	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 618/2007 tal-5 ta' Ġunju 2007	L 143	1	6.6.2007
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 116/2008 tat-28 ta' Jannar 2008	L 35	1	9.2.2008
►M5	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 219/2008 tal-11 ta' Marzu 2008	L 68	5	12.3.2008
►M6	Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/475/KE tat-23 ta' Ġunju 2008	L 163	29	24.6.2008
►M7	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1110/2008 ta' l-10 ta' Novembru 2008	L 300	1	11.11.2008
►M8	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 680/2009 tas-27 ta' Lulju 2009	L 197	17	29.7.2009

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 64M, 10.3.2009, p. 423 (423/2007)
►C2 Emendi, Ġ.U. L 239, 6.9.2008, p. 55 (116/2008)

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B
▼C1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 423/2007

tad-19 ta' April 2007

dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/140/PESK tas-27 ta' Frar 2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 1737 (2006) ("UNSCR 1737 (2006)") li ddeċidiet li l-Iran għandu mingħajr aktar dewmien jissospendi l-attivitajiet kollha relatati ma' l-arrikkiment u l-ipproċessar mill-ġdid, kif ukoll il-ħidma fuq proġetti tqal relatati ma' l-ilma, u jieħu ċerti passi meħtieġa mill-Bord tal-Gvernaturi ta' l-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija Atomika ("IAEA"), li l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jqis essenzjali biex tinbena l-kunfidenza fl-iskop esklussivament paċifiku tal-programm nukleari ta' l-Iran. Sabiex tikkonvinċi lill-Iran biex jikkonforma ma' din id-deċiżjoni mandatorja, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li l-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti għandhom japplikaw numru ta' miżuri restrittivi.

(2) F'konformità mal-UNSCR 1737 (2006), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/140/PESK tipprovdi għal ċerti miżuri restrittivi kontra l-Iran. Dawn il-miżuri jinkludu restrizzjonijiet fuq esportazzjonijiet u importazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġiji li jistgħu jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' l-Iran relatati ma' l-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati ma' l-ilma tqil, jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari, projbizzjoni fuq il-forniment ta' servizzi relatati, projbizzjoni fuq l-investiment relatat ma' tali oġġetti u teknoloġija, projbizzjoni fuq l-akkwist ta' oġġetti u teknoloġiji rilevanti mill-Iran, kif ukoll l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' persuni, entitajiet u korpi involuti fi, assoċjati direttament ma' jew li jipprovdu appoġġ għal tali attivitajiet jew żvilupp.

(3) Dawn il-miżuri jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u, għalhekk, partikolarment sabiex tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa leġislazzjoni Komunitarja sabiex timplimentahom f'dak li jirrigwarda l-Komunità.

(4) Dan ir-Regolament jidderoga mil-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti li tipprovdi għal regoli ġenerali dwar esportazzjonijiet lejn, u importazzjonijiet minn, pajjiżi terzi, u b'mod partikolari mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1334/2000 tat-22 ta' Ġunju 2000 li jwaqqaf reġim Komunitarju għall-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġija ta' użu doppju ([2]); safejn dan ir-Regolament ikopri l-istess oġġetti u teknoloġija.

(5) Għal-raġunijiet ta' espedjenza, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tippublika l-lista ta' oġġetti u teknoloġija projbiti u kwalunkwe emendi għaliha li ser ikunu adottati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet

([1]) ĠU L 61, 28.2.2007, p. 49.
([2]) ĠU L 159, 30.6.2000, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 394/2006 (ĠU L 74, 13.3.2006, p. 1).

▼C1

Uniti, u biex temenda l-listi ta' persuni, entitajiet u korpi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom għandhom ikunu ffriżati abbażi ta' deċiżjonijiet milħuqa mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

(6) Rigward il-lista għall-istabbiliment u l-emendar tal-lista msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament, il-Kunsill għandu jeżerċita s-setgħat implimentattivi korrispondenti huwa nnifsu fid-dawl ta' l-objettivi ta' l-UNSCR 1737 (2006), notevolment biex irażżan l-iżvilupp ta' teknoloġiji sensittivi mill-Iran b'appoġġ għall-programmi nukleari u ta' missili tiegħu, u n-natura sensittiva għall-proliferazzjoni ta' l-attivitajiet li jsiru minn persuni u entitajiet li jappoġġaw dawn il-programmi.

(7) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Il-pieni previsti għandhom ikunu proporzjonali, effettivi u dissważivi.

(8) Sabiex jiġi garantit li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ta' l-aħħar għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament biss, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Kumitat tas-Sanzjonijiet" tfisser il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li kien stabbilit skond il-paragrafu 18 tal-UNSCR 1737 (2006);

(b) "assistenza teknika" tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, muntaġġ, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u jista' jieħu forom bħal istruzzjoni, pariri, taħriġ, trasmissjoni ta' tagħrif prattiku jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza; inkluż forom verbali ta' assistenza;

(ċ) it-term "oġġetti" jinkludi oġġetti, materjali u tagħmir;

(d) it-terminu "teknoloġija" jinkludi *software*;

(e) "investiment" tfisser l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'intrapriżi, inkluż l-akkwist b'mod sħiħ ta' tali intrapriżi u l-akkwist ta' ishma u titoli ta' natura parteċipanti;

(f) "servizzi ta' sensarija" tfisser attivitajiet ta' persuni, entitajiet u soċjetajiet li jaġixxu bħala intermedjarji billi jixtru, ibigħu jew jirranġaw it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji, jew jinnegozjaw jew jirranġaw operazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment ta' oġġetti jew teknoloġiji;

(g) "fondi" tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull xorta, li jinkludu iżda mhux limitati għal:

(i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flejjes, *drafts*, *money-orders* u strumenti oħra ta' ħlas;

(ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi f'kontijiet, dejn u obbligazzjonijiet ta' dejn;

(iii) titoli negozjati kemm pubblikament kif ukoll privatament u dokumenti dwar dejn, inklużi strumenti ta' kapital u ishma, ċertifikati li jirrappreżentaw sigurtajiet, *bonds*, noti, mandati, obbligazzjonijiet u kuntratti derivattivi;

(iv) imgħax, *dividends* jew dħul ieħor fuq assi, jew valur akkumulat jew ġenerat minnhom;

▼C1

(v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, *performance bonds* jew impenji finanzjarji oħra;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz ta' kargu, dokumenti ta' bejgħ; u

(vii) dokumenti li jagħtu prova ta' interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;

(h) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi bi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, fl-ammont, fil-lok, fid-dritt tal-proprjetà, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni tagħhom jew f'bidla oħra li tippermetti l-użu tal-fondi, inkluża l-amministrazzjoni ta' *portfolio*;

(i) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull xorta, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jintużaw għall-akkwist ta' fondi, oġġetti jew servizzi;

(j) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni ta' l-użu ta' riżorsi ekonomiċi għall-akkwist ta' fondi, oġġetti jew servizzi bi kwalunkwe mod, inklużi, iżda mhux limitata għalihom, il-bejgħ, il-kiri jew l-użu bħala garanzija tagħhom;

(k) "territorju tal-Komunità" tfisser it-territorji ta' l-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju ta' l-ajru tagħhom;

▼M7

(l) 'kuntratt jew transazzjoni' tfisser kull transazzjoni ta' liema forma hi u tkun xi tkun il-liġi applikabbli għaliha, sew jekk tikkonsisti f'kuntratt wieħed jew aktar jew obbligi simili stabbiliti bejn l-istess partijiet jew le; għal dan l-iskop, 'kuntratt' jinkludi kwalunkwe garanzija jew kontro-garanzija partikolarment finanzjarja u kwalunkwe kreditu sew jekk legalment indipendenti jew mhux, u kull dispożizzjoni relatata li toriġina mit-transazzjoni jew tkun marbuta magħha;

(m) 'pretensjoni', kwalunkwe talba għal kumpens jew kwalunkwe talba oħra ta' dan it-tip, bħal talba għal kumpens jew talba fil-forma ta' garanzija, partikolarment kwalunkwe talba li timmira li tikseb l-estensjoni jew il-ħlas ta' garanzija jew ta' kontro-garanzija partikolarment finanzjarji, tkun xi tkun il-forma;

(n) 'persuna, entità jew korp fl-Iran' tfisser:

(i) l-Istat tal-Iran jew xi awtorità pubblika ta' dan l-Istat;

(ii) kull persuna fiżika li tinsab fl-Iran jew residenti hemmhekk;

(iii) kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkollhom l-uffiċċju reġistrat fl-Iran;

(iv) kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp ikkontrollati direttament jew indirettament minn waħda, jew aktar, mill-persuni msemmija hawn fuq.

▼C1

Artikolu 2

►M3 1. ◄ Għandu jkun projbit

(a) il-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni, dirett jew indirett, ta' l-oġġetti u t-teknoloġija li ġejjin, kemm jekk joriġinaw fil-Komunità kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għal użu fl-Iran:

(i) l-oġġetti u t-teknoloġiji kollha li jinsabu fil-listi tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari u tar-Reġim ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili. Dawn l-oġġetti u teknoloġija huma elenkati fl-Anness I;

▼C1

(ii) oġġetti u teknoloġija oħra stabbiliti mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti bħala oġġetti u teknoloġiji li jistgħu jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' l-Iran relatati ma' l-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati ma' l-ilma tqil, jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari. Dawn l-oġġetti u teknoloġija huma ukoll elenkati fl-Anness I;

▼M7

(iii) ċerti oġġetti u teknoloġiji oħrajn li jistgħu jkunu ta' kontribut fir-rigward ta' attivitajiet ta' arrikkiment, riproċessar jew li jkunu marbuta ma' ilma tqil, għall-iżvilupp ta' sistema ta' sparar ta' armi nukleari jew biex isiru attivitajiet marbuta ma' kwistjonijiet oħra li dwarhom l-IAEA esprimiet tħassib jew li identifikat bħala pendenti. Dawn l-oġġetti u teknoloġija huma elenkati fl-Anness I*A*.

▼C1

(b) il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjoni msemmija fil-punt (a).

▼M3

2. L-Anness I m'għandux jinkludi l-prodotti u t-teknoloġija inklużi fil-Lista Militari Komuni ta' l-Unjoni Ewropea ([1]).

▼C1

Artikolu 3

1. Tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel għall-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni, dirett jew indirett, ta' l-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness II, kemm jekk joriġinaw fil-Komunità kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għal użu fl-Iran.

▼M7

1a. Għall-esportazzjonijiet kollha li għalihom hi meħtieġa awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament, awtorizzazzjoni bħal din għandhd tingħata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn l-esportatur huwa stabbilit u f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2000. L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida fil-Komunità kollha.

▼C1

2. L-Anness II għandu jinkludi kwalunkwe oġġetti u teknoloġija minbarra dawk inklużi fl-Anness I, li jistgħu jikkontribwixxu għal attivitajiet relatati ma' l-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati ma' l-ilma tqil, għall-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari, jew għat-twettiq ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħra li dwarhom l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika (IAEA) esprimiet tħassib jew identifikathom bħala pendenti.

3. L-esportaturi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikat fil-*websites* elenkati fl-Anness III, m'għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' l-oġġetti jew teknoloġija inklużi fl-Anness II, jekk huma jiddeterminaw li dan il-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għall-waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) attivitajiet ta' l-Iran relatati ma' l-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati ma' l-ilma tqil;

(b) l-iżvilupp mill-Iran ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari, jew

([1]) ĠU L 88, 29.3.2007, p. 58.

▼C1

(ċ) it-twettiq mill-Iran ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħra li dwarhom l-IAEA esprimiet tħassib jew identifikathom bħala pendenti.

5. Skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikat fil-*websites* elenkati fl-Anness III, jistgħu jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni li huma jkunu diġà taw.

6. Fejn huma jirrifjutaw li jagħtu awtorizzazzjoni, jew jannullaw, jissospendu, jillimitaw sostanzjalment jew jirrevokaw awtorizzazzjoni skond il-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan u għandhom jaqsmu l-informazzjoni rilevanti magħhom, waqt li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rigward il-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar kwistjonijiet doganali u agrikoli ([1]).

7. Qabel ma' Stat Membru jagħti awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni li tkun ġiet miċħuda minn Stat Membru ieħor jew Stati Membri oħra, skond il-paragrafu 4, għal operazzjoni essenzjalment identika u li għaliha ċ-ċaħda għadha valida, huwa għandu l-ewwel jikkonsulta lill-Istat Membru jew Stati Membri li jkunu ħarġu ċ-ċaħda kif previst fil-paragrafi 5 u 6. Jekk, wara tali konsultazzjonijiet, l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li jagħti awtorizzazzjoni, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan, waqt li jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha biex jispjega d-deċiżjoni.

Artikolu 4

▼M7

Huwa pprojbit li jinkisbu, jiġu importati jew ittrasportati mill-Iran l-oġġetti u t-teknoloġiji elenkati fl-Annessi I u IA, kemm jekk l-artikolu kkonċernat ikun joriġina fl-Iran, kif ukoll jekk le.

Artikolu 4a

Sabiex ma jsirx it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji elenkati fl-Annessi I u IA, l-inġenji tal-ajru tal-merkanzija u l-bastimenti tal-merkanzija ta' proprjetà jew ikkontrollati minn Iran Air Cargo u Islamic Republic of Iran Shipping Line għandhom ikunu mitluba jippreżentaw informazzjoni ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq, għall-oġġetti kollha miġjuba fil-Komunità jew maħruġa barra mill-Komunità, lill-awtoritajiet doganali kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

Ir-regoli dwar l-obbligu tal-forniment ta' informazzjoni ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq, partikolarment il-limiti taż-żmien li għandhom ikunu rrispettati u d-data meħtieġa, għandhom ikunu stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti dwar id-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u l-ħruġ, kif ukoll id-dikjarazzjoni doganali fir-Regolament Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2005 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]) u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1875/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([3]).

([1]) ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).
([2]) ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13.
([3]) ĠU L 360, 19.12.2006, p. 64.

▼M7

Barra minn hekk, Iran Air Cargo u Islamic Republic of Iran Shipping Line jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jiddikjaraw jekk il-merkanzija hija koperta mir-Regolament KE 1334/2000 jew dan ir-Regolament u, jekk il-merkanzija hija soġġetta għar-rekwiżiti ta' liċenzja tal-esportazzjoni, jispeċifikaw id-dettalji tal-liċenzja mogħtija lilhom.

▼M8

Sal-31 ta' Diċembru 2010, id-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u l-ħruġ u l-elementi adizzjonali meħtieġa msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu ppreżentati bil-miktub, bl-użu ta' informazzjoni kummerċjali, portwali jew tat-trasport, bil-kondizzjoni li din tkun tinkludi d-dettalji neċessarji.

Mill-1 ta' Jannar 2011, l-elementi addizzjonali meħtieġa msemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu ppreżentati bil-miktub jew bl-użu tad-dikjarazzjonijiet fil-qosor ta' dħul u ħruġ, kif ikun adatt.

▼C1

Artikolu 5

▼M7

1. Għandu jiġi pprojbit:

(a) li tkun ipprovduta, b'mod dirett jew indirett, assistenza teknika mal-prodotti u t-teknoloġiji elenkati fil-lista komuni tat-tagħmir militari tal-Unjoni Ewropea, jew marbuta mal-provista, mal-manifattura, mal-manutenzjoni jew mal-użu tal-oġġetti li jidhru f'din il-lista, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, lil kwalunkwe entità jew lil kwalunkwe korp li jinsabu fl-Iran, jew bi skopijiet ta' użu f'dan il-pajjiż;

(b) li tkun ipprovduta, b'mod dirett jew indirett, assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati mal-oġġetti u t-teknoloġiji elenkati fl-annessi I ju Ia, jew marbuta mal-provista, mal-manifattura, mal-manutenzjoni jew mal-użu tal-oġġetti elenkati fl-Annessi I u Ia, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, lil kwalunkwe entità jew lil kwalunkwe korp li jinsabu fl-Iran jew bi skopijiet ta' użu f'dan il-pajjiż;

(c) li jkunu pprovduti investimenti lil impriżi li jipparteċipaw, fl-Iran, fil-manifattura tal-oġġetti u t-teknoloġiji elenkati fil-lista komuni tat-tagħmir militari tal-Unjoni Ewropea jew fl-Annessi I u Ia;

(d) li jkun ipprovdut, direttament jew indirettament, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata mal-oġġetti u t-teknoloġiji elenkati fil-lista komuni tat-tagħmir militari tal-Unjoni Ewropea jew fl-Annessi I u I*a*, inklużi b'mod partikolari sussidji, self jew assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, kwalunkwe forniment, kwalunkwe trasferiment jew kwalunkwe esportazzjoni ta' tali prodotti, jew għal kwalunkwe għoti ta' assistenza teknika relatata, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, kwalunkwe entità jew korp fl-Iran, jew bi skopijiet ta' użu f'dan il-pajjiż;

(e) il-parteċipazzjoni, konxjament jew bi ħsieb, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun li jiġu evitati l-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d).

▼C1

2. Il-forniment ta':

(a) assistenza teknika jew servizzi ta' sensarija relatati ma' l-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness II, u għall-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran, jew għall-użu, fl-Iran;

(b) li jkun ipprovdut investiment lil intrapriżi fl-Iran involuti fil-manifattura ta' oġġetti u teknoloġija kif elenkati fl-Anness II;

▼C1

(ċ) finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' l-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fl-Anness II, inklużi b'mod partikolari l-għotjiet, is-self u l-assigurazzjoni fuq il-kreditu ta' esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-prodotti, jew għal kwalunkwe għoti ta' assistenza teknika relatata, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp, fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;

għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikat fil-*websites* elenkati fl-Anness III, m'għandhomx jagħtu ebda awtorizzazzjoni għal-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, jekk huma jiddeterminaw li l-azzjoni tista tikkontribwixxi għal waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) attivitajiet ta' l-Iran relatati ma' l-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati ma' l-ilma tqil;

(b) l-iżvilupp mill-Iran ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari, jew

(ċ) it-twettiq mill-Iran ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħra li dwarhom l-IAEA esprimiet tħassib jew identifikathom bħala pendenti.

Artikolu 6

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikat fil-*websites* elenkati fl-Anness III, jistgħu jagħtu, taħt tali termini u kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, awtorizzazzjoni għal operazzjoni fir-rigward ta' oġġetti u teknoloġija, assistenza, investiment jew servizzi ta' sensarija msemmija fl-Artikoli 2 jew 5(1), fejn il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina bil-quddiem u fuq bażi ta' każ b'każ li l-operazzjoni tikkontribwixxi b'mod ċar la għall-iżvilupp ta' teknoloġiji b'appoġġ ta' l-attivitajiet nukleari ta' l-Iran sensittivi għall-proliferazzjoni, u l-anqas għall-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja għall-iżvilupp ta' armi nukleari, inkluż fejn tali oġġetti u teknoloġija, assistenza, investiment jew servizzi ta' sensarija huma għall-ikel, agrikoltura, finijiet mediċi jew finijiet umanitarji oħra, sakemm:

(a) il-kuntratt tal-konsenja ta' l-oġġetti jew teknoloġija, jew għall-forniment ta' assistenza, jinkludi garanziji xierqa għall-utent aħħari, u

(b) l-Iran impenja ruħu li ma jużax l-oġġetti jew teknoloġija kkonċernata, jew jekk applikabbli, l-assistenza kkonċernata, f'attivitajiet nukleari sensittivi għall-proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja għall-iżvilupp ta' armi nukleari.

Artikolu 7

▼M7

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma ta' proprjetà tal-persuni, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness IV, kif ukoll il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li dawn il-persuni, l-entitajiet jew il-korpi jipposjedu, iżommu jew jikkontrollaw, għandhom jiġu ffriżati. L-Anness IV għandu jinkludi l-persuni, l-entitajiet u l-korpi magħżula mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, skond il-paragrafu 12 tar-Riżoluzzjoni 1737 (2006) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-paragrafu 7 tar-Riżoluzzjoni 1803 (2008) tiegħu.

▼C1

2. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma l-proprjetà ta', huma miżmuma jew huma kkontrollati mill-persuni, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness IV għandhom ikunu ffriżati. L-Anness V għandu jinkludi persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi, mhux koperti mill-Anness IV, li, f'konformità ma'

▼C1

l-Artikolu 5(1)(b) tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK, ġew identifikati li

(a) kienu involuti fi, assoċjati direttament ma, jew jipprovdu appoġġ għall-attivitajiet nukleari ta' l-Iran sensittivi għall-proliferazzjoni, jew

(b) kienu involuti fi, assoċjati direttament ma, jew jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp ta' l-Iran ta' sistemi ta' konsenja għall-iżvilupp ta' armi nukleari, jew

(ċ) jaġixxu f'isem jew skond id-direzzjoni ta' persuna, entità jew korp imsemmi taħt (a) jew (b), jew

(d) huma persuna ġuridika, entità jew korp proprjetà ta' jew ikkontrollati minn persuna, entità jew korp imsemmija taħt (a) jew (b), inkluż permezz ta' mezzi illeċiti.

3. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom jintgħamlu disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Annessi IV u V.

4. Il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonata, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu, direttament jew indirettament, l-evażjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tiġi pprojbita.

Artikolu 8

B'deroga mill-Artikolu 7, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikat fil-*websites* elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M3

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' rahan ġuridiku, amministrattiv jew arbitrali stabbilit qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-grupp imsemmi fl-Artikolu 7 ġie magħżul mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, il-Kunsill ta' Sigurtà jew mill-Kunsill jew minn sentenza ġuridika, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data.

▼C1

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklussivament biex jissodisfaw pretensjonijiet magħmula bis-saħħa ta' tali garanzija jew rikonoxxuti bħala validi b'tali sentenza, fil-limiti stabbiliti minn liġijiet u regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li għandhom tali pretensjonijiet;

(ċ) il-garanzija jew is-sentenza mhux għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp elenkat fl-Anness IV jew V;

(d) ir-rikonoxximent tal-garanzija jew tas-sentenza ma jmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat; u

(e) jekk japplika l-Artikolu 7(1), il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ġie innotifikati mill-Istat Membru dwar il-garanzija jew is-sentenza.

Artikolu 9

B'deroga mill-Artikolu 7 u sakemm il-ħlas minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV jew V huwa dovut taħt kuntratt, ftehim jew obbligu li kien konklużż minn, jew irriżulta għall-persuna, entità jew korp ikkonċernat, qabel id-data meta dik il-persuna, entità jew korp kienu maħtura mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, il-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kunsill, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikati fil-*websites* elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw, taħt tali

▼C1

kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti kkonċernata ddeterminat li:

(i) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi għandhom jintużaw għall-pagament minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV jew V;

(ii) il-kuntratt, il-ftehim jew l-obbligu mhux ser jikkontribwixxu għall-manifattura, bejgħ, xiri, trasferiment, esportazzjoni, importazzjoni, trasport jew użu ta' oġġetti u teknoloġija elenkati fl-Annessi I u II; u

(iii) il-ħlas mhuwiex bi ksur ta' l-Artikolu 7(3);

(b) jekk japplika l-Artikolu 7(1), l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunx oġġezzjona għal dik l-azzjoni fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol min-notifika; u

(ċ) jekk japplika l-Artikolu 7(2), l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika dik id-determinazzjoni ta' l-awtorità kompetenti tiegħu u l-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni lill-Istat Membru l-ieħor u lill-Kummissjoni ta' l-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 10

1. B'deroga mill-Artikolu 7, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikati fil-*websites* elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew id-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(a) l-awtorità kompetenti kkonċernata ddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma:

(i) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness IV jew V, u l-membri dipendenti tal-familji tagħhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew garanziji ipotekarji, mediċini u trattament mediku, taxxi, ħlas ta' assigurazzjoni, u ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

(ii) maħsuba esklusivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li huma konnessi mal-forniment ta' servizzi legali; jew

(iii) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' miżati jew il-ħlasijiet ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; u

(b) jekk l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV, l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunx oġġezzjona għal dik l-azzjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol min-notifika.

2. B'deroga mill-Artikolu 7, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikati fil-*websites* elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew id-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma meħtieġa għal spejjeż straordinarji, sakemm

(a) jekk l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ġie notifikat dwar din id-determinazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat u li d-determinazzjoni ġiet approvata minn dak il-Kumitat, u

▼C1

(b) jekk l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness V, l-awtorità kompetenti nnotifikat ir-raġunijiet li fuqhom tikkunsidra li awtorizzazzjoni speċifika għandha tingħata lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra ta' l-Istati Membri u lill-Kummissjoni ta' l-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

3. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 11

1. L-Artikolu 7(3) ma għandux jipprevjeni lil istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fil-Komunità milli jikkreditaw kontijiet iffriżati fejn jirċievu fondi trasferiti minn partijiet terzi fil-kont tal-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, sakemm kwalunkwe żieda għal tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tgħarraf bla dewmien lill-awtoritajiet kompetenti b'tali operazzjonijiet.

2. L-Artikolu 7(3) m'għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

▼M3

(b) payments due under contracts, agreements or obligations that were concluded or arose before the date on which the person, entity or body referred to in Article 7 has been designated by the Sanctions Committee, the Security Council or by the Council;

▼C1

bil-kondizzjoni li kwalunkwe imgħax, dħul ieħor u ħlasijiet bħal dawn huma ffriżati skond l-Artikolu 7(1) jew 7(2).

▼M7

Artikolu 11a

1. L-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18, fl-attivitajiet tagħhom mal-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu msemmija fil-paragrafu 2, u sabiex jiġi evitat li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għal attivitajiet nukleari b'riskju ta' proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' sparar ta' armamenti nukleari:

(a) jeżerċitaw viġilanza kontinwa fuq l-attivitajiet tal-kontijiet, inkluż permezz tal-programmi tagħhom ta' miżuri ta' viġilanza tal-klijenti u skond l-obbligi marbuta mal-*money laundering* u mal-finanzjament tat-terroriżmu;

(b) jeżiġu li s-sessjonijiet kollha fl-istruzzjonijiet ta' ħlas li huma marbuta mal-oriġinatur u mal-benefiċjarju tat-transazzjoni in kwistjoni jimtlew u, jekk dik l-informazzjoni ma tingħatax, jiċħdu t-transazzjoni;

(c) iżommu d-dokumentazzjoni kollha dwar it-transazzjonijiet għal perijodu ta' ħames snin u jqegħduhom għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali meta jintalbu;

(d) jekk jissuspettaw jew ikollhom raġunijiet tajba biex jissuspettaw li l-fondi jkunu marbuta ma' ffinanzjar tal-proliferazzjoni, għandhom jgħarrfu b'dan minnufih lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) jew xi awtorità kompetenti oħra maħtura mill-Istat Membru kkonċernat, kif indikat fis-siti tal-internet elenkati fl-Anness III, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 5 u 7. L-UIF jew l-awtorità l-oħra kompetenti in kwistjoni sservi ta' ċentru nazzjonali fejn jiġu rċevuti u analizzati d-dikjarazzjonijiet dwar transazzjonijiet li jnisslu suspett dwar iffinanzjar potenzjali tal-proliferazzjoni. L-UIF jew l-awtorità l-oħra kompetenti jkollha aċċess, direct jew indirett, tempestivament, għall-informazzjoni finanzjarja, amministrattiva u ġudizzjarja li tkun

▼M7

teħtieġ sabiex twettaq din il-funzjoni b'mod adegwat, inkluż l-analiżi ta' dikjarazzjonijiet dwar transazzjonijiet li jnisslu suspett.

2. Il-miżuri mħabbra fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għall-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu fl-attivitajiet tagħhom ma':

(a) l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji domiċiljati fl-Iran, b'mod partikolari l-Bank Saderat;

(b) il-fergħat u s-sussidjarji, meta jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18, tal-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu domiċiljati fl-Iran, kif elenkati fl-Anness VI;

(c) il-fergħat u s-sussidjarji, meta ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18, tal-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu domiċiljati fl-Iran, kif elenkati fl-Anness VI;

(d) l-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu li la huma domiċiljati fl-Iran u lanqas jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18, iżda li huma kkontrollati minn persuni u entitajiet domiċiljati fl-Iran, kif elenkati fl-Anness VI.

Artikolu 11b

1. Il-fergħat u s-sussidjarji tal-Bank Saderat li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18 għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, kif indikat fis-siti tal-internet elenkati fl-Anness III, bit-trasferimenti kollha ta' fondi mwettqa jew irċevuti minnhom, bl-ismijiet tal-partijiet, bl-ammont u bid-data tat-transazzjoni, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li t-trasferimenti ta' fondi msemmija jkunu saru jew irċevuti. Jekk l-informazzjoni tkun disponibbli, id-dikjarazzjoni għandha tippreċiża n-natura tat-transazzjoni u, jekk ikun il-każ, in-natura tal-oġġetti li dwarhom tkun saret it-transazzjoni u b'mod partikolari tindika jekk dawn humiex oġġetti koperti mir-Regolament (KE) Nru 1334/2000 jew minn dan ir-Regolament u, jekk l-esportazzjoni tagħhom hija soġġetta għal awtorizzazzjoni, jippreċiżaw in-numru tal-liċenzja mogħtija.

2. Soġġett għall-arranġamenti ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni, u skond dawn l-istess arranġamenti, l-awtoritajiet kompetenti notifikati għandhom mingħajr dewmien jgħaddu din l-informazzjoni, skond il-ħtiġiet, biex tiġi evitata kwalunkwe transazzjoni li tista' tikkontribwixxi għal attivitajiet nukleari b'riskju ta' proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' sparar ta' armamenti nukleari, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, fejn il-kontropartijiet għal tali transazzjonijiet ikunu stabbiliti.

▼C1

Artikolu 12

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li wieħed jagħmel fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli, magħmula bi skop tajjeb u bil-konvinzjoni li tali azzjoni hi konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandhomx joħolqu responsabbiltà ta' kwalunkwe tip minn naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawha, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma bħala riżultat ta' negliġenza.

▼M7

2. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(d) u fl-Artikolu 7(3) m'għandhom jinvolvu, għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew l-entitajiet ikkonċernati, ebda tip ta' responsabiltà, jekk dawn ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu qed jiksru dawn il-projbizzjonijiet.

▼M7

3. L-iżvelar in bona fede, kif previst fl-Artikoli 11a u 11b, minn istituzzjoni jew persuna koperta minn dan ir-Regolament, jew minn impjegat jew direttur ta' tali istituzzjoni jew persuna, tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 11a u 11b m'għandha tinvolvi ebda tip ta' responsabiltà għall-istituzzjoni jew persuna jew id-diretturi jew l-impjegati tagħha.

Artikolu 12a

1. M'għandha tintlaqa' ebda talba għal kumpens u lanqas ebda talba oħra ta' dan it-tip, bħal talba għal kumpens jew talba fil-forma ta' garanzija, partikolarment talba bil-għan li tinkiseb l-estensjoni jew il-ħlas ta' garanzija jew ta' kontro-garanzija partikolarment finanzjarja, tkun xi tkun il-forma, ippreżentata minn:

(a) persuni, entitajiet jew korpi indikati elenkati fl-Annessi IV, V u VI;

(b) kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran, inkluż il-gvern tal-Iran;

(c) kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxi permezz ta' jew f'isem waħda minn dawn il-persuni jew entitajiet;

fil-każ ta' kwalunkwe kuntratt jew operazzjoni li jkunu ġew eżegwiti, direttament jew indirettament, totalment jew parzjalment, bil-miżuri imposti minn dan ir-regolament.

2. L-eżekuzzjoni ta' kuntratt jew transazzjoni għandha tkun ikkunsidrata bħala affettwata mill-miżuri imposti minn dan ir-Regolament meta l-eżistenza jew il-kontenut tal-pretensjoni jirriżultaw direttament jew indirettament minn dawn il-miżuri.

3. F'kull proċedura għall-infurzar ta' pretensjoni, l-obbligu biex ikun ippruvat il-fatt li l-ilqugħ tat-talba mhux projbit mill-paragrafu 1, għandu jkun fuq il-persuna li tkun qed titlob l-infurzar ta' dik il-pretensjoni.

▼C1

Artikolu 13

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni, l-entitajiet u l-korpi naturali u ġuridiċi għandhom:

(a) jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni li tista' tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati skond l-Artikolu 7, lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikati fil-*websites* elenkati fl-Anness III, fejn huma residenti jew jinsabu, u għandhom jittrasmettu tali informazzjoni, direttament jew permezz ta' l-Istati Membri, lill-Kummissjoni;

(b) jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti, kif indikati fil-*websites* elenkati fl-Anness III, fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe tagħrif addizzjonali riċevut mill-Kummissjoni b'mod direct għandu jkun magħmul disponibbli lill-Istat Membru kkonċernat.

3. Kwalunkwe informazzjoni li tingħata jew tiġi rċevuta skond dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-għanijiet li għalihom tkun ġiet provduta jew irċevuta.

Artikolu 14

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom minnufih jinformaw lil xulxin bil-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u għandhom ifornu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li jkollhom għaddispożizzjoni tagħhom b'konnessjoni ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni fir-rigward ta' problemi ta' vjolazzjonijiet u infurzar u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali.

▼C1

Artikolu 15

1. Il-Kummissjoni għandha:

(a) temenda l-Anness I abbażi tad-determinazzjonijiet li jsiru minn jew il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;

(b) temenda l-Anness III abbażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri;

(ċ) temenda l-Anness IV abbażi tad-determinazzjonijiet li jsiru minn jew il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

▼M7

(d) temenda l-Anness VI skond id-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tal-Annessi III u IV tal-Pożizzjoni Komuni 2008/652/PESK.

▼C1

2. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu jistabbilixxi, jirrevedi u jemenda l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 7(2) u f'konformità sħiħa mad-determinazzjonijiet li jsiru mill-Kunsill fir-rigward ta' l-Anness II għall-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK. Il-lista fl-Anness V għandha tiġi riveduta f'intervalli regolari u ta' l-inqas kull 12-il xahar.

3. Il-Kunsill għandu jiddikjara raġunijiet individwali u speċifiċi għal deċiżjonijiet meħuda skond il-paragrafu 2 u jagħmilhom magħrufa lill-persuni, entitajiet u korpi kkonċernati.

Artikolu 16

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implementati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 17

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru lill-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fi jew permezz tal-*websites* elenkati fl-Anness III.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Komunità;

(b) abbord kwalunkwe inġenju ta' l-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

(ċ) għal kwalunkwe persuna ġewwa jew barra t-territorju tal-Komunità li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

▼C1

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe kummerċ imwettaq, kollu kemm hu jew parti minnu, ġewwa l-Komunità.

Artikolu 19

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M4

ANNESS I

Oġġetti u teknoloġija msemmija f'Artikoli 2,4 u 5(1)

NOTI TA' INTRODUZZJONI

Fejn hu possibbli, l-oġġetti f'dan l-Anness huma definiti b'referenza għal-lista ta' oġġetti b' użu doppju kif murija f'Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1334/2000, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2007 ([1]).

Id-deskrizzjonijiet ta' l-oġġetti f'dan l-Anness huma spissi, imma mhux dejjem identiċi jew simili għad-deskrizzjonijiet ta' l-oġġetti kif murija fil-lista ta' oġġeti b' użu doppju. Kull deskrizzjoni hija bbażata sa fejn hu possibbli fuq dik ta' l-ewwel oġġett b' użu doppju li ssir referenza għalih. Fejn hemm differenzi bejn iż-żewġ deskrizzjonijiet, id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti jew teknoloġija li qiegħda f'dan l-Anness għandha tkun dik deċiżiva. Sabiex l-affarijiet ikunu ċari, l-asterisk tindika li deskrizzjoni hija bbażata fuq id-deskrizzjoni ta' l-oġġett b' użu doppju li saret referenza għalih, imma jkollha valuri differenti għall-parametri tekniċi li ġew użati jew tkun neħħiet jew żiedet xi elementi speċifiċi.

Jekk parti biss mill-firxa ta' oġġett b' użu doppju li ssir referenza għalih, tkun koperta b'annotazzjoni f'dan l-Anness, in-numru ta' referenza li jittieħed mil-lista ta' oġġetti b' użu duppju jkollha 'ex' qabilha.

Għad-definizzjonijiet tat-termini bejn "il-virgoletti doppji" jekk jogħġbok irreferi għar-Regolament (KE) Nru 1183/2007.

L-Anness ma jinkludix oġġetti jew teknoloġija (inkluż is-software) inklużi fil-Lista Militari Komuni ta' l-Unjoni Ewropea ([2]). Skond l-Artikolu 1(1)(ċ) tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140/CFSP ([3]), l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jipprojbixxu l-forniment dirett jew indirett, bejgħ jew trasferiment ta' tali oġġetti jew teknoloġija lejn l-Iran.

Noti ġenerali

1. Għal kontroll ta' oġġetti li huma ddisinjati jew modifikati għal użu militari, ara l-lista(i) ta' kontrolli jew projbizzjonijiet fuq l-oġġetti militari miżmuma mill-Istati Membri individwali. Ir-referenzi f'dan l-Anness li jgħidu "Ara wkoll Kontrolli ta' Oġġetti Militari" jirreferu għall-istess listi.

2. L-iskop tal-projbizzjonijiet misjuba fl-Anness m'għandhomx jingħelbu mill-esportazzjoni ta' kull oġġetti mhux pprojbiti (li jinkludu pjanti) li jinkludu wieħed jew aktar mill-komponenti pprojbiti meta l-komponent jew komponenti pprojbiti huma l-element prinċipali ta' l-oġġetti u jistgħu possibbilment jitneħħew jew użati għal għanijiet oħra.

   N.B.: Fil-ġudizzju jekk il-komponent jew komponenti pprojbiti għandhomx ikunu kkonsidrati l-element prinċipali, huwa neċessarju li tiżen il-fatturi ta' kwantità, valur u l-għerf tas-sengħa teknoloġika involuti u ċirkostanzi speċjali oħra li jistgħu jistabbilixxu il-komponent jew komponenti pprojbiti bħala l-element prinċipali ta' l-oġġetti li qegħdin jiġu pprokurati.

3. Oġġetti speċifikati f'dan l-Annes jinkludu kemm l-oġġetti ġodda u anke l-użati.

Nota fuq it-Teknoloġija Nukleari (NTN)

(Biex tinqara flimkien ma' Sezzjoni I.0.B.)

Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' "teknoloġija" direttament assoċjata ma' kwalunkwe oġġett li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tiegħu fit-Taqsima I.0.A huwa pprojbit skond id-dispożizzjonijiet tal-Kategorija I.0.

"Teknoloġija" għall-"progress", "produzzjoni" jew "użu" ta' oġġetti taħt projbizzjoni jibqgħu taħt kontroll anke meta applikabbli ma' oġġetti mhux ipprojbiti.

([1]) ĠU L 278, 22.10.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 88, 29.3.2007, p. 58.
([3]) ĠU L 61, 28.2.2007, p. 49 Il-Pożizzjoni Komuni kif emendata mill-Pożizzjoni Komuni 2007/246/CFSP (ĠU L 106, 24.4.2007, p. 67).

▼M4

L-approvazzjoni ta' oġġetti għal esportazzjoni approvata skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 423/2007, jawtorizza wkoll l-esportazzjoni ta' l-istess utent finali tat-"teknoloġija" minima meħtieġa għall-installazzjoni, operazzjoni, manutenzjoni u tiswija ta' l-oġġetti.

Il-projbizzjonijiet fuq trasferiment ta' "teknoloġija" ma japplikawx għal informazzjoni "fl-isfera pubblika" jew għal "riċerka xjentifika bażika".

Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija (GTN)

(Li għandha tinqara flimkien mat-Taqsimiet I.1B, I.2B, I.3B, I.4B, I.5B, I.6B, I.7B u I.9B.)

Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' "teknoloġija" li hi "meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' oġġetti li l-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti fil-Kategoriji I.1 sa 9, huma pprojbiti skond id-dispożizzjonijiet tal-Kategoriji I.1 sa I.9.

"Teknoloġija""meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' oġġetti taħt projbizzjoni tibqa' pprojbita anke meta tkun applikabbli għal oġġetti mhux ipprojbiti.

Il-projbizzjonijiet ma japplikawx għal dik it-"teknoloġija" li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni (iċċekjar) u għat-tiswija ta' dawk l-oġġetti li mhumiex pprojbiti jew li l-esportazzjoni tagħhom ġiet awtorizzata skond ir-Regolament (KE) Nru 423/2007.

Il-projbizzjonijiet fuq trasferiment ta' "teknoloġija" ma japplikawx għal informazzjoni "ta' dominju pubbliku", għal "riċerka xjentifika bażika" jew għall-informazzjoni minima neċessarja għal applikazzjonijiet ta' privattivi.

Nota Ġenerali dwar is-*Software* (GSN)

(Din in-nota tegħleb kwalunkwe projbizzjoni fit-taqsimiet I.0B, I.1B, I.2B, I.3B, I.4B, I.5B, I.6B, I.7B and I.9B.)

Kategoriji I.0 sa I.9 ta' din il-lista ma jipprojbixxux "software" li jew huwa:

a. Ġeneralment disponibbli għall-pubbliku billi jkun:

   1. Mibjugħ mill-ħażniet f'postijiet ta' bejgħ bl-imnut, mingħajr restrizzjoni, permezz ta':

      a. Transazzjonijiet fil-ħwienet;

      b. Transazzjonijiet permezz ta' ordnijiet bil-posta;

      ċ. Transazzjonijiet elettroniċi; jew

      d. Transazzjonijiet ta' ordni bit-telefon; u

   2. Ikun iddisinjat għall-istallazzjoni mill-utent mingħajr aktar sostenn sostanzjali mill-fornitur; jew

b. "Fl-isfera pubblika"

▼M4

I.0

MATERJALI, FAĊILITAJIET, U APPARAT NUKLEARI

I.0A Oġġetti

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.0A.001	0A001	"Reatturi Nukleari" u tagħmir u komponenti ddisinjati jew ippreparati apposta għalihom, kif ġej: a. "Reatturi Nukleari" kapaċi li jaħdmu sabiex iżommu katina ta' reazzjoni ta' fissjoni kkontrollata li ssostni lilha nnifisha; b. Kontenituri tal-metall, jew partijiet ewlenin prodotti fil-fabbrika għalihom, iddisnjati jew ippreparati apposta sabiex jinkludu l-qalba ta' "reattur nukleari", inkluża l-parti ta' fuq tal-kontenitur tar-reattur għal kontenitur tal-pressjoni ta' reattur; ċ. Tagħmir manipulattiv iddisinjat apposta jew ippreparat sabiex jinserixxi jew ineħħi l-karburant f' "reattur nukleari"; d. Vireg tal-kontroll iddisinjati apposta jew ippreparati għall-kontroll tal-proċess ta' fissjoni f'"reattur nukleari", strutturi ta' appoġġ jew ta' sospensjoni għalihom, mekkaniżmi li jħaddmu l-vireg u tubi gwida tal-vireg; e. Tubi ta' pressjoni ddisinjati apposta jew ippreparati sabiex ikun fihom elementi ta' karburant u l-aġent tat-tkessiħ primarju f' "reattur nukleari" fi pressjoni operattiva ta' aktar minn ta' 5,1 MPa; f. Metall u liegi taż-żirkonju fil-forma ta' tubi jew assemblaġġi ta' tubi li fihom il-proporzjon ta' ħafnju għal żirkonju huwa inqas minn 1:500 partijiet bl-użin, iddisinjati apposta jew ippreparati għall-użu f' "reattur nukleari"; g. Pompi ta' aġenti tat-tkessiħ iddisinjati apposta jew ippreparati għaċ-ċirkulazzjoni ta' l-aġent tat-tkessiħ primarju ta' "reatturi nukleari"; h. 'Interni ta' reatturi nukleari' ddisinjati apposta jew ippreparati għall-użu f' "reattur nukleari", inklużi kolonni ta' appoġġ għall-qalba, kanali tal-karburant, tarki termali, defletturi, pjanċi tal-grilja tal-qalba, u pjanċi ta' diffużjoni; *Nota: Fil-I.0A.001.h. "interni tar-reattur nukleari" tfisser kull struttura ewlenija fir-reċipjent tar-reattur li għandha wieħed jew iktar funzjonijiet bħal tappoġġja l-parti ċentrali, żżomm l-allinjament tal-karburant, tidderieġi l-fluss tal-likwidu tat-tkessiħ primarju, tipprovdi tarki tar-radjazzjoni għar-reċipjent tar-reattur, u tiggwida l-istrumentazzjoni fil-parti ċenrali.* i. Tagħmir għat-trasferiment tas-sħana (ġeneraturi ta' l-istim) iddisinjati apposta jew ippreparati għal użu fiċ-ċirkwit ta' l-aġent tat-tkessiħ primarju ta' "reattur nukleari"; j. Strumenti għar-rilevament u t-tkejjil tan-newtroni ddisinjati apposta jew ippreparati sabiex jiddeterminaw il-livelli ta' fluss ta' newtroni fil-qalba ta' "reattur nukleari".
I.0A.002	*ex* 0B001* (0B001.a, 0B001.b.1-13, 0B001.ċ, 0B001.d 0B001.e 0B001.f 0B001.g 0B001.h 0B001.i u 0B001.j)	Impjant għas-separazzjoni ta' iżotopi ta' "uranju naturali", "uranju mfaqqar" u "materjali fissili speċjali", u tagħmir u komponenti ddisinjati apposta jew ippreparati għalihom, kif ġej: a. Impjant iddisinjat apposta għas-separazzjoni ta' iżotopi ta' "uranju naturali", "uranju mfaqqar", u "materjali fissili speċjali", kif ġej: 1. Impjant għas-separazzjoni b'ċentrifuga tal-gass; 2. Impjant għas-separazzjoni b'diffużjoni gassuża; 3. Impjant għas-separazzjoni aerodinamika; 4. Impjant għas-separazzjoni bi skambju kimiku; 5. Impjant għas-separazzjoni ta' skambji-joniċi; 6. Impjant għas-separazzjoni iżotopika ta' fwar atomiku bil-laser (AVLIS); 7. Impjant għas-separazzjoni iżotopika molekulari bil-"laser" (MLIS); 8. Impjant għas-separazzjoni bil-plażma;

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		9. Impjant għas-separazzjoni elettromanjetika; b.* Ċentrifugi tal-gass u assemblaġġi u komponenti, iddisinjati apposta jew ippreparati għal proċess ta' separazzjoni b'ċentrifugi tal-gass, kif ġej: *Nota: Fil-I.0A.002.b. "materjal ta' proporzjon saħħa-għal-densità għolja" tfisser kull waħda minn dawn li ġejjin:* *a. Azzar maraging kapaċi ta' piż li jiflaħ mingħajr jinqata' finali ta' 2 050 MPa jew aktar;* *b. Liegi ta' l-aluminju b'limitu ta' reżistenza għat-tensjoni ta' 460 MPa jew aktar; jew* *ċ. "Materjali fibrużi jew bil-filamenti" b' "modulus speċifiku" ta' iktar minn 3,18 × 10^6 m u ta' "reżistenza għat-tensjoni speċifika" ikbar minn 76,2 × 10^3 m;* 1. Ċentrifugi tal-gass; 2. Assemblaġġi ta' skrejjen kompleti; 3. Ċilindri ta' tubu ta' rotor bi ħxuna ta' 12 mm jew inqas, djametru ta' bejn 75 mm u 400 mm, magħmulin minn "materjali ta' proporzjon saħħa-għal-densità għolja"; 4. Ċrieki jew mniefaħ b' ħxuna ta' 3 mm jew inqas u djametru ta' bejn 75 mm u 400 mm u ddisinjati biex jagħtu appoġġ lokali lit-tubu rotor jew biex jagħqdu numru flimkien, magħmulin minn "materjali ta' proporzjon saħħa-għal-densità għolja"; 5. Baffles b'djametru ta' bejn 75 mm u 400 mm għal immuntar fit-tubu rotor, magħmulin minn "materjali ta' proporzjon saħħa-għal-densità għolja"; 6. Għotjien ta' fuq jew ta' isfel b'dijametru ta' bejn 75 mm u 400 mm sabiex jiffittjaw mat-truf tat-tubu ta' skrun, magħmulin minn 'materjali ta' proporzjon saħħa-għal-densità għoli' 7. Kuxxinetti ta' sospensjoni manjetika li jikkonsistu f'kalamita f'għamla ta' ħolqa sospiża f'alloġġament magħmul minn jew protett b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF_6" li fihom mezz li jtaffi u li għandhom iggandjar tal-kalamita b'biċċa polari jew bit-tieni kalamita mmuntata ma' l-għatu ta' fuq ta' l-iskrun; 8. Kuxxinetti ippreparati apposta li jikkonsistu f'assemblaġġ b'għatu bil-pern immuntat fuq damper; 9. Pompi molekulari li jikkonsistu f'ċilindri li għandhom skanalaturi elikojdali interni mmaxinjati jew bl-estrużjoni u toqob immaxinjati internament; 10. Partijiet stazzjonarji tal-magna f'forma ta' ċrieki għall-isterisi (jew rillut-tanza) tal-muturi multifaži AC għal tħaddim sinkroniku ġewwa vakwu fil-medda tal-frekwenzi ta' 600 sa 2 000 Hz u ta' firxa ta' qawwa ta' 50 sa 1 000 Volt-Amps; 11. Kontenituri/alloġġamenti ta' ċentrifuga sabiex iżommu fihom l-assemblaġġ ta' tubu ta' skrun ta' ċentrifuga tal-gass, li jikkonsistu f'ċilindru riġidu ta' ħxuna tal-ħajt sa 30 mm bi truf immaxinjati bi preċiżjoni u magħmulin minn jew protetti b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF_6"; 12. Tubi għall-estrazzjoni b'dijametru intern li jwassal sa 12 mm għall-estrazzjoni tal-gass UF_6 minn ġewwa t-tubu ta' skrun ta' ċentri-fuga b'azzjoni ta' tubu Pitot, magħmulin minn jew protetti b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF_6"; 13. Varjanti tal-frekwenza (konvertituri jew invertituri) iddisinjati apposta jew ippreparati sabiex jissuplixxu lill-partijiet stazzjonarji ta' magna taċ-ċentrifuga għall-arrikiment tal-gass, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: a. Produzzjoni fuq diversi fażijiet ta' 600 sa 2 000 Hz; b. Kontroll tal-frekwenza aħjar minn 0,1 %;

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		ċ. Distorsjoni armonika ta' inqas minn 2 %; u d. Effiċjenza ikbar minn 80 %; ċ. Tagħmir u komponenti, iddisinjati apposta jew ippreparati għal proċess ta' separazzjoni b'diffużjoni gassuża, kif ġej: 1. Barrieri għad-diffużjoni gassuża magħmulin minn "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF_6" metalliċi, tal-polimer jew taċ-ċeramika poruži, b'daqs tal-pori ta' 10 sa 100 nm, ħxuna ta' 5 mm jew inqas, u, għal forom tubulari, dijametru ta' 25 mm jew inqas; 2. Alloġġamenti tal-propagaturi tal-gass magħmulin minn jew protetti b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF_6"; 3. Kompressuri (tat-tip ta' spjazzament pożittiv, ċentrifugali u fluss assjali) jew ventilaturi tal-gass b'kapaċità ta' volum ta' ġbid ta' l-arja ta' 1 m^3/min jew iktar ta' UF, u pressjoni ta' skarika li twassal sa 666,7 kPa, magħmulin minn jew protetti b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF"; 4. Siġilli ta' xaftijiet li jduru għal kompressuri jew ventilaturi speċifikati f'I.0A.002.ċ.3 u ddisinjati sabiex jillimitaw l-infiltrazzjoni ta' gass buffer għal inqas minn 1 000 cm^3/min.; 5. Apparat għat-trasferiment ta' sħana magħmulin minn aluminju, ram, nikil, jew liegi li fihom iktar minn 60 fil-mija nikil, jew taħlit ta' dawn il-metalli bħal tubi miksija, ddisinjati biex jaħdmu fi pressjoni sub-atmosferrika b'rata ta' telf ta' likwidu li tillimita li l-pressjoni tgħola inqas minn10 Pa fis-siegħa taħt divrenzal ta' pressjoni ta' 100 kPa; 6. Valvijiet ta' l-imniefaħ magħmulin minn jew protetti b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF", b'dijametru ta' 40 mm sa 1 500 mm; d. Tagħmir u komponenti, iddisinjati apposta jew ippreparati għal proċess ta' separazzjoni aerodinamika, kif ġej: 1. Żennuni għas-separazzjoni li jikkonsistu minn kanali kkurvati f'forma ta' inċiżjoni li għandhom raġġ ta' kurvatura inqas minn 1 mm, reżistenti għall-korrużjoni mill-UF, u li għandhom xifer irqiq fiż-żennuna li jissepara l-gass li jgħaddi miż-żennuna f'żewġ nixxigħat; 2. Tubi ċilindriċi jew konikali bi dħul tanġenzjali mħaddmin bil-fluss, (tubi vortiċi), magħmulin minn jew protetti b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF" b'dijametru ta' bejn 0,5 cm u 4 cm u proporzjon ta' tul għal dijametru ta' 20:1 jew inqas u b'daħla tanġenzjali waħda jew aktar; 3. Kompressuri (tat-tip ta' spjazzament pożittiv, ċentrifugali u fluss assjali) jew ventilaturi tal-gass b' kapaċità ta' volum ta' ġbid ta' l-arja ta' 2 m^3/min jew iktar, magħmulin minn jew protetti b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF", u siġilli ta' xaftijiet li jduru għalihom; 4. Tagħmir għat-trasferiment tas-sħana magħmulin minn jew protetti b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF"; 5. Alloġġamenti ta' l-element għas-separazzjoni aerodinamika, magħmulin minn jew protetti b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF" sabiex ikollhom fihom tubi vortiċi jew żennuni għas-separazzjoni; 6. Valvijiet ta' l-imniefaħ magħmulin minn jew protetti b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF", b'dijametru ta' 40 sa 1 500 mm; 7. Sistemi ta' l-ipproċessar għas-separazzjoni tal-UF_6 mill-gass trasportatur (idroġenu jew elju) għal kontenut ta' UF_6 ta' 1 ppm jew inqas, inkluż: a. Apparat għat-trasferriment ta' sħana krijoġenika u krijoseparaturi kapaċi għal temperaturi ta' 153 K (– 120 °C) jew inqas; b. Unitajiet ta' tkessiħ krijoġeniċi kapaċi għal temperaturi ta' 153 K (– 120 °C) jew inqas; ċ. Żennuni għas-separazzjoni jew unitajiet ta' tubu vortiċi għas-separazzjoni ta' l-UF_6 mill-gass trasportatur; d. Trappoli kesħin għall-UF_6 li jilħqu temperaturi ta' 253 K (– 20 °C) jew inqas;

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		e. Tagħmir u komponenti, iddisinjati apposta jew ippreparati għal proċess ta' separazzjoni bi skambju kimiku, kif ġej: 1. Kolonni b'impuls likwidu-likwidu bi skambju mgħaġġel b'ħin ta' permanenza ta' l-istadju ta' 30 sekonda jew inqas u reżistenti għall-aċidu idrokloriku konċentrat (eż. magħmulin minn jew protetti b'materjali tal-plastik adatti bħal polimeri ta' fluworokarbon jew ħġieġ); 2. Kuntratturi ċentrifugali għall-iskambju mgħaġġel ta' likwidu-likwidu b'ħin ta' residenza ta' l-istadju ta' 30 sekonda jew inqas u reżistenti għal aċidu idrokloriku konċentrat (e.ż. magħmulin minn jew protetti b' materjali ta' plastik addattati bħal polimeri ta' fluworokarbon jew ħġieġ); 3. Ċelloli elettrokimiċi għat-tnaqqis reżistenti għal soluzzjonijiet konċentrati ta' l-aċidu idrokloriku, għat-tnaqqis ta' l-uranju minn stat ta' valenza għal ieħor; 4. Tagħmir li jitma' lil ċelloli elettrokimiċi għat-tnaqqis sabiex jittieħed l-U^{+4} mill-fluss organiku u, għal dawk il-partijiet f'kuntatt mal-fluss tal-proċess, magħmulin minn jew protetti b'materjali addatti (eż. ħġieġ, polimeri tal-fluworokarbon, sulfat tal-polifenil, sulfon tal-polietere u grafita bir-reżina); 5. Sistemi ta' preparazzjoni ta' tmigħ għall-produzzjoni ta' soluzzjoni ta' klorur ta' l-uranju ta' purità kbira li jikkonsistu f'tagħmir ta' dissoluzzjoni, estrazzjoni ta' solvent u/jew skambju ta' joni għall-purifikazzjoni u għaċ-ċelloli elettrolitiċi għat-tnaqqis ta' l-uranju U^{+6} jew U^{+4} għal U^{+3}; 6. Sistemi ta' ossidazzjoni ta' l-uranju għall-ossidazzjoni ta' U^{+3} għal U^{+4}; f. Apparat u komponenti, ddisinjati jew ippreparati apposta għal proċess ta' separazzjoni ta' skambju ta' jone, kif ġej: 1. Reżini ta' l-iskambju ta' joni li jirreagixxu malajr, reżini ta' pellikula jew poruži f'għamla ta' xibka makro li fihom il-gruppi attivi ta' skambju kimiku huma limitati għal kisja fuq il-wiċċ ta' struttura ta' appoġġ inattiva u poruża, u strutturi kompożiti oħra ta' kull forma addattata, inklużi partikoli jew fibri, b'djametri ta' 0,2 mm jew inqas, reżistenti għal aċidu idrokloriku konċentrat u ddisinjati biex ikollhom rata ta' skambju ta' ħaftajm ta' inqas minn 10 sekondi u kapaċi li jaħdmu f'temperaturi fir-raġġ ta' 373 K (100 °C) sa 473 K (200 °C); 2. Kolonni ta' skambju ta' jone (ċilindriċi) b'djametru ikbar minn 1 000 mm, magħmulin minn jew protetti b'materjali reżistenti għal aċidu idrokloriku konċentrat (e.ż. titanju jew plastiks fluworokarbon) u kapaċi jaħdmu b'temperaturi fir-raġġ ta' 373 K (100 °C) sa 473 K (200 °C) u pressjonijiet għola minn 0,7 MPa; 3. Sistemi ta' rifluss ta' skambju joniku (sistemi ta' ossidazzjoni jew riduzzjoni kimika jew elettrokimika) għar-riġenerazzjoni ta' l-aġenti kimiċi ta' riduzzjoni jew ossidazzjoni użati f'kaskati ta' arrikiment bi skambju joniku; g. Tagħmir u komponenti, iddisinjati apposta jew ippreparati għal proċess ta' separazzjoni iżotopika tal-fwar atomiku bil-"laser" (AVLIS), kif ġej: 1. Kanuni b'raġġ elettroniku ta' enerġija għolja bi strixxa jew bl-iskannjar b'enerġija prodotta ta' aktar minn 2,5 kW/cm għal użu fis-sistemi ta' vaporizzazzjoni ta' l-uranju; 2. Sistemi ta' maniġġar ta' metall likwidu għal uranju mdewweb jew liegi ta' l-uranju, li jikkonsistu fi griġjoli, magħmulin minn jew protetti b'materjali adatti reżistenti għall-korrużjoni u għas-sħana (eż. tantalu, grafit miksi bl-ittrija, grafit miksi b'ossidi ta' l-art rari oħrajn jew taħlitiet tagħhom), u tagħmir tat-tkessiħ għall-griġjoli; N.B.: Ara wkoll I.2A.002.: 3. Sistemi ta' kollettur tal-prodott u dnub magħmilun minn jew miksija b'materjali reżistenti għas-sħana u korrużjoni ta' metall ta' l-uranju fwar jew likwidu, bħal grafita miksija bl-ittriju jew tantalu; 4. Alloġġamenti tal-modulu ta' separazzjoni (kontenituri ċilindriċi jew rettangolari) sabiex ikollhom fihom is-sors tal-fwar tal-metall ta' l-uranju, il-kanun tar-raġġ elettroniku u l-kolletturi tal-prodotti u d-dnub;

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		5. “Lasers” jew sistemi “laser” għas-separazzjoni ta’ iżotopi ta’ l-uranju bi stabbilizzatur tal-frekwenza ta’ l-ispettru għal ħidma fuq perjodi ta’ żmien twal; N.B.: Ara wkoll I.6A.001 and I.6A.008. h. Tagħmir u komponenti, iddisinjati apposta jew ippreparati għal proċess ta’ separazzjoni iżotopiku molekulari “laser” (MLIS) jew reazzjoni kimika permezz ta’ attivazzjoni iżotopika selettiva bil-laser (CRISLA), kif ġej: 1. Żennuni ta’ espansjoni supersonika għal taħlitiet tat-tkessiħ ta’ l-UF_6 u gass trasportatur sa 150 K (– 123 °C) jew inqas u magħmulin minn “materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF_6”; 2. Kolletturi tal-prodott ta’ l-uranju pentafluworidu (UF_5) li jikkonsistu f’filtru, impatt, jew kolletturi ta’ tip ċiklun jew taħlit tagħhom, u magħmulin minn “materjali reżistenti għal korrużjoni mill-UF_5/UF_6”; 3. Kompressuri magħmulin minn jew protetti b’ “materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF_6”, u siġilli ta’ xaftijiet li jduru għalihom; 4. Tagħmir sabiex jiffluworina l-UF_5 (solidu) għal UF_6 (gass); 5. Sistemi ta’ l-ipproċessar sabiex jisseparaw l-UF_6 minn gass trasportatur (eż. nitroġenu jew argon) inkluż: a. Tagħmir għat-trasferiment tas-sħana krijoġeniċi u krijoseparaturi li jilħqu temperaturi ta’ 153 K (– 120 °C) jew inqas; b. Unitajiet ta’ tkessiħ krijoġeniċi li jilħqu temperaturi ta’ 153 K (– 120 ° C) jew inqas; ċ. UF_6 nases kesħin kapaċi għat-temperatura ta’ 253 K (– 20 °C) jew anqas; 6. “Lasers” jew sistemi “laser” għas-separazzjoni ta’ iżotopi ta’ l-uranju bi stabbilizzatur tal-frekwenza ta’ l-ispettru għal ħidma fuq perjodi ta’ żmien twal; N.B.: Ara wkoll I.6A.001 and I.6A.008. i. Tagħmir u komponenti, iddisinjati apposta jew ippreparati għal proċess ta’ separazzjoni bil-plażma, kif ġej: 1. Sorsi ta’ enerġija microwave u antenni għall-produzzjoni jew l-aċċellerazzjoni ta’ joni, bi frekwenza ta’ produzzjoni ikbar minn 30 GHz u produzzjoni ta’ enerġija medja ikbar minn 50 kW; 2. Bobini ta’ eċċitazzjoni tal-joni bi frekwenzi radju għal frekwenzi ta’ iktar minn 100 kHz li jifilħu għal qawwa medja ta’ iktar minn 40 kW; 3. Sistemi ta’ ġenerazzjoni ta’ plażma ta’ l-uranju; 4. Sistemi ta’ maniġġar ta’ metall likwidu għal uranju imdewweb jew liegi ta’ l-uranju, li jikkonsistu fi griġjoli, magħmulin minn jew protetti b’materjali reżistenti għall-korrużjoni u għas-sħana (eż. tantalu, grafit miksi bl-ittrija, grafit miksi b’ossidi ta’ l-art rari oħrajn jew taħlitiet tagħhom), u tagħmir tat-tkessiħ għall-griġjoli; N.B.: Ara wkoll I.2A.002.: 5. Kolletturi ta’ prodotti u dnub magħmulin minn jew protetti b’materjali reżistenti għas-sħana u korrużjoni ta’ l-uranju fwar bħal grafita miksija bl-ittriju jew tantalu; 6. Housings tas-separatur modulu (ċilindriċi) biex iżommu s-sors ta’ l-uranju plażma, il-kolja li tħaddem ir-radju-frekwenza u l-kolletturi tal-prodotti u dnub u magħmulin minn materjal mhux manjetiku addattat (e.ż. stainless steel); j. Tagħmir u komponenti, iddisinjati apposta jew ippreparati għal proċess ta’ separazzjoni elettromanjetika, kif ġej: 1. Sorsi joniċi, singoli jew multipli, li jikkonsistu f’sors ta’ fwar, jonizzatur, u aċċelleratur tar-raġġ magħmulin minn materjali non-manjetiċi addatti (eż. grafit, azzar inossidabbli, jew ram) u li kapaċi jipprovdu total ta’ kurrent ta’ raġġ joniku ta’ 50 mA jew ikbar;

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		2. Pjanċi ta' kolletturi joniċi għall-kollezzjoni ta' raġġi joniċi ta' l-uranju arrikkit jew imfaqqar, li jikkonsistu f'żewġ inċiżjonijiet u kavitajiet jew aktar magħmulin minn materjali non-manjetiċi addatti (eż. grafit jew azzar inossidabbli); 3. Housings tal-vakwu għas-separaturi ta' uranju elettromanjetiku magħmulin minn materjali mhux manjetiċi addattati (e.ż. azzar inossidabbli) u ddisinjat biex jaħdmu fi pressjonijiet ta' 0,1 Pa jew inqas; 4. Partijiet ta' pol manjetiku b'dijametru ikbar minn 2 m; 5. Provvisti ta' enerġija ta' vultaġġ għoli għal sorsi joniċi, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Kapaċi għal ħidma kontinwa; b. Produzzjoni tal-vultaġġ ta' 20 000 V jew ikbar; ċ. Produzzjoni tal-kurrent ta' 1 A jew ikbar; u d. Regolazzjoni tal-vultaġġ aħjar minn 0,01 % fuq perijodu ta' 8 sigħat; N.B.: Ara wkoll I.3A.006. 6. Provvisti ta' enerġija għal kalamiti (enerġija għolja, kurrent dirett) li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Kapaċi għal ħidma kontinwa bi produzzjoni tal-kurrent ta' 500 A jew akbar b'vultaġġ ta' 100 V jew ikbar; u b. Regolazzjoni tal-kurrent jew tal-vultaġġ aħjar minn 0,01 % fuq perijodu ta' 8 sigħat. N.B.: Ara wkoll I.3A.005.
I.0A.003	0B002	Sistemi awżiljarji, tagħmir u komponenti, iddisinjati jew ippreparati apposta, kif ġej, għal impjant ta' separazzjoni ta' l-iżotopi speċifikat f'I.0A.002, magħmulin minn jew protetti b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-UF_6": a. Awtoklavi ta' alimentazzjoni, fran jew sistemi użati sabiex jgħaddu l-UF_6 għall-proċess ta' l-arrikkiment; b. Desublimaturi jew trappoli kesħin, użati sabiex ineħħu l-UF_6 mill-proċess ta' arrikkiment għal trasferiment sussegwenti waqt it-tisħin; ċ. Stazzjonijiet tal-prodotti u tad-dnub sabiex jiġi trasferit l-UF_6 ġewwa l-kontenituri; d. Stazzjonijiet ta' likwefazzjoni jew solidifikazzjoni użati sabiex ineħħu l-UF_6 mill-proċess ta' arrikkiment billi jikkompressaw, ikessħu u jikkonvertu l-UF_6 f'forma likwida jew solida; e. Sistemi ta' kanen u sistemi ta' intestazzjoni ddisinjati apposta sabiex jittrasportaw l-UF_6 fil-kaskati tad-diffużjoni gassuża, ċentrifugali jew aerodinamika; f. 1. Kolletturi jew intestazzjonijiet taħt vakwu li għandhom kapaċità ta' ġbid ta' l-arja ta' 5 m^3/minuta jew aktar; jew 2. Pompi tal-vakwu ddisinjati apposta għall-użu f'atmosferi li fihom l-UF_6; g. UF_6 spettrometri tal-massa/sorsi ta' jone ddisinjati jew preparati apposta biex jieħdu kampjuni on-line ta' materjal li jintemà li magni, prodott jew dnub, minn flussi ta' gass UF_6 u li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Riżoluzzjoni ta' l-unità għall-massa ta' iktar minn 320 amu; 2. Sorsi joniċi kostruwiti minn jew miksija b'nikromju jew monel, jew ibbanjat bin-nikil; 3. Sorsi ta' jonizzazzjoni b'bumbardament ta' elettroni; u 4. Sistema ta' kollettur adatta għall-analiżi iżotopika.
I.0A.004	0B003	Impjant għall-konverżjoni ta' l-uranju u tagħmir iddisinjat apposta jew ippreparat għalih, kif ġej: a. Sistemi għall-konverżjoni ta' konċentrati ta' minerali ta' l-uranju għal UO_3; b. Sistemi għall-konverżjoni ta' UO_3 għal UF_6;

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		ċ. Sistemi għall-konverżjoni ta' UO_3 għal UO_2; d. Sistemi għall-konverżjoni ta' UO_2 għal UF_4; e. Sistemi għall-konverżjoni ta' UF_4 għal UF_6; f. Sistemi għall-konverżjoni ta' UF_4 għal uranju metall; g. Sistemi għall-konverżjoni ta' UF_6 għal UO_2; h. Sistemi għall-konverżjoni ta' UF_6 għal UF_4; i. Sistemi għall-konverżjoni ta' UO_2 għal UCl_4.
I.0A.005	0B004	Impjant għall-produzzjoni jew il-konċentrazzjoni ta' ilma tqil, dewterju u komposti tad-dewterju u tagħmir u komponenti ddisinjati apposta jew ippreparati għalih, kif ġej: a. Impjant għall-produzzjoni ta' ilma tqil, dewterju jew komposti tad-dewterju, kif ġej: 1. Impjanti għall-iskambju ilma-sulfid ta' l-idroġenu; 2. Impjanti għall-iskambju ta' ammonja-idroġenu; b. Tagħmir u komponenti, kif ġej: 1. Torrijiet għall-iskambju ilma-sulfid ta' l-idroġenu fabbrikati minn azzar bil-karbonju fin (eż. ASTM A516) b'dijametri ta' 6 m sa 9 m, li kapaċi jaħdmu fi pressjonijiet ikbar minn jew ugwali għal 2 MPa u b'konċessjoni għall-korrużjoni ta' 6 mm jew ikbar; 2. Blowers jew kompressuri ċentrifugali ta' stadju singolu, bi pressjoni baxxa (jiġifieri 0,2 MPa) għaċ-ċirkulazzjoni tal-gass tas-sulfid ta' l-idroġenu (jiġifieri gass li fih iktar minn 70 % H_2S) b'kapaċità ta' fluss ikbar minn jew daqs 56 m^3/sekonda meta jaħdmu fi pressjonijiet ikbar minn jew daqs 1,8 MPa ta' ġbid u li għandhom siġilli ddisinjati għas-servizz H_2S imxarrab; 3. Torrijiet għall-iskambju ammonja-idroġenu ikbar minn jew daqs 35 m fl-għoli b' dijametri ta' 1,5 m sa 2,5 m kapaċi li jaħdmu fi pressjonijiet ikbar minn 15 MPa; 4. Elementi interni tat-torri, inklużi kuntatturi ta' l-istadji, u pompi ta' l-istadji, inkluż dawk li huma sommerġibbli, għall-produzzjoni ta' ilma tqil bl-użu tal-proċess ta' skambju ammonja-idroġenu; 5. Krakkizzanti ta' l-ammonja bi pressjonijiet ta' tħaddim ikbar minn jew daqs 3 MPa għall-produzzjoni ta' ilma tqil bl-użu tal-proċess ta' skambju ammonja-idroġenu; 6. Analizzaturi b'assorbiment infra-aħmar kapaċi għal analiżi on-line tal-proporzjon idroġenu/dewterju fejn il-konċentrazzjonijiet tad-dewterju huma daqs jew ikbar minn 90 %; 7. Berners katalitiċi għall-konverżjoni ta' gass tad-dewterju arrikkit f'ilma tqil bl-użu tal-proċess ta' skambju ammonja-idroġenu; 8. Sistemi kompluti ta' titjib għall-ilma tqil, jew kolonni għalihom, sabiex titjieb il-konċentrazzjoni tad-dewterju fl-ilma tqil sal-kwalità tajba għar-reatturi.
I.0A.006	0B005	Impjanti iddisinjati apposta għall-fabbrikazzjoni ta' elementi karburanti ta' "reattur nukleari" u tagħmir iddisinjat apposta jew ippreparat għalihom. *Nota: Impjant għall-fabbrikazzjoni ta' elementi karburanti ta' "reattur nukleari" jinkludi tagħmir li:* *a. Normalment jiġi f'kuntatt direttu ma' jew jipproċessa jew jikkontrolla direttament il-fluss tal-produzzjoni ta' materjali nukleari;* *b. Jissiġilla l-materjali nukleari fil-ġewwieni tal-kisi;* *ċ. Jiċċekkja l-integrità tal-kisi jew tas-siġill; jew* *d. Jiċċekkja t-trattament tal-finitura tal-karburant issiġillat.*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.0A.007	0B006	Impjanti għar-riproċessar ta' l-elementi karburanti irradjati ta' "reattur nukleari", u tagħmir u komponenti ddisinjati apposta jew ippreparati għalihom. *Nota: I.0A.007 tinkludi:* *a. Impjant għar-riproċessar ta' l-elementi karburanti irradjati ta' "reattur nukleari" inkluż tagħmir u komponenti li normalment jiġu f'kuntatt dirett ma' u jikkontrollaw direttament il-karburant irradjat u l-materjal nukleari ewlieni u l-flussi ta' l-ipproċessar tal-prodott tal-fissjoni;* *b. Magni għat-tqattigħ jew it-tqattigħ f'biċċiet żgħar ħafna ta' l-element karburanti, jiġifieri tagħmir li jaħdem remotement sabiex iqatta', iqatta' f'biċċiet, iqatta' f'biċċiet żgħar ħafna jew iġiżż l-assemblaġġi, il-mazzi jew il-vireg ta' karburant irradjat ta' "reattur nukleari";* *ċ. Dissoluturi, tankijiet ta' sikurezza kritika (eż. tankijiet b'dijametru żgħir, anulari jew ċatti) iddisinjati apposta jew ippreparati għad-dissoluzzjoni ta' karburant irradjat ta' "reattur nukleari", li kapaċi jirreżistu likwidi jaħarqu u korrożivi ħafna, u li jistgħu jiġu mgħobbija u miżmuma remotement;* *d. Estratturi tas-solvent tal-kontrokurrent u apparat għal ipproċessar ta' l-iskambju ta' jone ddisinjati jew ippreparati għal użu fl-impjant għall-riproċessar ta' "uranju naturali", "uranju eżawrit" jew "materjali speċjali fissili" li jixħtu dija;* *e. Kontenituri għaż-żamma jew il-ħażna ddisinjati apposta sabiex ikunu kritikament siguri u reżistenti għall-effetti korrożivi ta' l-aċidu nitriku;* *Nota: Kontenituri għaż-żamma jew il- ħażna jista' jkollhom dawn il-karatteristiċi li ġejjin:* *1. Ħitan jew strutturi interni b'ekwivalent ta' boron (kalkulat għal elementi kostitwenti kollha kif definit fin-nota lil I.0A.012) ta' mill-inqas tnejn fil-mija;* *2. Dijametru massimu ta' 175 mm għal kontenituri ċilindriċi; jew* *3. Wisa' massimu ta' 75 mm għal kontenitur kemm ċatt kif ukoll anulari.* *f. Strumentazzjoni tal-kontroll tal-proċess iddisinjata apposta jew ippreparata għal monitoraġġ jew kontroll tar-riproċessar ta' "uranju naturali", "uranju mfaqqar" jew "materjali fissili speċjali" irradjati.*
I.0A.008	0B007	Impjant għall-konverżjoni ta' plutonju u tagħmir iddisinjat apposta jew ippreparat għalih, kif ġej: a. Sistemi għall-konverżjoni tan-nitrat tal-plutonju għal ossidu; b. Sistemi għall-produzzjoni tal-plutonju metall.
I.0A.009	0C001	"Uranju naturali" jew "uranju mfaqqar" jew torju fil-forma ta' metall, liega, kompost kimiku jew konċentrat u kwalunkwe materjal ieħor li fih wieħed jew iktar minn dawn imsemmija. *Nota: I.0A.009 ma tipprojbixxix dawn li ġejjin:* *a. Erba' grammi jew inqas ta' "uranju naturali" jew "uranju mfaqqar" meta jkun miżmum f'komponent sensittiv fi strumenti;* *b. "Uranju eżawrit" immanifatturat apposta għall-applikazzjonijiet ċivilli mhux nukleari li ġejjin:* *1. Ilqugħ;* *2. Ippakkjar;* *3. Saborri li għandhom massa ta' mhux iktar minn 100 kg;* *4. Kontro-piżijiet li għandhom massa ta' mhux iktar minn 100 kg;* *ċ. Liegi li fihom inqas minn 5 % torju;* *d. Prodotti taċ-ċeramika li fihom it-torju, li ġew immanifatturati għal użu non-nukleari.*

▼**M4**

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.0A.010	0C002	"Materjali fissili speċjali". *Nota: I.0A.010 ma jippropjbix erba' "grammi effettivi" jew inqas meta jkunu f'komponent sensittiv ġewwa strumenti.*
I.0A.011	0C003	Dewterju, ilma tqil (ossidu tad-dewterju) u komposti oħrajn tad-dewterju, u taħlitiet u soluzzjonijiet li jkunu fihom id-dewterju, li fihom il-proporzjon iżotopiku tad-dewterju għall-idroġenu hu ogħla minn 1:5 000.
I.0A.012	0C004	Grafit, grad nukleari, b'livell ta' purità ta' inqas minn 5 partijiet fil-miljun ta' 'ekwivalent tal-boron' u b'densità ikbar minn 1,5 g/cm^3. N.B.: Ara wkoll I.1A.028. *Nota 1: I.0A.012 ma tipprojbixxix dawn li ġejjin:* *a. Manifatturi ta' grafit li għandhom massa ta' inqas minn 1 kg, ħlief għal dawk iddisinjati apposta jew ippreparati għal użu f'reattur nukleari;* *b. Trab tal-grafit.* *Nota 2: F'I.0A.012, "ekwivalent tal-boron" (BE) huwa definit bħala s-somma ta' BE għal impuritajiet (eskluż BEkarbonju billi l-karbonju mhux ikkonsidrat bħala impurità) inkluż boron, billi: BEZ (ppm) = CF × konċentrazzjoni ta' l-element Z f'ppm;* *BE_z (ppm) = CF × konċentrazzjoni ta' l-element Z f'ppm;* *fejn CF hu l-fattur ta' konverżjoni = $\frac{\sigma_Z A_B}{\sigma_B A_Z}$* *u σ_B u σ_Z huma taqsimiet li jaqbdu newtron termali (f'barns) għal boron li jidherb'mod naturali u element Z rispettivament; u A_B u A_Z huma l-massi atomiċi ta' boron li jidher b'mod naturali u element Z rispettivament.*
I.0A.013	0C005	Komposti jew trabijiet ippreparati apposta għall-manifattura ta' barrieri għad-diffużjoni gassuża, reżistenti għall-korrużjoni mill-UF_6 (eż. nikil jew liegi li fihom 60 fil-mija bl-użin jew iktar nikil, ossidu ta' l-aluminju u polimeri ta' idrokarbori fluworinati kompletament), li għandhom purità ta' 99,9 fil-mija bl-użin jew aktar u medja tal-qies tal-partiċelli ta' inqas minn 10 mikrometri mkejla bl-istandard tas-Soċjetà Amerikana għall-Ittestjar u l-Materjali (ASTM) B330 u grad għoli ta' uniformità fil-qies tal-partiċelli.

I.0B It-teknoloġija, inkluż is-*software*

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.0B.001	0D001	"Software" iddisinjat apposta jew immodifikat għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' oġġetti speċifikati f'din it-Taqsima I.0A.
I.0B.002	0E001	"Teknoloġija" skond in-Nota dwar it-Teknoloġija Nukleari għall-"iżvilupp", "produzzjoni" jew "użu" ta' l-oġġetti speċifikati fit-Taqsima I.0A.

▼M4

I.1

MATERJALI, KIMIĊI, "MIKROORGANIŻMI" U "TOSSINI"

I.1A Oġġetti

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.1A.001	1A102	Komponenti karbonju-karbonju risaturati u pirolizzati ddisinjati għal vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'I.9A.001 jew rokits sonda speċifikati f'I.9A.005. N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għal komponenti għal rokits u missili
I.1A.002	1A202	L-istrutturi kompożiti fil-forom ta' tubi u li jkollhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: N.B.: Ara wkoll I.9A.011. a. Dijametru intern ta' bejn 75 mm u 400 mm; u b. Magħmul b' kull wieħed mill-"materjali fibrużi u bil-filamenti" speċifikati f'I.1A.024 jew I.1A.034.a. jew b'materjali ta' karbonju prepreg speċifikati f'I.1A.034.ċ.
I.1A.003	1A225	Katalizzaturi miksijin bil-platinu ddisinjati apposta jew ippreparati għall-promozzjoni tar-reazzjoni ta' skambju iżotopiku ta' l-idroġenu bejn l-idroġenu u l-ilma għall-irkuprar tat-tritju mill-ilma tqil jew għall-produzzjoni ta' ilma tqil.
I.1A.004	1A226	Imballaġġi speċjalizzati li jistgħu jintużaw fis-separazzjoni ta' ilma tqil minn ilma ordinarju, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Magħmulin minn malja ta' bronż fosforuż kimikament trattata sabiex ittejjeb il-kapaċità li tixxarrab; u b. Iddisinjati sabiex jintużaw fit-torrijiet tad-distillazzjoni fil-vakwu.
I.1A.005	1A227	Twieqi bi lqugħ għar-radjazzjoni ta' densità għolja (ħġieġ taċ-ċomb jew ieħor), li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin, u frejmijiet iddisinjati apposta għalihom: a. 'Żona kiesħa' ikbar minn 0,09 m^2; b. Densità ikbar minn 3 g/cm^3; u ċ. Ħxuna ta' 100 mm jew akbar. *Nota Teknika:* *Fil-I.1A.005 it-terminu "cold area" jfisser il-biċċa ta' l-apertura li minnha tħares li hija esponuta għall-iktar livell baxx ta' radjazzjoni fl-applikazzjoni tad-disinn.*
I.1A.006	*ex* 1B001* (1B001.a, *ex* 1B001.b u 1B001.ċ)	Tagħmir għall-produzzjoni ta' fibri, pre-impregnati, pre-formati jew "kompożiti" speċifikati f'I.1A.024, kif ġej, u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalihom: N.B.: Ara wkoll I.1A.007 u I.1A.014. a. Magni għat-tkebbib tal-filament li l-movimenti tagħhom għat-tqegħid, it-tgeżwir u t-tkebbib ta' fibri huma koordinati u programmati fi tliet assi jew aktar, iddisinjati apposta għall-manifattura ta' strutturi jew laminati "kompożiti" minn "materjali fibrużi jew filamentari"; b.* Magni ta' tqegħid ta' tejp ta' liema movimenti għat-tqegħid jew firxa tat-tejp, jew folji huma kordinati u programmati f'żewġ jew iktar assi, ddisinjati apposta għal manifattura ta' strutturi "kompożiti" airfrejm jew "missili"; *Nota: F'1A001.ċ., 'missila' tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vettura ta' l-ajru bla ekwipaġġ.* ċ. Magni ta' l-insiġ multidirezzjonali u multidimensjonali jew magni tad-dafar, inklużi adattaturi u kittijiet għall-modifika, għall-insiġ, id-dafar jew l-immaljar ta' fibri għall-manifattura ta' strutturi "kompożiti"; *Nota Teknika:* *Għall-iskop ta' I.1A.006.ċ. it-teknika ta' dafar tinkludi nitting.* *Nota: I.1A.006.ċ. ma jipprojbixxux makkinarju tat-tessuti mhux immodifikat għal użi finali ta' hawn fuq.*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.1A.007	1B101 u *ex* 1B001.d	Tagħmir, minbarra dak speċifikat f'I.1A.006, għall-"produzzjoni" ta' kompożiti strutturali kif ġej; u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalih: Nota: *Komponenti u aċċessorji speċifikati f'I.1A.007 inklużi forom, mandrini tat-torn, konijiet, fissi ma' immobbli u għodod għall-ippressar tal-priform, ikkurar, ikkastjar, tgħaqqid bis-sħana jew rbit ta' strutturi kompożiti, laminati u manifatturi tagħhom.* a. Magni għat-tkebbib tal-filament li l-movimenti tagħhom għat-tqegħid, it-tgeżwir u t-tkebbib ta' fibri jistgħu jiġu koordinati u programmati fi tliet assi jew aktar, iddisinjati għall-manifattura ta' strutturi jew laminati kompożiti minn materjali fibrużi jew filamentari, u kontrolli li jikkoordinaw u jipprogrammaw; b. Magni ta' tqegħid ta' tejp li l-movimenti tagħhom għat-tqegħid jew il-pjazzament tat-tejp u l-folji jistgħu jiġu koordinati u programmati f'żewġ assi jew aktar, iddisinjati għall-manifattura ta' strutturi kompożiti ta' korp ta' l-ajruplan jew "missili"; ċ. Tagħmir iddisinjat jew immodifikat għall-"produzzjoni" ta' "materjali fibrużi jew filamentari" kif ġej: 1. Tagħmir għall-konverżjoni ta' fibri polimeriċi (bħal poliakrilonitril, rejon jew polikarbosilan) inkluż tagħmir speċjali sabiex tissikka l-fibra waqt it-tisħin; 2. Tagħmir għad-depożizzjoni bil-fwar ta' elementi jew komposti fuq sottostrati tal-filamenti msaħħna; 3. Tagħmir għall-estrużjoni bl-umdità ta' ċeramika refrattarja (bħall-ossidu ta' l-aluminju); d. Apparat iddisinjat jew modifikat għat-trattament speċjali ta' l-uċuħ tal-fibri jew għal produzzjoni ta' prepregs u priformi speċifikati fid-daħla I.9A.026. Nota: *I.1A.007.d tinkludi rombli, streċers tat-tensjoni, apparat għal kisi, apparat għal qtugħ u konijiet tal-clicker.*
I.1A.008	1B102	Trab tal-metall "tagħmir tal-produzzjoni" u komponenti kif ġej: I.1A.008 tinkludi: a. "Tagħmir tal-produzzjoni" tat-trab tal-metall li jista' jintuża għall-"produzzjoni", f'ambjent ikkontrollat, ta' materjali sferiċi jew atomizzati speċifikati f'I.1A.025.a., I.1A.025.b., I.1A.029.a.1., I.1A.029.a.2.jew fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari. b. Komponenti ddisinjati apposta għal "apparat tal-produzzjoni" speċifikati f'I.1A.008.a. Nota: *I.1A.008 tinkludi:* *a. Ġeneraturi tal-plażma (ġett forma ta' arka ta' frekwenza għolja) li jistgħu jintużaw sabiex jinkisbu trabijiet metalliċi atomizzati jew sferiċi bl-organizzazzjoni tal-proċess f'ambjent argon-ilma;* *b. Tagħmir ta' elettrosplużjoni li jista' jintuża sabiex jinkisbu trabijiet metalliċi atomizzati jew sferiċi bl-organizzazzjoni tal-proċess f'ambjent argon-ilma;* *ċ. Tagħmir li jista' jintuża għall-"produzzjoni" ta' trabijiet ta' l-aluminju sferiċi bil-polverizzazzjoni ta' tidwiba f'ambjent inert (eż. nitroġenu).*
I.1A.009	1B115	Tagħmir, minbarra dak speċifikat f'I.1A.008, għall-produzzjoni ta' propellant u kostitwenti ta' propellant, kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalih: a. "Tagħmir tal-produzzjoni" għall-"produzzjoni", il-maniġġar jew l-ittestjar għall-aċċettazzjoni ta' propellanti likwidi jew kostitwenti ta' propellanti speċifikati f'I.1A.025.a., I.1A.025.b., I.1A.029 jew fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari; b. "Apparat tal-produzzjoni" għal "produzzjoni", mmaniġġjar, taħlit, ikkurar, ikkastjar, ippressar, immakinar, tagħfis biex tagħti forma jew ittestjar għall-aċċettazzjoni ta' fjuwil solidu li jagħti l-ewwel imbottatura jew kostitwenti ta' fjuwil li jagħtu l-ewwel imbottatura speċifikati f'I.1A.025.a., I.1A.025.b., I.1A.029 jew fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari.

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		Nota: *I.1A.009.b. ma jipprojbixxix tagħmir għat-taħlit diskontinwu, kontinwu jew imtieħen ta' enerġija bil-fluwidu. Għall-projbizzjoni ta' grupp miksers, miksers kontinwi jew mtieħen ta' enerġija fluwida ara I.1A.011, I.1A.012 u I.1A.013.* *Nota 1:* *Għal tagħmir iddisinjat apposta għall-produzzjoni ta' merkanzija militari, ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari.* *Nota 2:* *I.1A.009 ma jipprojbixxix l-apparat għal "produzzjoni", mmaniġġjar u l- ittestjar għall-aċċettazzjoni ta' boron karbur*
I.1A.010	1B116	1B116 Żennuni ddisinjati apposta biex jiġu prodotti materjali derivati pirolitikament ifformati fuq forom, mandrin tat-torn jew substratti oħra minn gassijiet prekursuri li jiddekomponu fid-distanza tat-temperatura 1 573 K (1 300 °C) sa 3 173 K (2 900 °C) fi pressjonijiet ta' 130 Pa to 20 kPa.
I.1A.011	1B117	Tagħmir għat-taħlit diskontinwu li għandu tagħmir għat-taħlit taħt vakwu fil-firxa ta' zero sa 13,326 kPa u b'kapaċità ta' kontroll tat-temperatura tal-kamra tat-taħlit u li għandu dawn li ġejjin kollha, u komponenti ddisinjati apposta għalih: a. Kapaċità volumetrika totali ta' 110 litri jew aktar; u b. Mill-inqas wieħed mix-xaftijiet għat-taħlit/impastar immuntat lil hinn miċ-ċentru.
I.1A.012	1B118	Tagħmir għat-taħlit kontinwu li għandu tagħmir għat-taħlit taħt vakwu fil-firxa ta' zero sa 13,326 kPa u b'kapaċità ta' kontroll tat-temperatura tal-kamra tat-taħlit u li għandu xi wieħed minn dan li ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalih: a. Żewġ xaftijiet jew aktar għat-taħlit/impastar; jew b. Xaft li jdur uniku li joxxilla u li għandu pinnijiet/snien ta' l-impastar fuq ix-xaft kif ukoll fil-ġewwieni tal-ħitan tal-kamra tat-taħlit.
I.1A.013	1B119	Imtieħen ta' l-enerġija bil-fluwidu li jistgħu jintużaw sabiex għat-tifrik jew it-tħin tas-sustanzi speċifikati I.1A.025.a., I.1A.025.b., I.1A.029 jew fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari, u komponenti ddisinjati apposta għalihom.
I.1A.014	1B201	1B201 Magni għat-tkebbib ta' filament, ħlief għal dawk speċifikati I.1A.006 jew I.1A.007, u apparat relatat, kif ġej: a. Magni għat-tkebbib ta' filament li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Għandhom movimenti għall-ippożizzjonar, it-tgeżwir, u t-tkebbib ta' fibri koordinati u programmati f'żewġ assi jew aktar; 2. Iddisinjati apposta sabiex jiffabbrikaw strutturi jew laminati kompożiti minn "materjali fibrużi jew filamentari"; u 3. Kapaċi jkebbu rotors ċilindriċi ta' dijametru bejn 75 u 400 mm u tulijiet ta' 600 mm jew ikbar; b. Kontrolli kordinati u programmati għal magni għat-tkebbib ta' filament speċifikati f'I.1A.014.a.; ċ. Mandrini tat-torn ta' preċiżjoni għal magni tat-tkebbib ta' filament speċifikati f'I.1A.014.a.
I.1A.015	1B225	Ċelloli elettrolitiċi għal produzzjoni ta' fluworin b'kapaċità tal-produzzjoni ikbar minn 250 g ta' fluworin fis-siegħa.
I.1A.016	1B226	Separaturi elettromanjetiċi ta' l-iżotopi ddisinjati għal, jew mgħammra bi, sorsi joniċi singoli jew multipli li kapaċi jipprovdu kurrent totali ta' raġġ joniku ta' 50 mA jew ogħla. *Nota:* *I.1A.016 jinkludi separaturi:* *a. Li kapaċi jarrikkixxu iżotopi stabbli;* *b. Bis-sorsi joniċi u l-kolletturi t-tnejn fil-kamp manjetiku u dawk il-konfigurazzjonijiet li fihom huma barra mill-kamp manjetiku.*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.1A.017	1B227	Konvertituri tas-sintesi ta' l-ammonja jew unitajiet tas-sintesi ta' l-ammonja, li fihom il-gass tas-sintesi (nitroġenu u idroġenu) huwa irtirat minn kolonna ta' skambju ta' pressjoni għolja ammonja/idroġenu u l-ammonja sintetizzata hija rritornata ġewwa l-kolonna msemmija.
I.1A.018	1B228	Kolonni ta' distillazzjoni krijoġeniċi ta' l-idroġenu li għandhom il-karatterisitiċi kollha li ġejjin: a. Iddisinjati biex jaħdmu b' temperaturi interni ta' 35 K (– 238 °C) jew inqas; b. Iddisinjati sabiex jaħdmu bi pressjoni interna ta' 0,5 sa 5 MPa; ċ. Magħmula jew minn: 1. Azzar inossidabbli tas-serje 300 b'kontenut baxx ta' kubrit u bin-numru tal-qies tal-frak awstenitiku ASTM (jew standard ekwivalenti) ta' 5 jew ikbar; jew 2. Materjali ekwivalenti li huma t-tnejn krijoġeniċi u H2-kompatibbli; u d. B'dijametri interni ta' 1 m jew ikbar u tulijiet effettivi ta' 5 m jew ikbar.
I.1A.019	1B229	Kolonni bi pjanċi għall-iskambju ilma-sulfid ta' l-idroġenu u 'kuntatturi interni', kif ġej: *N.B.: Għal kolonni li huma ddisinjati apposta jew ippreparati għall-produzzjoni ta' ilma tqil ara I.0A.005.* a. Kolonni bi pjanċi għall-iskambju ilma-sulfid ta' l-idroġenu, li għandhom il-karatterisitiċi kollha li ġejjin: 1. Jistgħu jaħdmu fi pressjonijiet ta' 2 MPa jew iktar; 2. Magħmula minn azzar bil-karbonju bin-numru qies tal-frak awstenitiku ASTM (jew standard ekwivalenti) ta' 5 jew ikbar; u 3. B'dijametru ta' 1,8 m jew ikbar; b. "Kuntratturi interni" għal kolonni ta' l-iskambju fi trej ta' sulfid ilma-idroġenu speċifikati f'I.1A.019.a. *Nota Teknika:* *'Kuntatturi interni' tal-kolonni huma pjanċi segmentati li għandhom dijametru mmuntat effettiv ta' 1,8 m jew ikbar, huma ddisinjati sabiex jiffaċilitaw il-kuntattar kontrokurrenti u magħmulin minn azzar inossidabbli b'kontenut ta' karbonju ta' 0.03 % jew inqas. Dawn jistgħu jkunu trejs biex jgħarblu, valv trejs, bubble cap trejs, jew turbogrid trejs*
I.1A.020	1B230	Pompi kapaċi jiċċirkulaw soluzzjonijiet ta' katalizzatur ta' amidju tal-potassju konċentrati jew dilwiti f'ammonja likwida (KNH_2/NH_3), li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Mitbuqin (jiġifieri ssiġillati ermetikament); b. Kapaċità ikbar minn 8,5 m^3/h; u ċ. Waħda mill-karatteristċi li ġejjin: 1. Għal soluzzjonijiet ta' amidju tal-potassju konċentrati (1 % jew iktar), pressjoni ta' tħaddim ta' 1,5 sa 60 MPa; jew 2. Għal soluzzjonijiet ta' amidju tal-potassju dilwiti (inqas minn 1 %), pressjoni ta' tħaddim ta' 20 sa 60 MPa.
I.1A.021	1B231	Faċilitajiet jew impjanti tat-tritju, u t-tagħmir għalihom, kif ġej: a. Faċilitajiet jew impjanti għall-produzzjoni, l-irkupru, l-estrazzjoni, il-konċentrazzjoni, jew l-immaniġġar tat-tritju; b. Tagħmir għal faċilitajiet jew impjanti tat-tritju, kif ġej: 1. Unitajiet tar-refriġerazzjoni bl-idroġenu jew bl-elju kapaċi li jkessħu sat-23 K (– 250 °C) jew inqas, b'kapaċità tat-tneħħija ta' l-isħana akbar minn 150 W; 2. Sistemi ta' ħażna jew ta' purifikazzjoni ta' l-iżotopi ta' l-idroġenu bl-użu ta' idruri metalliċi bħala l-mezz tal-ħażna jew tal-purifikazzjoni.

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.1A.022	1B232	Turbini ta' espansjoni jew settijiet ta' turbina ta' espansjoni-kompressur li għandhom il karatteristiċi li ġejjin: a. Iddisinjati sabiex jaħdmu b'temperatura tal-ħruġ ta' 35 K (– 238 °C) jew inqas; u b. Iddisinjati għal fluss ta' gass idroġenu ta' 1 000 kg/h jew ikbar.
I.1A.023	1B233	Faċilitajiet jew impjanti għas-separazzjoni ta' l-iżotopi tal-litju, u t-tagħmir għalihom, kif ġej: a. Faċilitajiet jew impjanti għas-separazzjoni ta' l-iżotopi tal-litju; b. Tagħmir għas-separazzjoni ta' l-iżotopi tal-litju, kif ġej: 1. Kolonni ta' skambju likwidu-likwidu ppakkjati ddisinjati apposta għall-amalgami tal-litju; 2. Pompi b'amalgama tal-merkurju jew tal-litju; 3. Ċelloli ta' l-elettrolisi ta' l-amalgama tal-litju; 4. Evaporaturi għal soluzzjoni konċentrata ta' l-idrossidu tal-litju.
I.1A.024	1C010.b	"Materjali fibrużi jew filamentari" li jistgħu jintużaw fi strutturi jew laminati "kompożiti" ta' "matriċi" organika, "matriċi" metallika jew "matriċi" tal-karbonju, kif ġej: N.B.: Ara wkoll I.1A.034 u I.9A.026. b. "Materjali fibrużi jew filamentari" tal-karbonju, li għandhom dan kollu li ġej: 1. "Modulus speċifiku" ta' aktar minn $12,7 \times 10^6$ m; u 2. "Reżistenza għat-tensjoni speċifika" ogħla minn $23,5 \times 10^4$ m; *Nota: I.1A.024.b. ma jipprojbixxix insiġ (drapp) magħmul minn "materjali fibrużi jew filamentari" għat-tiswija ta' strutturi ta' l-ajruplani jew kisi, li d-daqs tal-folji individwali fihom ma jiskorrix il-100 ċm × 100 ċm.* *Nota Teknika:* *Propertajiet għal materjali mfissra f'I.1A.024.b.. għandhom ikunu determinati bl-użu ta' metodi SACMA rakkomandati SRM 12 għal 17, jew provi ekwivalenti nazzjonali għall-irmonkar, bħall-Istandard Industrijali ĠappuniżJIS-R-7601, Paragrafu 6.6.2., u bbażati fuq medja lotta.*
I.1A.025	1C011.a u 1C011.b	Metalli u komposti, kif ġej: N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli ta' Merkanzija Militari u I.1A.029. a. Metalli f'daqs ta' partiċelli ta' inqas minn 60 μm kemm jekk sferikali, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna, manifatturati minn materjal li jikkonsisti minn 99 % jew aktar ta' żirkonju, manjesju u l-liegi tagħhom; *Nota Teknika:* *Il-kontenut naturali tal-ħafnju fiż-żirkonju (tipikament 2 % sa 7 %) jingħadd maż-żirkonju.* *Nota: Il-metalli jew il-liegi elenkati f'I.1A.025.a. huma ipprojbiti kemm jekk il-metalli jew il-liegi huma inkapsulati fl-aluminju, il-manjesju, iż-żirkonju jew il-berillju kif ukoll jekk le.* b. Boron jew il-karbur tal-boron ta' 85 % purità jew iktar u daqs ta' partiċella ta' 60 μm jew inqas; *Nota: Il-metalli jew il-liegi elenkati f'I.1A.025.b. huma ipprojbiti kemm jekk il-metalli jew il-liegi huma inkapsulati fl-aluminju, il-manjesju, iż-żirkonju jew il-berillju kif ukoll jekk le.*
I.1A.026	1C101	Materjali u apparat għat-tnaqqis ta' karatteristiċi osservabbli bħar-riflettività radar, karatteristiċi ultravjola/infra-aħmar u karatteristiċi akustiċi, minbarra dawk speċifikat, f'1C001, li jistgħu jintużaw f' 'missili', sottosistemi ta' "missili" jew vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ speċifikati f'I.9A.003 *Nota 1: I.1A.026 tinkludi:* *a. Materjali strutturali u kisjiet iddisinjati apposta għat-tnaqqis tar-riflettività radar;*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		b. Kisjiet, inkluż żebgħa, iddisinjati apposta għat-tnaqqis jew l-adattament tar-riflettività jew emissività fil-partijiet microwave, infra-aħmar jew ultravjola ta' l-ispettru elettromanjetiku. *Nota 2: I.1A.026 ma jinkludix kisi meta wżat speċifikament għall-kontroll termali tas-satelliti.* *Nota Teknika:* *Fi I.1A.026 'missila' tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*
I.1A.027	1C102	Materjali ta' karbonju-karbonju risaturati u pirolizzati ddisinjati għal vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'I.9A.001 jew rokits sonda speċifikati f'I.9A.005. N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli ta' Merkanzija Militari għal materjali għal rokits u missili
I.1A.028	*ex* 1C107* (1C107.a, *ex* 1C107.b, *ex* 1C107.ċ u *ex* 1C107.d)	Grafit u materjali taċ-ċeramika, minbarra dawk speċifikati f'1C007, kif ġej: a. Grafiti fi frak fin b'densità tal-massa ta' 1,72 g/cm^3 jew ikbar, imkejla f'288 K (15 °C), u li għandhom id-daqs tal-frak ta' 100 μm jew inqas, li jistgħu jintużaw għaż-żennuni tar-rokits u l-ponot ta' quddiem ta' vetturi tad-dħul fl-atmosfera, li jistgħu jiġu mmaxinjati ma' xi wieħed mill-prodotti li ġejjin: 1. Ċilindri li għandhom dijametru ta' 120 mm jew akbar u tul ta' 50 mm jew akbar; 2. Tubi li għandhom dijametru intern ta' 65 mm jew akbar u ħxuna tal-ħajt ta' 25 mm jew akbar u tul ta' 50 mm jew akbar; jew 3. Blokok li għandhom daqs ta' 120 mm × 120 mm × 50 mm jew akbar; *N.B.: Ara wkoll I.0A.012.* b.* Graffiti pirolitiċi jew fibruži msaħħa, għall-użu taż-żennuniet ta' rokit u dħul mill-ġdid tat-tarf ta' l-imnieħer li jintuża fil-"missili"; *N.B.: Ara wkoll I.0A.012.* ċ.* Materjali mħallta biċ-ċeramika (kostantament dielettriċi inqas minn 6 fi kwalunkwe frekwenza minn 100 MHz għal 100 GHz) għall-użu f' radomi li jintużaw fil-"missili"; d.* Ċeramika bil-balk mhux maħruqa msaħħa bis-silikon-karbajd u makkinizzata bil-balk, għall-użu tat-tarf ta' l-imnieħer li jintuża għal-"missili".
I.1A.029	*ex* 1C111* (1C111.a.1-3, 1C111.a.4, 1C111.b.1-4 u 1C111.ċ)	Propellanti u sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti, minbarra dawk speċifikati f'I.1A.025, kif ġej: a. Sustanzi propulsivi: 1. Trab sferiku ta' l-aluminju, minbarra dak speċifikat fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari, b'partiċelli ta' dijametru uniformi ta' inqas minn 200 μm u kontenut ta' aluminju ta' 97 % bil-piż jew aktar, jekk mill-inqas 10 % tal-piż totali huwa magħmul minn partiċelli ta' inqas minn 63 μm, skond l-ISO 2591:1988 jew ekwivalenti nazzjonali; *Nota Teknika:* *Daqs ta' partiċella ta' 63 μm (ISO R-565) jikkorrispondi għal 250 mesh (Tyler) jew 230 mesh (ASTM standard E-11).* 2. Karburanti tal-metall, minbarra dawk speċifikati fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari, f'daqs ta' partiċelli ta' inqas minn 60 μm, kemm jekk sferikali, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna, li jikkonsistu minn 97 % jew aktar bil-piż ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin: a. Żirkonju; b. Berillju; ċ. Manjesju; jew d. Liegi tal-metalli speċifikati minn (a) sa (ċ) hawn fuq; *Nota Teknika:* *Il-kontenut naturali tal-ħafnju fiż-żirkonju (tipikament 2 % sa 7 %) jingħadd maż-żirkonju.*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		3. Sustanzi ossidanti li jistgħu jintużaw f'magni rokit bi propellant likwidu kif ġej: a. Triossidu tad-dinitroġenu; b. Diossidu tan-nitroġenu/tetrossidu tad-dinitroġenu; ċ. Pentossidu tad-dinitroġenu; d. Ossidi Mħallta tan-Nitroġenu (MON); *Nota Teknika:* *Ossidi Mħallta tan-Nitroġenu (MON) huma soluzzjonijiet ta' Ossidu Nitriku (NO) fit-Tetrossidu tad-Dinitroġenu/Diossidu tan-Nitroġenu (N_2O_4/NO_2) li jistgħu jintużaw f'sistemi ta' missili. Hemm firxa ta' kompożizzjonijiet li jistgħu jiġu indikati bħala MONi jew MONij, fejn i u j huma numri sħaħ li jirrappreżentaw il-persentaġġ ta' Ossidu Nitriku fit-taħlita (eż., MON3 fih 3 % ta' Ossidu Nitriku, MON25 fih 25 % ta' Ossidu Nitriku. L-ogħla limitu huwa MON40, 40 % bil-piż).* *N.B.: Ara l-Kontrolli ta' Merkanzija Militari għal Aċidu Nitriku Fumanti Aħmar Inibit (IRFNA);* *N.B.: Ara l-Kontrolli ta' Merkanzija Militari u I.1A.049 u Komposti magħmula minn fluworin u wieħed jew aktar minn aloġeni oħrajn, ossiġnu jew nitroġenu;* 4. Derivattivi ta' l-idrażina, kif ġej: a. trimetilidrażina; b. tetrametilidrażina; ċ. N,N diallilidrażina; d. allilidrażina; e. etilen-diidrażina; f. dinitrat tal-monometilidrażina; g. nitrat tad-dimetilidrażina asimmetriku; h.ażid ta' l-idrażinju; i.ażid tad-dimetilidrażinju; N.B.: Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għan-Nitrat ta' l-idrażinju; k. diidrażina ta' l-aċidu diimmido-ossaliku; l. 2-nitrat ta' 2-idrossietilidrażina (HEHN); N.B.: Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-Perklorat ta' l-idrażinju; n. Diperklorat ta' l-idrażinju; o. Nitrat ta' metilidrażina (MHN); p. Nitrat ta' dietilidrażina (DEHN); q. Nitrat ta' 1,4-diidrażina (DHTN); b.* Sustanzi polimeriċi: 1. Polybutadiene ta' karboss-mitmum. (CTPB); 2. Polybutadiene ta' idross-mitmum (HTPB), barra dak speċifikat fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari; 3. Polibutadien-aċidu akriliku (PBAA); 4. Polibutadien-aċidu akriliku-akrilonitril (PBAN); ċ. Addittivi u aġenti oħrajn tal-propellant: N.B.: Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militarri għal Karborani, dekarborani, pentaborani u d-derivattivi tagħhom; 2. Dinitrat tat-trietilen-glikol (TEGDN); 3. 2-Nitrodifenilamin (CAS 119-75-5); 4. Trinitrat tat-trimetiloetan (TMETN) (CAS 3032-55-1); 5. Dinitrat tad-dietilen glikol (DEGDN);

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		6. Derivattivi tal-ferroċen kif ġej: N.B.: Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-katoċen; b. Etil-ferroċen; ċ. Propil-ferroċen (CAS 1273-89-8); N.B.: Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għal n-butil ferroċen; e. Pentil-ferroċen (CAS 1274-00-6); f. Diċiklopentil-ferroċen; g. Diċikloessil-ferroċen; h. Dietil-ferroċen; i. Dipropil-ferroċen; j. Dibutil-ferroċen; k. Dijeksil-ferroċen; l. Aċetil-ferroċeni; N.B.: Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għal Aċidi karbossiliċi tal-ferroċen; N.B.: Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għal butaċen; o. Derivattivi oħrajn tal-ferroċen li jistgħu jintużaw bħala modifikaturi tar-rata ta' ħruq tal-propellant rokit, minbarra dawk speċifikati fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari. *Nota: Għall-propellanti u s-sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti mhux speċifikati f'I.1A.029, ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari*
I.1A.030	1C116	Azzar b'saħħtu (azzar li ġeneralment ikun ikkaratterizzat minn nikil għoli, kontenut ta' karbon baxx ħafna u l-użu ta' elementi sostituzzjonali jew preċipitati biex jipproduċu s-saħħa tal-materjal biż-żmien) li għandu reżistenza qawwija tal-materjal ta' 1 500 Mpa jew ikbar, imkejla b'293 K (20 °C), fil-forma ta' folja, platt jew tubu bi ħxuna ta' ħajt jew ta' platt ekwivalenti għal jew inqas minn 5 mm. N.B.: Ara wkoll I.1A.035.
I.1A.031	*ex* 1C117*	Tangstinn, molibdenum u liegi ta' dawn il-metalli fil-forma ta' partiċelli sferiċi jew atomizzati ta' għamla waħda b'diametru ta' 500 mikrometru jew inqas bil-purità ta' 97 % jew ikbar għall-fabbrikazzjoni ta' komponenti tal-mutur, li jintużaw fil-"missili" (i.e., tarki tas-sħana, żennuna tas-substratum, żennuna tal-griežem u uċuħ tat-tniffid għall-kontroll tal-vettori).
I.1A.032	1C118	Azzar inossidabbli dupleks stabilizzat bit-titanju (Ti-DSS) li għandu dan kollu li ġej: a. Li għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Li jkun fih 17,0-23,0 f'perċentwali mill-piż fi kromju u 4,5-7,0 mill-perċentwal tal-piż f'nikil; 2. Li għandu kontenut ta' titanju ta' aktar minn 0,10 fil-mija bil-piż; u 3. Mikrostruttura ferritika-awstenitika (imsejħa wkoll bħala mikrostruttura ta' żewġ fażijiet) li mill-inqas 10 fil-mija bil-volum tagħha hija awstenita (skond l-ASTM E-1181-87 jew ekwivalenti nazzjonali); u b. Li għandu xi waħda mill-forom li ġejjin: 1. Ingotti jew żbarri li għandhom daqs ta' 100 mm jew aktar f'kull dimensjoni; 2. Folji li għandhom wisa' ta' 600 mm jew iktar u ħxuna ta' 3 mm jew inqas; jew 3. Tubi li għandhom dijametru estern ta' 600 mm jew aktar u ħxuna tal-ħajt ta' 3 mm jew inqas.

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.1A.033	1C202	Liga, kif ġej: a. Liegi ta' l-aluminju li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. 'Kapaċi għal' limitu ta' reżistenza għat-tensjoni ta' 460 MPa jew aktar f'293 K (20 °C); u 2. Fil-forma ta' tubi jew forom solidi ċilindriċi (inklużi dawk mikwija f'forġa) b'dijametru estern ta' aktar minn 75 mm; b. Liegi tat-titanju li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. 'Kapaċi għal' limitu ta' reżistenza għat-tensjoni ta' 900 MPa jew aktar f'293 K (20 °C); u 2. Fil-forma ta' tubi jew forom solidi ċilindriċi (inklużi dawk mikwija f'forġa) b'dijametru estern ta' aktar minn 75 mm. *Nota Teknika:* *Il-frażi liegi 'kapaċi għal' tinkorpora liegi qabel jew wara t-trattament bis-sħana.*
I.1A.034	1C210 u *ex* 1C010.a	"Materjali fibrużi jew bil-filamenti" jew prepregs, ħlief dawk speċifikati f'I.1A.024, kif ġej: a. 'Materjali fibrużi jew filamentari' tal-karbonju jew ta' l-aramid li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. "Modulus speċifiku" ta' $12,7 \times 10^6$ m jew akbar; jew 2. "Reżistenza għat-tensjoni speċifika" ta' 235×10^3 m jew akbar; *Nota: I.1A.034.a ma jipprojbixxix "materjali fibrużi jew filamentari" ta' l-aramid li għandhom 0,25 fil-mija jew aktar bil-piż ta' modifikatur ta' wċuħ tal-fibra bbażat fuq l-esteri;* b. 'Materjali fibrużi jew filamentari' tal-ħġieġ li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. "Modulus speċifiku" ta' $3,18 \times 10^6$ m jew akbar; u 2. "Reżistenza għat-tensjoni speċifika" ta' $76,2 \times 10^3$ m jew akbar; ċ. "Ħjut", "rovings", "wajers" jew "tejps" kontinwament impregnati bir-reżina fformata bis-sħana b'wisa' ta' 15 mm jew inqas (preimpregnati), magħmula mill-'materjali fibrużi jew filamentari' tal-karbonju jew tal-ħġieġ speċifikati f'I.1A.034.a or .b. *Nota Teknika:* *Ir-reżina tifforma l-matriċi tal-kompożitu.* *Nota: F'I.1A.034, 'materjali fibrużi jew filamentari' hija ristretta għal "monofilamenti", "ħjut", "rovings", "wajers" jew "tejps" kontinwi.*
I.1A.035	1C216	Azzar b'saħħtu, barra dak speċifikat I.1A.030, "kapaċi għal" reżistenza qawwija tal-materjal ta' 2 050 MPa jew iktar, b'293 K (20 °C). *Nota: I.1A.035 ma jipprojbixxix forom li d-dimensjonijiet lineari kollha fihom huma 75 mm jew inqas.* *Nota Teknika:* *Il-frażi azzar maraging 'kapaċi għal' tinkorpora azzar maraging qabel jew wara t-trattament bis-sħana.*
I.1A.036	1C225	Boron mogħni fl-iżotopu ta' boron-10 (^{10}B) għal aktar mill-abbunanza iżotopika naturali tiegħu, kif ġej: boron elementari, komposti, taħlitiet li fihom il-boron, prodotti maħdumin minnhom, skart jew skrapp ta' xi wieħed minn dawn imsemmijin. *Nota: F'I.1A.036 taħlitiet li jkollhom il-boron jinkludu materjali mimlija bil-boron (bl-effett tal-boron).* *Nota Teknika:* *L-abbundanza iżotopika naturali tal-boron-10 hija bejn wieħed u ieħor 18,5 fil-mija bil-piż (20 fil-mija ta' l-atomi).*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.1A.037	1C226	Tangstinn, karbajd tat-tangstinn, u ligi li għandhom piż ta' iktar minn 90 % tangstinn, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. F'forom b'simetrija ċilindrika vojta (inklużi segmenti taċ-ċilindru) b'dijametru intern bejn 100 mm u 300 mm; u b. Massa ta' aktar minn 20 kg. Nota: *I.1A.037 ma jipprojbixxix il-manifatturi ppjanati apposta bħala piżijiet tal-metall jew kollimaturi tar-raġġi gamma.*
I.1A.038	1C227	Kalċju li għandu ż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Li fih inqas minn 1 000 parti kull miljun bil-piż ta' impuritajiet metalliċi minbarra l-manjesju; u b. Li fih inqas minn 10 partijiet kull miljun bil-piż ta' boron.
I.1A.039	1C228	Manjesju li għandu ż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Li fih inqas minn 200 parti kull miljun bil-piż ta' impuritajiet metalliċi minbarra l-kalċju; u b. Li fih inqas minn 10 partijiet kull miljun bil-piż ta' boron.
I.1A.040	1C229	Bismut li għandu ż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Purità ta' 99,99 % jew akbar bil-piż; u b. Li fih inqas minn 10 partijiet kull miljun bil-piż ta' fidda.
I.1A.041	1C230	Metall tal-berillju, ligi li għandhom piż ta' aktar minn 50 % berillju, kompawnds tal-berillju, fabbrikazzjoni tagħhom, u rimi jew skart coenurus cerebralis ta' wieħed minn dawn ta' qabel. Nota: *I.1A.041 ma tipprojbixxix dawn li ġejjin:* *a. Twieqi tal-metall għal magni ta' l-eksrej, jew apparati għall-materjali fit-toqob ta' l-art;* *b. Għamliet ossidi fil-forom iffabbrikati jew nofs-iffabbrikati u li huma ppjanati speċjalment għall-partijiet elettroniċi tal-komponent jew bħala substratum għal ċirkwit elettroniku;* *ċ. Berill (silikat ta' berillju u aluminju) fil-forma ta' żmeraldi jew akkwa-marini.*
I.1A.042	1C231	Metall ta' l-afnijum, ligi li jkollhom piż ta' aktar minn 60 % afnijum, kompawnds ta' l-afnijum li jkollhom piż ta' aktar minn 60 % afnijum, fabbrikazzjoni tagħhom, u rimi jew skart coenurus cerebralis ta' wieħed minn dawn ta' qabel.
I.1A.043	1C232	Eljum3 (^{3}He), taħlitiet li jkollhom l-eljum3, u prodotti jew apparati li jkollhom wieħed minn ta' qabel. Nota: *I.1A.043 ma jikkontrollax prodott jew apparat li jkollu inqas minn 1 g ta' eljum3.*
I.1A.044	1C233	Litju arrikkit fl-iżotopu litju-6 (^{6}Li) għal aktar mill-abbundanza iżotopika naturali tiegħu, u prodotti jew apparati li fihom litju arrikkit, kif ġej: litju elementali, liegi, komposti, taħlitiet li fihom il-litju, prodotti maħdumin minnhom, skart jew skrapp ta' xi wieħed minn dawn imsemmijin. Nota: *I.1A.044 ma tipprojbixxix dosimetri termoluminixxenti.* Nota Teknika: *L-abbundanza iżotopika naturali tal-litju-6 hija bejn wieħed u ieħor 6,5 fil-mija bil-piż (7,5 fil-mija ta' l-atomi).*
I.1A.045	1C234	Żirkonju b'kontenut ta' anfnijum b'piż ta' inqas minn parti 1 ta' afnijum sa 500 parti ta' żirkonju, kif ġej: metall, liegi li fihom aktar minn 50 % żirkonju bil-piż, komposti, prodotti maħdumin minnhom, skart jew skrapp ta' xi wieħed minn dawn imsemmijin. Nota: *I.1A.045 ma jipprojbixxix iż-żirkonju fil-forma ta' fojl li għandu ħxuna ta' 0,10 mm jew inqas.*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.1A.046	1C235	Tritju, komposti tat-tritju, taħlitiet li fihom it-tritju fejn il-proporzjon ta' l-atomi tat-tritju ma' dawk ta' l-idroġenu hu ogħla minn 1 kull 1 000, u prodotti jew apparati li jkun fihom xi wieħed minn dawn imsemmijin. Nota: *I.1A.046 ma jipprojbixxix prodott jew apparat li jkun fih inqas minn 1.48 × 103 GBq (40 Ci) ta' tritju.*
I.1A.047	1C236	Radjonuklidi li jarmu l-alfa li jkollhom alfa nofs-ħajja ta' 10 ijiem jew aktar imma inqas minn 200 sena, fil-forom li ġejjin: a. Elementari; b. Komposti li għandhom attività alfa totali ta' 37 GBq/kg (1 Ci/kg) jew aktar; ċ. Taħlitiet li għandhom attività alfa totali ta' 37 GBq/kg (1 Ci/kg) jew aktar; d. Prodotti jew apparat li fihom xi wieħed minn dawn imsemmijin. Nota: *I.1A.047 ma jipprojbixxix prodott jew apparat li jkollu inqas minn 3,7 GBq (100 millicuries) ta' l-attività ta' l-alfa.*
I.1A.048	1C237	1C237 Radjum226 (^{226}Ra), ligi tar-radjum226, kompawnds tar-radium226, taħlitiet li jkollhom radjum226, fabbrikazzjoni tiegħu, u prodotti jew apparati li jkollhom wieħed minn dawn ta' qabel. Nota: *I.1A.048 ma tipprojbixxix dawn li ġejjin:* *a. Applikaturi mediċi;* *b. Prodott jew apparat li jkollu inqas minn 0,37 GBq (10 millicuries) ta' radjum226.*
I.1A.049	1C238	Trifluworur tal-kloru (ClF_3).
I.1A.050	1C239	Esplossivi għoljin, barra minn dawk speċifikati fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari, jew sustanzi jew taħlitiet li jkollhom aktar minn 2 % tal-piż tagħhom, b'densità tal-kristall aktar minn 1,8 g/ċm3 u li jkollhom veloċità ta' denotazzjoni ta' aktar minn 8 000 m/s.
I.1A.051	1C240	Trab tan-nikil u metall poruż tan-nikil, minbarra dawk speċifikati f'I.0A.013, kif ġej: a. Trab tan-nikil li għandu ż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. Kontenut ta' purità tan-nikil ta' 99,0 % bil-piż jew aktar; u 2. Daqs medju tal-partiċelli ta' inqas minn 10 mikrometri mkejla bl-istandard B330 tas-Soċjetà Amerikana għall-Ittestjar u l-Materjali (ASTM); b. Metall poruż tan-nikil prodott mill-materjali speċifikati f'I.1A.051.a. Nota: *I.1A.051 ma tipprojbixxix dawn li ġejjin:* *a. Trab filamentari tan-nikil;* *b. Folji singli porużi tan-nikil b'wiċċ ta' 1 000 cm^2 kull folja jew inqas.* Nota Teknika: *I.1A.051.b. jirreferi għall-metall poruż/porus iffurmat bil-kumpatt u l-proċess tas-sħana tal-materjali f'I.1A.051.a. biex jifforma materjal tal-metall b'pori fini interkonnettjati fl-istruttura kollha.*

▼M4

I.1B It-teknoloġija, inkluż is-software

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.1B.001	*ex* 1D001	"Software" imfassal b'mod speċjali jew modifikat għall-"iżvilupp", "produzzjoni" jew "użu" ta' tagħmir msemmi f'I.1A.006.
I.1B.002	1D101	"Software" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"użu" ta' l-oġġetti indikati f'I.1A.007 għal I.1A.009, għal I.1A.011 għal I.1A.013.
I.1B.003	1D103	"Software" iddisinjat apposta għall-analiżi ta' karatteristiċi osservabbli bħar-riflettività tar-radar, firem ultravjola/infra-aħmar u firem akustiċi.
I.1B.004	1D201	"Software" iddisinjat apposta għall-"użu" ta' l-oġġetti speċifikati f'I.1A.014.
I.1B.005	1E001	"Teknoloġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"iżvilupp" jew "produzzjoni" ta' tagħmir jew materjali speċifikati f'I.1A.006 sa I.1A.051.
I.1B.006	1E101	"Teknolġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"użu" ta' l-oġġetti speċifikati f'I.1A.001, I.1A.006 to I.1A.013 I.1A.026, I.1A.028, I.1A.029 sa I.1B.002 jew I.1B.003. 032, I.1B.002 jew I.1B.003.
I.1B.007	*ex* 1E102	"Teknoloġija" skond in-Nota ta' Teknoloġija Ġenerali għall-"iżviluppar" ta' "software" speċifikat f' I.1B.001to I.1B.003.
I.1B.008	1E103	"Teknoloġija" għar-regolazzjoni ta' temperatura, pressjoni jew atmosfera f'awtoklavi jew idroklavi, meta tintużaw għall-"produzzjoni" ta' "kompożiti" jew "kompożiti" parzjalment ipproċessati.
I.1B.009	1E104	"Teknoloġija" konnessa mal-"produzzjoni" ta' materjal mit-tmermir kimiku kkawżat mis-sħana magħmula fuq forma, fus jew sottostrat ieħor minn gassijiet prekursuri li jiddekomponu f'temperatura li tvarja bejn 1 573 K (1 300 °C) u 3 173 K (2 900 °C) u pressjoni ta' 130 Pa sa 20 kPa. Nota: *I.1B.009 jinkludi "teknoloġija" għal kompożizzjoni ta' gassijiet prekursuri, veloċità tal-fluss u skedi għal kontroll tal-proċess u l-parametri relatati.*
I.1B.010	*ex* 1E201	"Teknolġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"użu" ta' l-oġġetti speċifikati f'I.1A.002 sa I.1A.005, I.1A.014 sa I.1A.023, I.1A.024.b., I.1A.033 sa I.1A.051, jew I.1B.004.
I.1B.011	1E202	"Teknoloġija" skond in-Nota ta' Teknoloġija Ġenerali għall-"iżviluppar" jew "produzzjoni" ta' oġġetti speċifikati f'I.1A.002 sa I.1A.005.
I.1B.012	1E203	"Teknoloġija" skond in-Nota ta' Teknoloġija Ġenerali għall-"iżviluppar" ta' "software" speċifikat f' I.1B.004.

▼M4

I.2

L-IPPROĊESSAR TAL-MATERJAL

I.2A Oġġetti

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.2A.001	*ex* 2A001*	Kuxxinetti anti-frizzjoni u sistemi ta' kuxxinetti, kif ġej, u komponenti għalihom: Nota: *I.2A.001 ma jipprojbixxix rombli b'tolleranza ta' grad 5 jew inqas imsemmija mill-fabbrikant skond ISO 3290.* Kuxxinetti bir-rombli radjali li għandhom it-tolleranzi kollha speċifikati mill-manifattur skond l-ISO 492 Klassi ta' Tolleranza 2 (jew ANSI/ABMA Standard 20 Klassi ta' Tolleranza ABEC-9 jew RBEC-9, jew ekwivalenzi oħra nazzjonali), jew aħjar: a. Dijametru tat-toqba taċ-ċirku intern bejn 12 u 50 mm; b. Dijametru tat-toqba taċ-ċirku estern bejn 25 u 100 mm; u ċ. A width between 10 u 20 mm.
I.2A.002	2A225	Griġjoli magħmula minn materjali reżistenti għall-metalli aktinidi likwidi, kif ġej: a. Griġjoli li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. Volum ta' bejn 150 cm^3 u 8 000 cm^3; u 2. Magħmula minn jew miksija minn xi wieħed mill-materjali li ġejjin, li għandhom purità ta' 98 % jew aktar bil-piż: a. Fluworur tal-kalċju (CaF_2); b. Żirkonat tal-kalċju (metażirkonat) ($CaZrO_3$); ċ. Sulfid taċ-ċerju (Ce_2S_3); d. Ossidu ta' l-erbju (erbja) (Er_2O_3); e. Ossidu tal-ħafnju (ħafnja) (HfO_2); f. Ossidu tal-manjesju (MgO); g. Ligi b'nitroġenu ta' nijobju-titanju-tungstenu (approssimattivament 50 % Nb, 30 % Ti, 20 % W); h. Ossidu ta' ittriju (ittrija) (Y_2O_3); jew i. Ossidu taż-żirkonju (żirkonja) (ZrO_2); b. Griġjoli li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. Volum ta' bejn 50 cm^3 u 2 000 cm^3; u 2. Magħmula minn jew miksija bit-tantalu, li għandhom purità ta' 99,9 % jew aktar bil-piż; ċ. Griġjoli li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Volum ta' bejn 50 cm^3 u 2 000 cm^3; 2. Magħmula minn jew miksija bit-tantalu, li għandhom purità ta' 98 % jew aktar bil-piż; u 3. Miksija bil-karbur tat-tantalu, nitroġenu tat-tantalu, tantalu boriku jew xi kombinazzjoni ta' dawn
I.2A.003	2A226	Valvijiet li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. 'Daqs nominali' ta' 5 mm jew akbar; b. Li għandhom siġill minfaħ; u ċ. Magħmula fl-intier tagħom minn jew miksija bl-aluminju, liega ta' l-aluminju, nikil jew liega tan-nikil li fihom aktar minn 60 % nikil bil-piż. Nota Teknika: *Għall-valvs bi ftuħ ta' dijametri differenti għad-dħul u ħruġ, id-"daqs nominali" f'I.2A.003 jirreferi għall-iżgħar dijametru.*
I.2A.004	*ex* 2B001.a*, 2B001.d	Għodod bil-magna u kwalunkwe għaqda ta' dawn, għat-tneħħija (jew il-qtugħ) ta' metalli, ċeramika jew "kompożiti", li, skond l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-manifattur, jistgħu jkunu mgħammra b'apparat elettroniku għall-"kontroll

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		numeriku", u komponenti ddisinjati apposta kif ġej: N.B.: Ara wkoll I.2A.016. Nota 1: *I.2A.004 ma jipprojbixxix għodod tal-magni b'għan speċjali limitati għall-fabbrikazzjoni tal-gerijiet.* Nota 2: *I.2A.004 ma jipprojbixxix għodod tal-magni b'għan speċjali limitati għall-fabbrikazzjoni ta' xi partijiet li ġejjin:* *a. Krankxafts jew kamxafts;* *b. Għodod jew għodod tal-qtugħ;* *ċ. Extruder worms;* Nota 3: *Għodda bil-magna li għandha ta' l-inqas tnejn mit-tliet kapaċitajiet ta' tornitura, tħin jew tisnin (eż., magna tat-tornitura bil-kapaċità li titħan), għandha tiġi evalwata skond kull entrata applikabbli I.2A.004.a u I.2A.016.* *a.* Għodod bil-magna għat-tornitura, għal magni b'dijametru ta' mmaxinjar akbar minn 35 mm, bil-karatteristiċi kollha li ġejjin:* *1. Preċiżjoni tal-pożizzjoni bil-"kumpensi kollha disponibbli" daqs jew inqas (aħjar) minn 6 μm skond l-ISO 230/2 (1988) ([1]) jew ekwivalenti nazzjonali matul kwalunkwe assi lineari; u* *2. Żewġ assi jew aktar li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-"kontroll tal-kontorn";* Nota 1: *I.2A.004 a. ma jipprojbixxix magni ta' l-inturnjar imfassla b'mod speċjali għall-produzzjoni ta' lentijiet tal-kuntatt, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:* *1. Kontrollur tal-magna limitat għall-użu ta' software b'bazi oftalmika għad-dħul tad-data tal-programmar tal-partijiet; u* *2. L-ebda vacuum chucking.* Nota 2: *I.2A.004.a ma jipprojbixxix magni ta' bar (Swissturn), riżervati biss għal immaxxinjar "bar feed thru", jekk l-akbar dijamteru tal-bar jkun l-istess, jew anqas minn, 42 mm u ma tkun teżisti l-ebda kapaċità ta' ċokkijiet ta' mmuntar. Il-magni jista' jkollhom kapaċitajiet ta' tħaffir u/jew tħin għal partijiet ta' mmaxinjar b'dijamteri anqas minn 42 mm.* d. Magni tat-tip bla wajer li jgħaddu karga elettrika (EDM) li fihom żewġ assi jew iktar b'moviment rotatorju li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-"kontroll tal-kontorni";
I.2A.005	*ex* 2B006.b*	Sistemi, tagħmir u "assemblaġġi elettroniċi" għall-ispezzjoni dimensjonali jew għal kejl, kif ġej: b.* Strumenti ta' kejl ta' spostament lineari u angolari, kif ġej: 1.* Strumenti ta' kejl ta' spostament lineari li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: Nota Teknika: *Għall-iskop ta' I.2A.005.b.1. 'spostament lineari' jfisser il-varjazzjoni fid-distanza bejn is-sonda ta' kejl u l-oġġett imkejjel.* a. Sistemi ta' kejl tat-tip bla kuntatt b' "riżoluzzjoni" daqs jew inqas (aħjar) minn 0,2 μm f'medda ta' kejl sa 0,2 mm; b. Sistemi ta' transformer differenzjali b'vultaġġ lineari li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. "Linearità" daqs jew inqas (aħjar) minn 0,1 % f'medda ta' kejl sa 5 mm; u 2. Moviment daqs jew inqas (aħjar) minn 0,1 % għal kull ġurnata f'temperatura standard ta' l-ambjent fil-kamra ta' l-ittestjar ta' ± 1 K; jew ċ. Sistemi ta' kejl li fihom dawn il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Li fihom "laser"; u 2. Li jżommu, mill-inqas għal 12-il siegħa, f'medda ta' temperatura

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		ta' ± 1 K f'temperatura standard u f'pressjoni standard, dawn kollha li ġejjin: a. "Riżoluzzjoni" fuq l-iskala kollha tagħhom ta' 0,1 μm jew inqas (aħjar); u b. "Inċertezza tal-kejl" daqs jew inqas (aħjar) minn (0,2 + L/2 000) μm (L huwa t-tul imkejjel f'mm); Nota: *I.2A.005.b.1.ċ ma jipprojbixxix sistemi ta' kejl b'interferometri, li ma jibgħatux sinjal lura permezz ta' ċirkuwitu magħluq jew miftuħ, li fihom jinsab "lażer" li jkejjel żbalji fil-moviment ta' l-għodod tal-magni li jislajdjaw, magni għall-ispezzjoni dimensjonali jew tagħmir simili.* 2. Strumenti tal-kejl ta' spostament angolari li għandu "devjazzjoni tal-pożizzjoni angolari" daqs jew inqas (aħjar) minn 0,00025°; Nota: *I.2A.005.b.2. ma jipprjobix strumenti ottiċi, bħal awtokollimaturi, li jużaw dawl ikkolimat (eż. dawl tal-laser) sabiex jirrilevaw l-ispostament angolari ta' mera.*
I.2A.006	2B007.ċ	"Robots" li għandhom il-karatteristika li ġejjin, u kontrolluri u "strumenti bi stimoli" imfassla b'mod speċjali għal dak l-iskop: N.B.: Ara wkoll I.2A.019. ċ. Iddisinjati apposta jew previsti bħala reżistenti għar-radjazzjoni sabiex jifilħu doża totali ta' radjazzjoni akbar minn 5×10^3 Gy (silikon) mingħajr degradazzjoni funzjonali. Nota Teknika: *It-terminu Gy(silikon) jirreferi għall-enerġija f'Joules kull kilogramm li tiġi assorbita minn kampjun ta' silikon mhux mgħotti meta dan ikun espost għal radjazzjoni jonizzanti.*
I.2A.007	2B104	"Pressi iżostatiċi" li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: N.B.: Ara wkoll I.2A.017. a. Pressjoni massima ta' tħaddim ta' 69 MPa jew aktar; b. Iddisinjati sabiex jiksbu u jżommu ambjent termiku kkontrollat ta' 873 K (600 °C) jew aktar; u ċ. Li għandhom kavità tal-kamra b'dijametru intern ta' 254 mm jew aktar.
I.2A.008	2B105	Fran ta' depożizzjoni ta' sustanza kimika mill-fwar iddisinjati jew modifikati għad-densifikazzjoni ta' kompożiti ta' karbonju-karbonju.
I.2A.009	2B109	Magni *flow-forming* u komponenti ddiżinjati apposta kif ġej: N.B.: Ara wkoll I.2A.020. a. Magni flow-forming li għandhom dawn kollha li ġejjin: 1. Jistgħu jkunu mgħammra skond l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur, b'unitajiet b' "kontroll numeriku" jew b'kontroll minn kompjuter, ukoll meta ma jkunux mgħammra b'tali unitajiet; u 2. B'aktar minn żewġ assi li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-"kontroll tal-kontorn". b. Komponenti imfassla b'mod speċjali għal magni tat-tip *flow-forming* imsemmija minn I.2A.009.a. Nota: *I.2A.009 ma jipprojbixxux magni li ma jistgħux jintużaw fil-produzzjoni ta' komponenti u tagħmir ta' propulsjoni (eż. kontenituri ta' muturi) għal"-missili".* Nota Teknika: *Magni li jgħaqqdu il-funzjoni ta' spin-forming u flow-forming huma meqjusa bħala magni tat-tip flow-forming għall-iskop ta' I.2A.009.*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.2A.010	2B116	Sistemi għat-test tal-vibrazzjoni, tagħmir u komponenti għalihom, kif ġej: a. Sistemi għat-test tal-vibrazzjoni li jużaw metodi ta' retroazzjoni jew ta' ċirkwit magħluq u li jinkorporaw kontrollur diġitali, li kapaċi jivvibraw sistema b'aċċellerazzjoni daqs jew akbar minn 10 g rms bejn 20 Hz u 2 kHz u jagħtu forza daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b' 'mejda vojta'; b. Kontrolluri diġitali flimkien ma' Software ta' prova ta' vibrazzjoni mfassal b'mod speċjali, b'"medda ta' frekwenzi fiż-żmien reali" ta' iktar minn 5 kHz imfassla għall-użu tas-sistemi ta' prova ta' vibrazzjoni msemmija f'I.2A.010. a.; ċ. Magni li jagħtu mbuttatura b'vibrazzjoni (unitajiet ta' vibrazzjoni), b'amplifikaturi assoċjati jew mingħajr, li kapaċi jagħtu forza ta' 50 kN jew aktar, imkejla b' 'mejda vojta', u li jistgħu jintużaw fis-sistemi ta' l-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati fi I.2A.010.a.; d. Strutturi li jsostnu l-parti għall-ittestjar u unitajiet elettroniċi ddisinjati sabiex jgħaqqdu unitajiet ta' vibrazzjoni multipli f'sistema li hi kapaċi tipprovdi forza effettiva kombinata daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b' 'mejda vojta', u li jistgħu jintużaw fis-sistemi ta' vibrazzjoni speċifikati fi I.2A.010.a. *Nota Teknika:* *F'I.2A.010, "tavla vojta" tfisser tavla jew wiċċ ċatt, bl-ebda fissi ma' immobbli jew tagħmir.*
I.2A.011	2B117	Tagħmir u mezzi mekkaniċi għall-proċess, barra dawk imsemmija I.2A.007 or I.2A.008, iddiżinjati jew modifikati għad-densifikazzjoni u t-tmermir kimiku kkawżat mis-sħana tal-kompożiti strutturali taż-żennuni ta' rokits u tat-truf tal-post tad-dħul mill-ġdid ta' vetturi.
I.2A.012	2B119	Magni ta' l-ibbilanċjar u tagħmir relatat, kif ġej: N.B.: Ara wkoll I.2A.021. a. Magni ta' l-ibbilanċjar li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. M'humiex kapaċi jibbilanċjaw skrejjen/assemblaġġi li għandhom massa akbar minn 3 kg; 2. Kapaċi jibbilanċjaw skrejjen/assemblaġġi f'veloċità akbar minn 12 500 rpm; 3. Kapaċi jikkoreġu żbilanċ f'żewġ pjani jew aktar; u 4. Kapaċi jibbilanċjaw sa żbilanċ speċifiku residwu ta' 0,2 g mm għal kull kg ta' massa ta' l-iskrun; *Nota: I.2A.012.a ma jipprojbixxix magni tal-bilanċ imfassla jew modifikati għall-apparat dentali jew apparat mediku ieħor.* b. Irjus indikaturi ddisinjati jew modifikati għall-użu mal-magni speċifikati fi I.2A.012.a. *Nota Teknika:* *Xi drabi l-partijiet ta' indikejter huma magħrufa bħala strumentazzjoni tal-bilanċ*
I.2A.013	2B120	Simulaturi tal-moviment jew imwejjed rotatorji li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Żewġ assi jew aktar; b. Ċrieki tal-kuntatt li kapaċi jittrasmettu qawwa elettrika u/jew informazzjoni tas-sinjali; u ċ. Li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Għal kull assi uniku li għandu dawn kollha li ġejjin: a. Kapaċi jilħaq rati ta' 400 grad/s jew aktar, jew 30 grad/s jew inqas; u b. Riżoluzzjoni ta' rata daqs jew inqas minn 6 gradi/s u preċiżjoni daqs jew inqas minn 0,6 gradi/s; 2. Li għandu stabbilità ta' rata fl-agħar sitwazzjoni daqs jew aħjar (inqas) minn bejn wieħed u ieħor 0,05 % ikkalkolati bħala medja fuq 10 gradi jew aktar; jew

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		3. Preċiżjoni tal-pożizzjoni daqs jew aħjar minn 5 sekondi ta' arkata. Nota: *I.2A.013 ma jipprojbixxix imwejjed rotatorji ddisinjati jew modifikati għal għodod bil-magna jew għal tagħmir mediku.*
I.2A.014	2B121	Twavel tal-pożizzjoni (tagħmir kapaċi ta' pożizzjoni għal moviment rotatorju preċiż f'kull assi), barra dawk imsemmija f'I.2A.013, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Żewġ assi jew aktar; u b. Preċiżjoni tal-pożizzjoni daqs jew aħjar minn 5 sekondi ta' arkata. Nota: *I.2A.014 ma jipprojbixxix imwejjed rotatorji ddisinjati jew modifikati għal għodod bil-magna jew għal tagħmir mediku.*
I.2A.015	2B122	Magni ċentrifugi li huma kapaċi ta' aċċelerazzjoni 'il fuq minn 100 g u li għandhom anelli tal-kuntatt li huma kapaċi jittrasmettu enerġija elettrika jew informazzjoni bis-sinjali.
I.2A.016	2B201, 2B001.b.2 u 2B001.ċ.2	Għodod bil-magna jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom, kif ġej, għat-tneħħija jew il-qtugħ ta' metalli, ċeramika jew "kompożiti", li, skond l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur, jistgħu jkunu mgħammra b'apparat elettroniku għal "kontroll tal-kontorn" simultanju f'żewġ assi jew aktar: Nota: *Għal unitajiet B' "kontroll numeriku" projbiti minħabba s-"software" assoċjat tagħhom ara l-I.2B.002.* a. Għodod bil-magna għat-tħin, li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Preċiżjonijiet tal-pożizzjoni bil-"kumpensi kollha disponibbli" daqs jew inqas (aħjar) minn 6 μm skond l-ISO 230/2 (1988) (1) jew ekwivalenzi nazzjonali matul kwalunkwe assi lineari; 2. Żewġ assi jew aktar rotatorji tal-kontorn; jew 3. Ħames assi jew aktar li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-"kontroll tal-kontorn". Nota: *I.2A.016.a ma jipprojbixxixx magni tat-taħan li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:* *a. Korsa ta' l-assi-x akbar minn 2 m; u* *b. Preċiżjoni tal-pożizzjoni totali fuq l-assi-x aktar (aġħar) minn 30 μm.* b. Għodod bil-magna għat-tisnin, li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Preċiżjoni tal-pożizzjoni bil-"kumpensi kollha disponibbli" daqs jew inqas (aħjar) minn 4 μm skond l-ISO 230/2 (1988) (1) jew ekwivalenzi nazzjonali matul kwalunkwe assi lineari; 2. Żewġ assi jew aktar rotatorji tal-kontorn; jew 3. Ħames assi jew aktar li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-"kontroll tal-kontorn". Nota: *I.2A.016.b. ma jipprojbixxix il-magni tat-taħan li ġejjin:* *a. Magni tat-tisnin estern, intern u estern-intern ta' ċilindri li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:* *1. Limitati għal kapaċità massima ta' l-oġġetti tal-ħidma b'dijametru estern jew tul ta' 150 mm; u* *2. Assi limitati għal x, ż u ċ;* *b. Jig grinders li m'għandhomx assi-ż jew assi-w, bi preċiżjoni tal-pożizzjoni totali anqas (aħjar) minn 4 μm skond l-ISO 230/2 (1988)* (1) *jew ekwivalenti nazzjonali.* Nota 1: *I.2A.016 ma jipprojbixxix għodod tal-magni b'għan speċjali limitati għall-fabbrikazzjoni ta' xi partijiet li ġejjin:* *a. Ingranaġġi;* *b. Krankxafts jew kamxafts;*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		ċ. Għodod jew għodod tal-qtugħ; *d. Extruder worms.* Nota 2: *Għodda bil-magna li għandha ta' l-inqas tnejn mit-tliet kapaċitajiet ta' tornitura, tħin jew tisnin (eż., magna tat-tornitura bil-kapaċità li titħan), għandha tiġi evalwata skond kull entrata applikabbli I.2A.004.a. jew I.2A.016.a. jew b.*
I.2A.017	2B204	"Preses isostatiċi", barra dawk imsemmija f'I.2A.007, u tagħmir konness, kif ġejjin: a. "Pressi iżostatiċi" li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. Kapaċi jilħqu pressjoni massima ta' tħaddim ta' 69 MPa jew aktar; u 2. Kavità tal-kamra b'dijametru intern ta' aktar minn 152 mm; b. Żebgħa, forom u kontrolli, imfassla b'mod speċjali għall-"preses isostatiċi" imsemmija f'I.2A.017.a. Nota Teknika: *F'I.2A.017 id-dimensjoni interna tal-kavità fejn isir ix-xogħol hi tal-kavità, fejn tintlaħaq it-temperatura u l-pressjoni ta' xogħol, mingħajr fissi ma' immobbli. Dik id-dimensjoni għandha tkun l-iżgħar minn jew id-dijametru intern tal-kamra tal-pressjoni jew id-dijametru intern tal-kamra iżolata tal-forn, skond liema miż-żewġ kmamar tinsab ġewwa l-oħra.*
I.2A.018	2B206	2B206 Magni, apparat jew sistemi ta' spezzjoni dimensjonali, barra dawk imsemmija f'I.2A.005, kif ġejjin: a. Magni ta' spezzjoni dimensjonali kkontrollati minn kompjuter jew ikkontrollati numerikament li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. Żewġ assi jew aktar: u 2. "Inċertezza tal-kejl" ta' tul dimensjonali wieħed daqs jew inqas (aħjar) minn (1,25 + L/1 000) µm ittestjata permezz ta' sonda bi "preċiżjoni" ta' inqas (aħjar) minn 0,2 µm (L huwa t-tul imkejjel f'millimetri) (Ref.: VDI/VDE 2617 Partijiet 1 u 2); b. Sistemi għall-ispezzjoni simultanja lineari-angolari ta' hemishells, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. "Inċertezza tal-kejl" matul kull assi lineari daqs jew inqas (aħjar) minn 3,5 µm għal kull 5 mm; u 2. "Devjazzjoni ta' pożizzjoni angolari" indaqs jew inqas minn 0,02 °. Nota 1: *Għodod bil-magna li jistgħu jintużaw bħala magni tal-kejl huma projbiti jekk jilħqu jew jeċċedu l-kriterji speċifikati għall-funzjoni ta' għodod bil-magna jew għall-funzjoni ta' magni tal-kejl.* Nota 2: *Magna speċifikata fi I.2A.018 hija projbita jekk teċċedi l-limitu ta' projbizzjoni fi kwalunkwe post fil-medda operattiva tagħha.* Nota Teknika: *1. Is-sonda użata fid-determinazzjoni ta' l-inċertezza tal-kejl ta' sistema ta' spezzjoni dimensjonali għandha tkun deskritta f'VDI/VDE 2617 partijiet 2, 3 u 4.* *2. Il-parametri kollha f'I.2A.018 jirrappreżentaw qisien ta' bejn wieħed u ieħor, ċioe mhux marġini totali.*
I.2A.019	2B207	"Robots", "tagħmir tat-tarf" u unitajiet ta' kontroll, minbarra dawk speċifikati fi I.2A.006, kif ġej: a. "Robots" jew "tagħmir tat-tarf" iddisinjati apposta sabiex ikunu konformi ma' l-istandards ta' sigurtà nazzjonali applikabbli għall-immaniġġar ta' splussivi qawwijin (per eżempju, li jissodisfaw il-kodiċi elettrika nominali għal splussivi qawwijin); b. Unità ta' kontroll imfassla b'mod speċjali għal "robots" jew "strumenti bi stimoli" imsemmija f'I.2A.019.a.

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.2A.020	2B209	Magni tat-tip flow forming, magni tat-tip spin forming bil-funzjoni ta' flow forming, barra dawk imsemmija f'I.2A.009, u fusijiet, kif ġejjin: a. Magni li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. Tliet rombli jew aktar (attivi jew li jiggwidaw); u 2. Li, skond l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur, jistgħu jkunu mgħammra b'unitajiet ta' "kontroll numeriku" jew kontroll minn komp-juter; b. Mandarini tat-torn li jifformaw skrejjen iddisinjati sabiex jifformaw skrejjen ċilindriċi b'dijametru intern ta' bejn 75 mm u 400 mm. Nota: *I.2A.020.a. jinkludi magni li għandhom romblu wieħed biss imfassal sabiex jibdel il-forma tal-metall u żewġ rombli awżiljarji li jsostnu l-fus, iżda li ma jieħdux sehem f'dan il-proċess ta' bdil*
I.2A.021	2B219	Magni fissi jew li jistgħu jittieħdu minn post għal ieħor, orizzontali jew vertikali, għal bilanċ ċentrifugu fuq iktar minn pjan wieħed, kif ġejjin: a. Magni ta' l-ibbilanċjar ċentrifugali ddisinjati għall-ibbilanċjar ta' skrejjen fles-sibbli li għandhom tul ta' 600 mm jew aktar u li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Dijametru tal-pern jew ta' l-assi ta' aktar minn 75 mm; 2. Kapaċità ta' massa ta' minn 0,9 sa 23 kg; u 3. Kapaċità ta' bilanċjar b'veloċità ta' rotazzjoni ta' aktar minn 5 000 r.p.m.; b. Magni ta' l-ibbilanċjar ċentrifugali ddisinjati għall-ibbilanċjar ta' komponenti ta' skrejjen ċilindriċi vojta u li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Dijametru tal-pern ta' aktar minn 75 mm; 2. Kapaċità ta' massa ta' minn 0,9 sa 23 kg; 3. Kapaċi jibbilanċjaw sa żbilanċ residwu daqs jew inqas minn 0,01 kg × mm/kg għal kull pjan; u 4. Tat-tip li jaħdmu biċ-ċinga.
I.2A.022	2B225	Apparat għal manipulazzjoni mill-bogħod li jista' jintużaw għal azzjoni mill-bogħod f'proċessi tas-separazzjoni radju-kimika jew f'ċelel tas-sħana, li fihom xi karatteristika minn dawn li ġejjin: a. Kapaċi jidħol 0,6 m jew iktar f'ħajt ta' ċella tas-sħana (funzjoni tat-tip through-the-wall); jew b. Kapaċi jgħaddi minn naħa għal oħra ta' ċella tas-sħana b'ħajt bi ħxuna ta' 0,6 m jew iktar (funzjoni over-the-wall). Nota Teknika: *Manipulaturi minn distanza jbiddlu l-azzjonijiet ta' operatur uman għal driegħ li jaħdem minn distanza u muntaġġ terminali. Dawn jistgħu jkunu tat-tip 'prinċi-pali/sekondarja' ('master/slave') jew imħaddma b'joystick jew tastiera.*
I.2A.023	2B226	Atmosfera ikkontrollata (vakwu jew gass inerti) fran ta' l-induzzjoni, u provvisti ta' enerġija b'dan, kif ġejjin: a. Fran li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Kapaċi jaħdmu f'temperaturi ogħla minn 1 123 K (850 °C); 2. Bobini ta' l-induzzjoni b'dijametru ta' 600 mm jew inqas; u 3. Iddisinjati għal dħul ta' qawwa ta' 5 kW jew aktar; b. Provvisti ta' qawwa, bi ħruġ speċifikat ta' qawwa ta' 5 kW jew aktar, iddi-sinjati apposta għall-ifran speċifikati fi I.2A.023.a. Nota: *I.2A.023.a. ma jipprojbixxix fran imfassla biex jipproċessaw kristalli irqaq ħafna ta' semikonduttur użati bħala sottostrat għal sistema ta' ċirkuwitu fi stat solidu.*
I.2A.024	2B227	Fran għat-tidwib tal-metall u tidwib metallurġiku u tagħmir konness, ġewwa vakwu jew atmosfera oħra kkontrollata kif ġejjin: a. Fran b'ark għat-tidwib mill-ġdid u fran għall-ikkastjar li għandhom iż-żewġ

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		karatteristiċi li ġejjin: 1. Elettrodu konsumabbli b'kapaċitajiet ta' bejn 1 000 cm^3 u 20 000 cm^3, u 2. Kapaċi jaħdmu f'temperaturi tat-tidwib 'il fuq minn 1 973 K (1 700 °C) b. Fran għat-tidwib b'raġġ ta' elettroni u fran ta' atomizzazzjoni u tidwib ta' plażma, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. Qawwa ta' 50 kW jew aktar; u 2. Kapaċi jaħdmu f'temperaturi tat-tidwib 'il fuq minn 1 473 K (1 200 °C) ċ. Sistemi ta' rapport u kontroll permezz ta' kompjuter ikkonfigurati b'mod speċjali għall-fran imsemmija f'I.2A.024.a. or b.
I.2A.025	2B228	Tagħmir għal fabbrikazzjoni jew immuntar ta' rotors, tagħmir li jiddritta rotors, fusijiet tat-tip bellows-forming u żebgħa, kif ġejjin: a. Tagħmir għall-assemblaġġ ta' skrejjen għall-assemblaġġ ta' sezzjonijiet ta' tubi, dijaframmi u għotjien tat-tarf ta' skrejjen ta' ċentrifugi bil-gass; *Nota: I.2A.025.a. jinkludi fusijiet ta' preċiżjoni, klamps u magni tat-tip shrink fit.* b. Tagħmir li jiddritta l-iskrejjen għall-allinjament ta' sezzjonijiet ta' tubi ta' skrejjen ta' ċentrifugi bil-gass fuq assi komuni; *Nota Teknika:* *F'I.2A.025.b'tagħmir bħal dan ġeneralment jikkonsisti f'sondi tal-kejl ta' preċiżjoni konnessi ma' kompjuter li sussegwentement tikkontrolla l-azzjoni ta', per eżempju, pistuni pnewmatiċi li jintużaw għall-allinjament ta' partijiet ta' tubi ta' rotors.* ċ. Mandarini tat-torn li jifformaw imniefaħ u forom imnaqqxin għall-produzzjoni ta' mniefaħ b'konvoluzzjoni unika. *Nota Teknika:* *F'I.2A.025.ċ. il-minfħa għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:* *1. Dijametru intern bejn 75 mm u 400 mm;* *2. Tul daqs jew akbar minn 12,7 mm;* *3. Fond tal-konvoluzzjoni unika ta' aktar minn 2 mm; u* *4. Magħmul minn ligi ta' l-aluminju ta' saħħa kbira, maraging steel jew "materjal fibruż jew bil-filamenti" ta'saħħa kbira.*
I.2A.026	2B230	"Apparat maħsub sabiex jibdel sinjal ta' pressjoni f'sinjal ellettriku" li hu kapaċi jkejjel pressjoni assoluta f'kull punt ta' l-iskala 0 sa 13 kPa u li għandu iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Elementi ta' rilevament tal-pressjoni magħmula minn jew protetti b'aluminju, liega ta' l-aluminju, nikil jew liega tan-nikil b'aktar minn 60 % nikil bil-piż; u b. Li fihom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Miżien mimli b'inqas minn 13 kPa u "preċiżjoni" ta' aħjar minn + 1 % ta' daqs sħiħ; jew 2. Skala sħiħa ta' 13 kPa jew aktar u 'preċiżjoni' ta' aħjar minn + 130 Pa. *Nota Teknika:* *Għall-iskop ta' I.2A.026, "preċiżjoni" tinkludi dak li mhux lineari, isteresi u r-rata ta' repetizzjoni fit-temperatura tal-post.*
I.2A.027	2B231	Pompi tal-vakwu li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Id-daqs ta' l-iżgħar parti tad-dħul daqs jew akbar minn 380 mm; b. Il-veloċità ta' l-ippumpjar daqs għal jew akbar minn 15 m^3/s; u ċ. Kapaċi jipproduċu vakwu finali aħjar minn13 mPa.

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		Nota Teknika: 1. *Il-veloċità ta' l-ippumpjar hi determinata fil-punt tal-kejl b'gass tan-nitroġenu jew arja.* 2. *Il-vakwu finali hu ddeterminat fid-dħul tal-pompa bid-dħul tal-pompa bblokkjat*
I.2A.028	2B232	Kanuni bil-gass tat-tip ta' livelli diversi u sistemi oħra ta' kanuni ta' veloċità kbira (tipi ta' serpentina, elettromanjetika u elettrotermika, u sistemi oħra avvanzati) li kapaċi jaċċeleraw projettili għal 2 km/s jew iktar.

([1]) Manifatturi li jikkalkulaw il-preċiżjoni tal-pożizzjoni skond l-ISO 230/2 (1997) għandhom jikkonsultaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih huma stabbiliti.

I.2B B It-teknoloġija, inkluż is-*software*

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.2B.001	*ex* 2D001	"Software" ħlief dak speċifikat f'I.2B.002, imfassal b'mod speċjali jew modifikat għall-"iżvilupp", "produzzjoni" jew "użu" ta' tagħmir msemmi f'I.2A.004 sa I.2A.006.
I.2B.002	2D002	"Software" għal strumenti elettroniċi, saħansitra meta dan jinsab fi strument jew sistema elettronika, li permezz tiegħu strumenti jew sistemi bħal dawn jistgħu jiffunzjonaw bħala unità ta' "kontroll numeriku", li hu kapaċi jikkordina aktar minn erba' assi għal "contouring control" simultanjament. Nota 1: *I.2B.002 ma jipprojbixxix "Software" imfassal b'mod speċjali jew modifikat sabiex iħaddem l-għodod tal-magni mhux imsemmija fil-Kategorija I.2.*
I.2B.003	2D101	"Software" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"użu" tat-tagħmir speċifikat f'I.2A.007 sa I.2A.015.
I.2B.004	2D201	"Software" ddisinjat apposta għall-"użu" tat-tagħmir speċifikat fi I.2A.017 to I.2A.024. Nota: *"Softwaew" iddiżinjat speċifikament għal tagħmir imsemmi fil-I.2A.018 jinkludi "software" għal kejl simultanju tal-ħxuna u l-kontorn tal-ħitan.*
I.2B.005	2D202	"Software" imfassal b'mod speċjali jew modifikat għall-"iżvilupp", "produzzjoni" jew "użu" ta' tagħmir msemmi f'I.2A.016.
I.2B.006	*ex* 2E001	"Teknolġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"iżvilupp" ta' tagħmir jew "software" speċifikati f'I.2A.002 sa I.2A.004, I.2A.006.b., I.2A.006.ċ, I.2A.007 sa I.2A.028, I.2B.001, I.2B.003 jew I.2B.004.
I.2B.007	*ex* 2E002	"Teknolġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"produzzjoni" ta' tagħmir speċifikat f'I.2A.002 sa I.2A.004, I.2A.006.b., I.2A.006.ċ, I.2A.006.ċ, I.2A.007 sa I.2A.028.
I.2B.008	2E101	"Teknolġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"użu" ta' tagħmir jew "software" speċifikati f'I.2A.007, I.2A.009, I.2A.010, I.2A.012 sa I.2A.015 sa I.2B.003.
I.2B.009	*ex* 2E201	"Teknolġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"użu" ta' tagħmir speċifikat f'I.2A.002 sa I.2A.005, I.2A.006.b., I.2A.006.ċ., I.2A.016 sa I.2A.020, I.2A.022 sa I.2A.028, I.2B.004 sa I.2B.005.

▼M4

I.3

ELETTRONIKA

I.3A Oġġetti

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.3A.001	*ex* 3A001.a*	Komponenti elettroniċi, kif ġej: a. Ċirkwiti integrati bi skop ġenerali, kif ġej: *Nota 1: L-istatus ta' projbizzjoni ta' wajfers (mitmuma jew mhux mitmuma) li fihom il-funzjoni ġiet determinata, għandha tkun evalwati mal-parametri ta' I.3A.001.a.* *Nota 2: Ċirkwiti integrati jinkludi t-tipi li ġejjin:* *"Ċirkwiti integrati monolitiċi";* *"Ċirkwiti integrati ibridi";* *"Ċirkwiti integrati multichip";* *"Ċirkwiti integrati tat-tip tal-pellikola", inklużi ċirkwiti integrati tas-silikon fuq iż-żaffir;* *"Ċirkwiti integrati ottiċi".* 1.* Ċirkwiti integrati li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Iddisinjati apposta jew previsti bħala reżistenti għar-radjazzjoni sabiex jifilħu doża totali ta' radjazzjoni akbar minn 5×10^3 Gy (silikon) jew aktar; u b. Jistgħu jintużaw f'sistemi ta' rokits protettivi u "vetturi ta' l-ajru mingħajr ekwipaġġ" kontra effetti nukleari (e.ż.. Impulsi Elettromanjetiċi (EMP), raġġi-X, effetti flimkien ta' splużjoni u sħana), u jintużaw għal "missili".
I.3A.002	3A101	Sistemi, tagħmir u komponenti elettroniċi, kif ġej: a. Konvertituri minn analoġiku għal diġitali, li jistgħu jintużaw f' "missili", iddisinjati sabiex jissodisfaw speċifikazzjonijiet militari għal tagħmir rinfurzat; b. Aċċelleraturi li kapaċi jwasslu radjazzjoni elettromanjetika prodotta bi bremss-trahlung minn elettroni aċċellerati ta' 2 MeV jew akbar, u sistemi li fihom dawk l-aċċelleraturi. *Nota: I.3A.002.b t'hawn fuq ma jispeċifikax tagħmir iddisinnjat b'mod speċjali għal skopijiet mediċi.*
I.3A.003	3A201	Komponenti elettroniċi, kif ġej; a. Kapaċituri li għandhom xi wieħed minn dawn il-gruppi ta' karatteristiċi li ġejjin: 1. a. Vultaġġ nominali akbar minn 1,4 kV; b. Ħażna ta' enerġija akbar minn 10 J; ċ. Ta' kapaċità akbar minn 0,5 μF; u d. Induttanza serjali anqas minn 50 nH; jew 2. a. Vultaġġ nominali akbar minn 750 V; b. Ta' kapaċità akbar minn 0,25 μF; u ċ. Induttanza serjali anqas minn 10 nH; b. Elettromanjeti tas-solenojdi superkonduttivi li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Kapaċi joħolqu kampi manjetiċi akbar minn 2 T; 2. Proporzjon ta' tul għal dijametru intern akbar minn 2; 3. Dijametru intern akbar minn 300 mm; u 4. Ħrji fejn tinħass il-qawwa manjetika uniformi ma jew aħjar minn 1 % fuq 50 % ċentrali tal-volum ta' ġewwa;

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		Nota: I.3A.003.b. ma jipprojbixxix kalamiti iddisinnjati b'mod speċjali għal u esportati "bħala parti minn" sistemi ta' ħolqien ta' imaġġni b'reżonanza manjetika nukleari medika (NMR). Il-frażi 'bħala parti minn' ma tfissirx neċessarjament parti fiżika fl-istess kunsinna; kunsinni separati minn sorsi differenti huma permessi, sakemm id-dokumenti ta' l-esportazzjoni relatati jispeċifikaw b'mod ċar li l-kunsinni jintbagħtu 'bħala parti minn' sistemi ta' immaġini. ċ. Ġeneraturi tal-flash tar-raġġi-X jew aċċeleratturi ta' l-elettron bil-polz li għandhom xi wieħed minn dawn is-setts ta' karatteristiċi li ġejjin: 1. a. L-ogħla enerġija ta' l-elettroni ta' l-aċċelleratur ta' 500 keV jew akbar iżda inqas minn 25 MeV; u b. B' "ċifra ta' mertu" (K) ta' 0,25 jew akbar; jew 2. a. L-ogħla enerġija ta' l-elettroni ta' l-aċċelleratur ta' 25 MeV jew akbar; u b. 'L-ogħla qawwa' ta' aktar minn 50 MW. *Nota: I.3A.003.ċ ma jipprojbixxix aċċeleraturi li huma parti komponenti ta' strumenti iddisinnjati għall-iskopijiet barra d-dija ta' l-elettronu jew ir-radjazzjoni tar-raġġi-X (mikroskopija ta' l-elettronu, bħala eżempju) lanqas dawk iddisinnjati għal skopijiet mediċi:* *Nota Teknika:* *1. Iċ-"ċifra ta' mertu" K hija definita bħala:* $K = 1{,}7 \times 10^3 V^{2{,}65} Q$ *V hija l-ogħla enerġija ta' l-elettroni f'miljuni ta' elettron volts.* *Jekk id-durata ta' l-impuls tar-raġġ ta' l-aċċelleratur hija anqas minn jew daqs 1 μs, mela Q hija l-karika aċċellerata totali f'Coulombs. Jekk id-durata ta' l-impuls tar-raġġ hija akbar minn 1 μs, mela Q hija l-karika aċċellerata massima f'1 μs.* *Q hija ugwali għall-integrali ta' i fir-rigward ta' t, fuq l-inqas minn 1 μs jew id-durata ta' l-impuls tar-raġġ ($Q = \int idt$), fejn i hija l-kurrent tar-raġġ f'amperes u t hija l-ħin f'sekondi.* *2. 'L-ogħla qawwa' = (l-ogħla potenzjal f'volts) × (l-ogħla kurrent tar-raġġ f'amperes).* *3. F'magni bbażati fuq kavitajiet ta' aċċellerazzjoni microwave, id-durata fil-ħin ta' l-impuls tar-raġġ hija l-inqas minn 1 μs jew id-durata tal-pakkett ta' raġġi f'mazz li tirriżulta minn impuls wieħed tal-modulatur microwave.* *4. F'magni bbażati fuq kavitajiet ta' aċċellerazzjoni microwave, l-ogħla kurrent tar-raġġ huwa l-medja tal-kurrent fid-durata tal-ħin ta' pakkett ta' raġġi f'mazz.*
I.3A.004	3A225	Apparat li jbiddel il-frekwenza u ġeneraturi, barra dawk indikati fi I.0A.002.b.13, li għandhom dawn il-karatteristiċi kollha li ġejjin a. Ħruġ multifażi li kapaċi jipprovdi qawwa ta' 40 W jew aktar; b. Kapaċi jaħdmu fil-medda ta' frekwenzi bejn 600 u 2 000 Hz; ċ. Distorsjoni armonika totali aħjar (anqas) minn 10 %; u d. Kontroll tal-frekwenza aħjar minn (anqas) minn 0,1 %. *Nota Teknika:* *Apparat li jbiddel il-frekwenza fi I.3A.004 huma magħrufa wkoll bħala konvertituri jew apparat li jaqbleb ta' taħt fuq.*
I.3A.005	3A226	Provvisti ta' enerġija ta' kurrent dirett ta' enerġija għolja, barra dawk indikati fi I.0A.002.j.6., li għandhom dawn iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Kapaċi li jipproduċu kontinwament, fuq perijodu ta' ħin ta' 8 sigħat, 100 V jew aktar bi ħruġ ta' kurrent ta' 500 A jew aktar; u b. Stabbiltà tal-kurrent jew tal-vultaġġ aħjar minn 0,1 % fuq perijodu ta' ħin ta' 8 sigħat.

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.3A.006	3A227	Provvisti ta' enerġija ta' kurrent dirett ta' vultaġġ għoli, barra dawk indikati fi I.0A.002.j.5., li għandhom dawn iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Kapaċi li jipproduċu kontinwament, fuq perijodu ta' ħin ta' 8 sigħat, 20 kV jew aktar bi ħruġ ta' kurrent ta' 1 A jew aktar; u b. Stabbiltà tal-kurrent jew tal-vultaġġ aħjar minn 0,1 % fuq perijodu ta' ħin ta' 8 sigħat.
I.3A.007	3A228	Swiċċijiet, kif ġej: a. Tubi b'katodu kiesaħ, kemm jekk mimlija bil-gass jew le, li joperaw b'mod simili għal spinterometru (spark gap), li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Fihom tliet elettrodi jew aktar; 2. Vultaġġ massimu nominali fl-anodu ta' 2,5 kV jew aktar; 3. Kurrent massimu nominali fl-anodu ta' 100 A jew aktar; u 4. Ħin ta' dewmien fl-anodu ta' 10 μs jew inqas; Nota: *I.3A.007 tinkludi tubi tal-gass tat-tip krytron u tubi tal-vakwu tat-tip sprytron.* b. Xintillaturi (triggered spark-gaps) li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. Ħin ta' dewmien fl-anodu ta' 15 μs jew inqas; u 2. Kurrent massimu nominali ta' 500 A jew aktar; ċ. Moduli jew immuntar b'funzjoni ta' bdil mgħaġġel li għandhom dawn il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. L-ogħla vultaġġ nominali fl-anodu ta' aktar minn 2 kV; 2. Kurrent massimu nominali fl-anodu ta' 500 A jew aktar; u 3. Ħin sabiex jixgħel ta' 1 μs jew anqas.
I.3A.008	3A229	Settijiet li jqabbdu u ġeneraturi ekwivalenti ta' impuls b'kurrent għoli kif ġej: N.B.: Ara wkoll Kontrolli tal-Merkanzija Militari. a. Setts ta' l-isparar tad-detonatur splussiv iddisinnjati biex iħaddmu detonaturi multipli kkontrollati indikati fil-I.3A.011; b. Ġeneraturi modulari b'impuls elettriku (pulsers) li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Iddisinjati għall-użu portabbli, mobbli jew ta' rinforz; 2. Magħluqa fi spazju magħluq li fih ma jidħolx it-trab; 3. Kapaċi li jwasslu l-enerġija tagħhom f'anqas minn 15 μs; 4. Li għandhom ħruġ akbar minn 100 A; 5. Li għandhom 'ħin ta' tlugħ' ta' anqas minn 10 μs f'tagħbijiet ta' anqas minn 40 ohms; 6. L-ebda dimensjoni akbar minn 254 mm; 7. Piż anqas minn 25 kg; u 8. Speċifikati għall-użu f'medda estiża ta' temperaturi estiża minn 223 K (– 50 °C) sa 373 K (100 °C) jew speċifikati bħala adatti għal applikazzjonijiet aerospazjali. Nota: *I.3A.008.b jinkludi drivers b'lampa tal-flash tal-kseno.* Nota Teknika: *In I.3A.008.b.5. Fil- I.3A.008.b.5. "ħin ta' żieda fl-ammont" huwa iddefinut bħala l-intervall tal-ħin minn 10 % sa 90 % ta' l-estensjoni tal-kurrent meta tkun qed titmexxi żidiet ta' reżistenza.*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.3A.009	3A230	Ġeneraturi ta' impuls b'veloċità għolja li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Vultaġġ ta' ħruġ akbar minn 6 V f'tagħbija reżistiva ta' anqas minn 55 ohm, u b. Ħin ta' 'transizzjoni ta' l-impuls' anqas minn 500 ps. *Nota Teknika:* *In I.3A.009, "ħin ta' transizzjoni tal-polz" huwa iddefinut bħala l-intervall tal-ħin bejn 10 % u 90 % ta' l-estensjoni tal-vultaġġ.*
I.3A.010	3A231	Sistemi ġeneraturi tan-newtroni, inkluż tubi, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Iddisinjati sabiex jaħdmu mingħajr sistema vakwu esterna; u b. Jużaw aċċellerazzjoni elettrostatika sabiex jikkaġunaw reazzjoni nukleari tritju-dewterju.
I.3A.011	3A232	Detonaturi u sistemi ta' inizjazzjoni b'ħafna punti, kif ġej: N.B.: Ara wkoll Kontrolli tal-Merkanzija Militari. a. Detonaturi splussivi mħaddma bl-elettriku, kif ġej: 1. Pont li jisplodi (EB); 2. Wajer tal-pont li jisplodi (EBW); 3. Trasmettitur ta' impuls (Slapper); 4. Inizjaturi ta' fojl li jisplodi (EFI); b. Arranġamenti li jużaw detonatur wieħed jew detonaturi multipli ddisinjati sabiex jinizjaw kważi simultanjament wiċċ li jisplodi fuq aktar minn 5 000 mm^2 minn sinjal li jqabbad wieħed b'ħin ta' inizjazzjoni mifrux fuq il-wiċċ ta' anqas minn 2,5 μs. *Nota: I.3A.011 ma jipprojbixxix detonaturi li jużaw splussiv primarju biss, bħal ċomb azid.* *Nota Teknika:* *Fil-I.3A.011 id-detonaturi ikkonċernati kollha jutilizzaw kundutturi elettriċi żgħar (pont, wajer tal-pont jew fojl) li bi splussiv jagħmel fi fwar meta polz ta' elettriku ta' kurrent għoli u li jgħaġġel jiġi mgħoddi minnu. F'tipi nonslapper, l-kundutturi li jisplodi jibda detonazzjonai kimika f'kuntatt ta' materjal li hu splussiv ħafna bħal PETN (Pentaerythritoltetranitrate). F'detonaturi slapper, il-vaporizzazzjoni splussiva tal-konduttur elettriku jmexxi flyer jew slapper minn naħa għal oħra ta' fetħa u l-impatt tas-slapper fuq splussiv jibda detonazzjoni kimika. Is-slapper f'xi disinji huwa mmexxi minn forza manjetika. It-terminu detonatur tal-fojl li jisplodi jista' jirreferi għal EB jew għal detonatur tat-tip slapper. Ukoll, il-kelma inizjatur xi kultant hija wżata minflok il-kelma detonatur.*
I.3A.012	3A233	Spettrometri tal-massa, barra dawk indikati fil-I.0A.002.g., li kapaċi jkejjlu joni ta' 230 units ta' massa atomika jew akbar u li għandhom riżoluzzjoni ta' aħjar minn 2 partijiet fi 230 kif ġejjin, u sorsi ta' jone għal dan l-iskop: a. Spettrometri tal-massa bil-plażma b'akkoppjament induttiv (ICP/MS); b. Spettrometri tal-massa bi skarika inkandexxenti (GDMS); ċ. Spettrometri tal-massa b'jonizzazzjoni termika (TIMS); d. Spettrometri tal-massa b'bumbardament ta' elettroni li għandhom kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew ibbanjata b'materjali reżistenti għall-UF_6; e. Spettrometri tal-massa b'raġġi molekulari li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew ibbanjata b'azzar inossidabbli jew molibdenu u mgħammra bi trappola tal-kesħa li kapaċi tkessaħ sa 193 K (– 80 °C) jew anqas; jew 2. Kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew ibbanjata b'materjali reżistenti għall-UF_6;

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		f. Spettrometri tal-massa mgħammra b'sors joniku ta' mikrofluworizzazzjoni ddisinjati għal aktinidi jew fluworidi ta' l-aktinid.

I.3B It-teknoloġija, inkluż is-*software*

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.3B.001	3D101	"Software" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"użu" tat-tagħmir speċifikat fil-I.3A.002.b
I.3B.002	*ex* 3E001	"Teknoloġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"iżvilupp" jew "produzzjoni" ta' tagħmir jew materjali speċifikati fil-I.3A.001 sa I.3A.003, jew fil-I.3A.007 sa I.3A.012.
I.3B.003	*ex* 3E101	"Teknolġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"użu" ta' tagħmir jew "software" speċifikati f'I.3A.001, I.3A.002 jew I.3B.001.
I.3B.004	3E102	"Teknoloġija" skond in-Nota ta' Teknoloġija Ġenerali għall-"iżviluppar" ta' "software" speċifikat f' I.3B.001.
I.3B.005	*ex* 3E201	"Teknoloġija" skond in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"użu" ta' tagħmir imsemmi minn I.3A.003 to I.3A.012.

I.4

KOMPJUTERS

I.4A Oġġetti

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.4A.001	4A001.a.1 *	Kompjuters elettroniċi u tagħmir relatat, kif ġej: N.B.: Ara wkoll I.4A.002. a. Iddisinjati apposta sabiex ikollhom il-karatteristiċi li ġejjin: 1.* Previsti għal tħaddim kontinwu f'temperaturi taħt il-228 K (– 45 °C) jew 'il fuq minn 328 K (55 °C); *Nota: I.4A.001 ma japplikax għal kompjuters iddisinnjati b'mod speċjali għall-applikazzjonijiet tal-karozzi ċivili jew tal-ferrovija.*
I.4A.002	4A101*	Kompjuters analoġiċi, "kompjuters diġitali" jew analizzaturi differenzjali diġitali bil-karatteristiċi kollha li ġejjin: N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli ta' Oġġetti Militari għal kompjuters għal użu f'rokits u missili. a. Iddisinjati u mmodifikati għall-użu f'vetturi ta' l-ispazju speċifikati fil-I.9A.001 jew rokits sonda speċifikati fil-I.9A.005. u b. Iddisinjati b'rinforz jew previsti bħala reżistenti għal livelli ta' radjazzjoni ta' 5×10^3 Gy (silikon) jew aktar;
I.4A.003	4A102	4A102 "Kompjters ibridi" iddisinjati b'mod speċjali għall-immudellar, simulazzjoni jew integrazzjoni tad-disinn ta' vetturi li jkunu sparati fl-ispazju speċifikati fil-I.9A.001 jew rokits sonda speċifikati fil-I.9A.005.

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli ta' Oġġetti Militari għal kompjuters relatati ma' rokits u missili Nota: *Din il-projbizzjoni tapplika biss meta t-tagħmir ikollu s-"Software" speċifikat fil-I.7B.003 or I.9B.003.*

I.4B It-teknoloġija, inkluż is-*software*

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.4B.001	*ex* 4E001.a	"Teknoloġija" skond in-Nota ta' Teknoloġija Ġenerali, għall-"iżvilupp", "produzzjoni" jew "użu" ta' tagħmir jew "Software" speċifikat fil-I.4A.001, I.4A.002 jew I.4A.003.

I.5

TELEKOMUNIKAZZJONIJIET U "SIGURTA TA' L-INFORMAZZJONI"

I.5A Oġġetti

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.5A.001	5A101	Tagħmir ta' telemetraġġ u telekontroll, inkluż tagħmir fuq l-art, iddisinjat jew modifikat għall-'missili'. Nota Teknika: *Fi I.5A.001 'missila' tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.* Nota: *I.5A.001 ma jipprojbixxix* *a. Tagħmir iddisinjat jew modifikat għal inġenji ta' l-ajru bl-ekwipaġġ jew satelliti;* *b. Tagħmir ibbażat fuq l-art iddisinjat jew modifikat għal applikazzjonijiet terrestri jew marittimi;* *ċ. Tagħmir iddisinjat għal servizzi GNSS kummerċjali, ċivili jew 'Sikurezza tal-Ħajja' (eż. integrità tad-data, sikurezza tat-titjira);*

I.5B It-teknoloġija, inkluż is-*software*

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.5B.001	5D101	"Software" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"użu" tat-tagħmir speċifikat fil-I.5A.001.
I.5B.002	5E101	"Teknoloġija" skond in-Nota ta' Teknoloġija Ġenerali, għall-"iżvilupp", "produzzjoni" jew "użu" ta' tagħmir speċifikat fil-I.5A.001 jew software speċifikat fil-I.5B.001.

▼M4

I.6

***SENSORS* U *LASER*S**

I.6A Oġġetti

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.6A.001	*ex* 6A005.b*, *ex* 6A005.ċ* u *ex* 6A005.d* a.: *ex* 6A005.d.4 b.: *ex* 6A005.b.2-4 ċ.: *ex* 6A005.ċ.2	"Lasers", minbarra dawk speċifikati f'I.0A.002.g.5. or I.0A.002.h.6, komponenti u tagħmir ottiku, kif ġej (1) a. (1) Eċċimeri b'impuls (XeF, XeCl, KrF) "Lasers" b il-karateristiċi kollha li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 240 nm u 360 nm; 2. Rata ta' repetizzjoni ogħla minn 250 kHz; u 3. Saħħa tal-ħruġ medja li taqbeż il-500 W. b. (1) "Lasers" ta' fwar tar-Ram (Cu) li għandhom dawn iż-żewġ karateristiċi li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 500 nm u 600 nm; u 2. Saħħa tal-ħruġ medja li taqbeż l-40 W. ċ. (1) Alessandrit "intonabbli" fi stat solidu (CR: $BeAl_2O_4$) "lasers" li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 720 nm u 800 nm; 2. Faxxa ta' frekwenza ta' 0,005 nm jew anqas; 3. Rata ta' ripetizzjoni li taqbeż il-125 kHz; u 4. Saħħa tal-ħruġ medja li taqbeż it-30 W.
I.6A.002	6A007.ċ	Gradjometri tal-gravità.
I.6A.003	6A102	'Rilevaturi' reżistenti għar-radjazzjoni ddisinjati apposta għall-protezzjoni mill-effetti nukleari (eż. impulsi elettromanjetiċi (EMP), raġġi-X, effetti flimkien ta' splużjoni u sħana) u li jistgħu jintużaw għal "missili", iddisinjati jew previsti li jirreżistu livelli ta' radjazzjoni ugwali għal jew ogħla minn doża ta' radjazzjoni totali ta' 5×10^5 rads (silikon). *Nota Teknika:* *In I.6A.003, "Rilevatur" huwa definit bħala appart mekkaniku, elettriku, ottiku jew kimiku li jiddentifika u jirreġistra awtomatikament stimulu bħalma huma bdil ambjentali ta' pressjoni jew temperatura, sinjali elettriku jew elettromanjetiku jew radjazzjoni li ġej minn materjal radjuattiv. Dan jinkludi apparat li jirrileva b'operazzjoni ta' darba jew bi ħsara.*
I.6A.004	6A107	Gravimetri u komponenti għall-gravimetri u gradjometri tal-gravità, kif ġej: a. Gravimetri, iddisinjati jew modifikati għall-użu fl-ajru jew fil-baħar, u li għandhom preċiżjoni statika jew operattiva ta' 7×10^{-6} m/s^2 (0,7 milligal) jew inqas (aħjar), u ħin ta' reġistrazzjoni valur stabbli ta' żewġ minuti jew inqas; b. Komponenti ddisinjati apposta għall-gravimetri speċifikati f'I.6A.004.a u gradjometri tal-gravità speċifikati f'I.6A.002.
I.6A.005	6A108	Sistemi ta' radar u sistemi ta' insegwiment kif ġej: a. Sistemi tar-radar u sistemi ta' radar bil-lasers iddisinjati speċifikament jew modifikati għall-użu fil-vetturi ta' l-illanċjar fl-ispażju speċifikati fi I.9A.001 jew rokits sonda speċifikati fi I.9A.005; N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli ta' Oġġetti Militari għal sistemi ta' radar u laser għal użu f'rokits u missili. *Nota: I.6A.005.a. jinkludi dan li ġej* *a. Tagħmir li jimmarka l-kontorni ta' l-art fil-mapep;* *b. Tagħmir sensur ta' l-immaġini;* *ċ. Tagħmir għall-kartografija u l-korrelazzjoni (diġitali kif ukoll*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		analoġika) tax-xeni; *d. Tagħmir tar-radar għan-navigazzjoni Doppler.* b. Sistemi ta' insegwiment bi preċiżjoni, li jistgħu jintużaw għal 'missili', kif ġej: 1. Sistemi ta' insegwiment li użaw traduttur tal-kodiċi li jaħdem flimkien ma' sistemi tal-wiċċ, ta' l-ajru jew ma' sistemi satellitari tan-navigazzjoni għall-kejl fil-ħin reali tal-pożizzjoni u anki tal-veloċità matul titjira; 2. Strumentazzjoni radar għall-kejl tad-distanza inkluż insegwituri ottiċi/infra-aħmar bil-kapaċitajiet kollha li ġejjin: a. Riżoluzzjoni angolari ta' aħjar minn 3 milliradians; b. Medda ta' 30 km jew iktar b'riżoluzzjoni fid-distanza aħjar minn 10 m rms; ċ. Riżoluzzjoni tal-veloċità aħjar minn 3 m/s. *Nota Teknika:* *Fil-I.6A.005.b. 'missila' tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vettura ta' l-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*
I.6A.006	6A202	Tubi fotomultiplikaturi li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Erja ta' fotokatodu ikbar minn 20 cm^2; u b. Ħin ta' tlugħ ta' l-impuls anodiku ta' inqas minn 1 ns.
I.6A.007	6A203	Kameras u komponenti, kif ġej: a. Kameras mekkaniċi b'mera li ddur, kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: 1. Framing cameras b'rati ta' reġistrazzjoni ogħla minn 225 000 immaġini kull sekonda; 2. Streak cameras b'veloċità ta' reġistrazzjoni ogħla minn 0,5 mm kull mikro-sekonda; *Nota: F'I.6A.007.a. komponenti ta' tali kameras jinkludu l-unitajiet elettroniċi sinkronizzanti tagħhom u l-assemblaġġi rotorji li jikkonsistu f'turbini, mirja u kuxxinetti.* b. Streak cameras elettroniċi, framing cameras elettroniċi, tubi u apparati, kif ġej: 1. Streak cameras elettroniċi b'kapaċità ta' riżoluzzjoni tal-ħin ta' 50 ns jew inqas; 2. *Streak tubes* għall-kameras speċifikati fi I.6A.007.b.1.; 3. Framing cameras elettroniċi (jew b'shutters elettroniċi) b'kapaċità ta' ħin ta' esponiment ta' fotogramma ta' 50 ns jew inqas; 4. Framing tubes u apparati għall-immaġini fl-istat solidu għall-użu bil-kameras speċifikati f'I.6A.007.b.3., kif ġej: a. Tubi intensifikaturi ta' immaġini fokalizzati għall-viċin li għandhom il-fotokatodu ddepożitat fuq kisi konduttiv trasparenti sabiex titnaqqas ir-reżistenza tal-folja tal-fotokatodu; b. Tubi vidikon tat-tip SIT (gate silicon intensifier target) li għandhom sistema veloċi li tippermetti l-kontroll tal-fotoelettroni mill-fotokatodu qabel ma jaħbtu mal-plakka tat-tubi SIT; ċ. Shutters elettro-ottiċi biċ-ċellula Kerr jew Pockels; d. Framing tubes u apparati għall-immaġini fl-istat solidu li għandhom ħin ta' kontroll ta' l-immaġini veloċi ta' inqas minn 50 ns ddisinjati apposta għall-kameras speċifikati f'I.6A.007.b.3.; ċ. Kameras tat-TV reżistenti għar-radjazzjoni, jew lentijiet għalihom, iddisinjati apposta jew previsti bħala reżistenti għal doża ta' radjazzjoni totali ogħla minn 50×10^3 Gy (silikon) (5×10^6 rad (silikon)) mingħajr degradazzjoni operattiva.

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		Nota Teknika: *It-terminu Gy(silikon) jirreferi għall-enerġija f'Joules kull kilogramm li tiġi assorbita minn kampjun ta' silikon mhux mgħotti meta dan ikun espost għal radjazzjoni jonizzanti.*
I.6A.008	6A205	"Lasers", amplifikaturi u oxxillaturi "laser", għajr dawk speċifikati f'I.0A.002.g.5., I.0A.002.h.6. u I.6A.001; kif ġej: a. "Lasers" ta' l-argon jonizzat li għandhom dawn iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 400 nm u 515 nm; u 2. Qawwa medja ta' ħruġ ogħla minn 40 W; b. Oxxillaturi laser bl-impulsi b'modalità unika b'koloranti intonabbli li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 300 nm u 800 nm; 2. Qawwa medja ta' ħruġ ogħla minn 1 W; 3. Rata ta' ripetizzjoni li taqbeż il-1 kHz; u 4. Wisa' ta' l-impuls inqas minn 100 ns; ċ. Amplifikaturi u oxxillaturi laser bl-impulsi b'koloranti intonabbli, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 300 nm u 800 nm; 2. Qawwa medja ta' ħruġ ogħla minn 30 W; 3. Rata ta' ripetizzjoni li taqbeż il-1 kHz; u 4. Wisa' ta' l-impuls inqas minn 100 ns; Nota: *I.6A.008.ċ ma jikkontrollax oxxillaturi b'modalità unika;* d. "Lasers" bl-impulsi tad-diossidu tal-karbonju li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 9 000 nm u 11 000 nm; 2. Rata ta' repetizzjoni ogħla minn 250 kHz; 3. Qawwa medja ta' ħruġ ogħla minn 500 W; u 4. Wisa' ta' l-impuls inqas minn 200 ns; e. Sfażaturi Raman bil-paraidroġenu ddisinjati sabiex jaħdmu fuq tul ta' mewġ tal-ħruġ ta' 16-il mikrometru u b'rata ta' repetizzjoni ogħla minn 250 kHz; f. "Lasers"(għajr dawk tal-ħġieġ) drogat bin-neodimju, li għandhom Wavelength tal-ħruġ li jaqbeż l-1 100 nm imma mhux iżjed minn 1 000 nm, kif ġejjin: 1. Q-switched u eċċitati bl-impulsi b'durata ta' l-impuls ta' 1 ns jew iżjed, u li għandhom wieħed jew l-ieħor minn dan li ġej: a. A Ħruġ b'modalità trasversali unika b'qawwa medja tal-ħruġ ogħla minn 40 W; jew b. A Ħruġ multimod trasversali li għandu saħħa medja li taqbeż il-50 W; jew 2. Fihom ir-raddoppjar tal-frekwenza li jagħti tul ta' mewġ tal-ħruġ ta' 500 nm jew aktar iżda mhux aktar minn 550 nm u b'qawwa medja tal-ħruġ ta' aktar minn 40 W.
I.6A.009	6A225	Interferometri tal-veloċità għall-kejl ta' veloċitajiet ogħla minn 1 km/s f'intervalli ta' ħin ta' inqas minn 10 mikrosekondi. Nota: *I.6A.009 jinkludi interferometri tal-veloċità bħall-VISAR (Velocity interferometer systems for any reflector) u d-DLI (Doppler laser interferometers).*
I.6A.010	6A226	Sensorji tal-pressjoni, kif ġej: a. Strumenti tal-kejl bil-manganin għal pressjonijiet ogħla minn 10 GPa; b. Trasdutturi tal-pressjoni tal-kwarz għal pressjonijiet ogħla minn 10 GPa

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.6A.011	*ex* 6B108*	Sistemi ddisinjati apposta għall-kejl ta' l-erja ekwivalenti radar li jistgħu jintużaw għal "missili" u s-sottosistemi tagħhom.

([1]) It-testi ta' punti a, b u ċ f'din l-entrata ma jikkorrispondux mal-punti a, b u ċ tas-6A005.

I.6B It-teknoloġija, inkluż is-*software*

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.6B.001	6D102	"Software" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"użu" ta' l-oġġetti indikati f'I.6A.005.
I.6B.002	6D103	"Software" li jipproċessa data rreġistrata wara t-titjir, li jippermetti li ssir magħrufa l-pożizzjoni tal-vettura tul it-trajettorja tagħha, iddisinjat apposta jew modifikat għal 'missili'. *Nota Teknika:* *Fi I.6B.002 'missila' tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*
I.6B.003	*ex* 6E001	"Teknolġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"użu" ta' tagħmir, materjali jew "software" speċifikati f'I.6A.001, I.6A.002.ċ, I.6A.003, I.6A.004 sa I.6A.010, I.6B.001 jew I.6B.002.
I.6B.004	*ex* 6E002	"Teknoloġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"produzzjoni" ta' tagħmir jew materjali speċifikati fil-I.6A.001, I.6A.002.ċ jew I.6A.003 sa I.6A.010.
I.6B.005	*ex* 6E101	"Teknolġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"użu" ta' tagħmir jew "software" speċifikati f'I.6A.002 sa I.6A.005, I.6A.011, I.6B.001 jew I.6B.002.
I.6B.006	*ex* 6E201	"Teknoloġija" skond in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"użu" ta' tagħmir imsemmi minn I.6A.001 jew I.6A.006 sa I.6A.010.

I.7

NAVIGAZZJONI U AVJONIKA

I.7A Oġġetti

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.7A.001	*ex* 7A002* (*ex* 7A002.a u *ex* 7A002.d)	Ġiroskopju b'xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin, u komponenti ddisinjati apposta għalih: N.B.: Ara wkoll I.7A.003. a. "Stabbiltà" tar-"rata tal-moviment", meta mkejla f'ambjent ta' 1 g fuq perijodu ta' xahar u mqabbla ma' valur fiss ta' kalibrazzjoni ta' inqas (aħjar) minn 0,5 gradi fis-siegħa meta speċifikati sabiex jaħdmu f'livelli ta' aċċellerazzjoni lineari sa u inkluż 100 g; jew b. Speċifikati sabiex jaħdmu f'livelli ta' aċċellerazzjoni lineari ogħla minn 100 g.
I.7A.002	7A101, *ex* 7A001.a.3	Aċċellerometri kif ġej, u komponeneti ddisinjati apposta għalihom: a. Aċċellerometri lineari, iddisinjati għall-użu f'sistemi ta' navigazzjoni inerzjali jew f'sistemi ta' gwida ta' kull xorta, li jistgħu jintużaw f' 'missili', li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin, u komponenti ddisinjati apposta

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		għalihom: 1. "Ripetibbiltà" tal-"polarizzazzjoni" ta' inqas (aħjar) minn 1 250 mikro g; u 2. "Ripetibbiltà" tal-"fattur ta' skala" ta' inqas (aħjar) minn 1 250 ppm; *Nota: I.7A.002.a. ma jispeċifikax aċċellerometri li huma ddisinjati u żviluppati apposta bħala Sensuri MWD (Kejl Waqt it-Tħaffir) għall-użu f'operazzjonijiet ta' tħaffir.* *Technical Notes:* *1. Fil-I.7A.002.a. 'missila' tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km;* *2. F'I.7A.002.a. l-kejl tal-"polarizzazzjoni" u l-"fattur ta' skala" jirreferi għal devjazzjoni standard ta' 1 sigma mqabbel ma' kalibrazzjoni fissa fuq perijodu ta' sena;* b. Aċċellerometri ta' ħruġ kontinwu speċifikati sabiex jaħdmu f'livelli ta' aċċellerazzjoni ogħla minn 100 g.
I.7A.003	7A102*	Kull xorta ta' ġiroskopju, minbarra dawk speċifikati f'I.7A.001, li jistgħu jintużaw f'missili', bi "stabbiltà" tar-"rata tal-moviment" ta' inqas minn 0,5 ° (1 sigma jew rms) fis-siegħa f'ambjent ta' 1 g u komponenti ddisinjati apposta għalihom. *Nota Teknika:* *Fi I.7A.003 'missila' tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*
I.7A.004	*ex* 7A103 (7A103.a, *ex* 7A103.b u 7A103.ċ)	Strumentazzjoni, tagħmir u sistemi ta' navigazzjoni kif ġej; u komponenti ddisinjati apposta għalihom: a.* Tagħmir inerzjali jew tagħmir ieħor li juża l-aċċellerometri speċifikati f'I.7A.002 jew il-ġiroskopji speċifikati f'I.A001 jew I.7A.003 u s-sistemi li jinkorporaw tagħmir bħal dan; b.* Sistemi ta' strumenti għat-titjir integrati li jinkludu ġirostabbilizzaturi jew piloti awtomatiċi, iddisinjati jew modifikati għall-użu f' "missili"; ċ. 'Sistemi ta' navigazzjoni integrati', iddisinjati jew modifikati għal 'missili' u kapaċi jipprovdu preċiżjoni navigattiva ta' 200m Ċirku ta' Probabbiltà Ugwali (CEP) jew inqas. *Noti Tekniċi:* *1. 'Sistema ta' navigazzjoni integrata' tipikament tinkorpora l-komponenti li ġejjin:* *a. Apparat ta' kejl inerzjali (eż., sistema ta' referenza ta' l-attitudni u tad-direzzjoni, unità ta' referenza inerzjali, jew sistema ta' navigazzjoni inerzjali);* *b. Sensur estern wieħed jew aktar użati sabiex jaġġornaw il-pożizzjoni u/jew il-veloċità, perjodikament jew kontinwament matul it-titjira (eż., riċevitur tan-navigazzjoni bis-satellita, altimetru tar-radar, u/jew radar Doppler); u* *ċ. Hardware u software ta' integrazzjoni.* *2. Fil-I.7A.004.ċ. 'missila' tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vettura ta' l-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*
I.7A.005	7A104	Boxxli ġiro-astrali, u apparat ieħor li jikkalkula l-pożizzjoni jew l-orjentazzjoni billi jsegwu awtomatikament korpi ċelesti jew satelliti u komponenti ddisinjati apposta għalihom.
I.7A.006	7A105	Tagħmir li jirċievi għal Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS; eż. GPS GLONASS, jew Galileo), li għandu xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin, u komponenti ddisinjati apposta għalih: a. Iddisinjat jew modifikat għall-użu f'vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'I.9A.001, vetturi ta' l-ajru mingħajr ekwipaġġ speċifikati f'I.9A.003 jew

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		rokits sonda speċifikati f'I.9A.005; jew N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli ta' Oġġetti Militari għal tagħmir riċevitur għal rokits u missili b. Iddisinjat jew modifikat għal applikazzjonijiet fl-ajru u li għandu xi wieħed minn dan li ġej: 1. Kapaċi jipprovdi informazzjoni navigattiva f'veloċitajiet ogħla minn 600 m/s; 2. L-użu ta' decryption, iddisinjat jew immodifikat għas-servizzi militari jew governattivi, sabiex jiġi akkwistat l-aċċess għall-sinjali/data protetta bil-GNSS; jew 3. Iddisinjat apposta sabiex juża funzjonijiet kontra l-imblukkar elettroniku (eż. antenna awto-adattiva jew antenna orjentabbli elettronikament) sabiex jiffunzjona f'ambjent ta' kontromiżuri attivi jew passivi. *Nota: I.7A.006.b.2 u I.7A.006.b.3. ma jipprojbixxux tagħmir iddisinjat għal servizzi GNSS kummerċjali, ċivili jew tas-'Sigurtà tal-Ħajja'' (e.ż., integrità tad-data, sigurta tat-titjir*
I.7A.007	7A106	Altimetri tax-xorta tar-radar jew radar tal-laser, iddisinjati jew modifikati għall-użu f'vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'I.9A.001 jew rokits sonda speċifikati f'I.9A.005. N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli ta' Oġġetti Militari għal altimetri għal rokits u missili
I.7A.008	7A115	Sensuri passivi sabiex jiddeterminaw l-orjentazzjoni ma' sors elettromanjetiku speċifiku (tagħmir sabiex tinstab id-direzzjoni) jew mal-karatteristiċi tat-terren, iddisinjati jew modifikati għall-użu f'vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'I.9A.001 jew rokits sonda speċifikati f'I.9A.005. N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli ta' Oġġetti Militari għal sensuri passivi għal rokits u missili *Nota: I.7A.008 tinkludi sensuri għat-tagħmirli ġej:* *a. Tagħmir li jimmarka l-kontorni ta' l-art fil-mapep;* *b. Tagħmir sensur ta' l-immaġini (attiv kif ukoll passiv);* *ċ. Tagħmir passiv ta' l-interferometrija.*
I.7A.009	7A116	Sistemi ta' kontroll tat-titjir u servovalvijiet, kif ġej; iddisinjati u mmodifikati għall-użu f'vetturi ta' l-ispazju speċifikati fil-I.9A.001 jew rokits sonda speċifikati fil-I.9A.005. N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli ta' Oġġetti Militari għal sistemi ta' kontroll tat-titjir u servovalvijiet għal użu f'rokits u missili. a. Sistemi ta' kontroll tat-titjir idrawliċi, mekkaniċi, elettro-ottiċi, jew elettromekkaniċi (inluż tat-tip elettriku); b. Tagħmir għall-kontroll ta' l-attitudni; ċ. Servovalvijiet għall-kontroll tat-titjir iddisinjati jew modifikati għas-sistemi speċifikati f'I.7A.009.a. jew I.7A.009.b., u ddisinjati jew modifikati sabiex jaħdmu f'ambjent ta' vibrazzjoni ta' aktar minn 10 g rms bejn 20 Hz u 2 kHz.
I.7A.010	7A117	3,33 % jew inqas tal-medda (eż. "CEP" ta' 10 km jew inqas fuq medda ta' 300 km).
I.7A.011	7B001	Tagħmir għall-ittestjar, il-kalibrazzjoni jew l-allinjament iddisinjat apposta għat-tagħmir speċifikat minn I.7A.001 sa I.7A.010
I.7A.012	7B002	Tagħmir, kif ġej, iddisinjat apposta sabiex jikkaratterizza l-mirja għal ġiroskopji "laser" biċ-ċrieki: N.B.: Ara wkoll I.7A.014. a. Diffużometri li għandhom preċiżjoni fil-kejl ta' 10 ppm jew anqas (aħjar);

▼**M4**

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		b. Profilometri li għandhom preċiżjoni fil-kejl ta' 0,5 nm (5 angstrom) jew anqas (aħjar).
I.7A.013	7B003*	Tagħmir iddisinjat apposta għall-"produzzjoni" ta' tagħmir speċifikat bejn I.7A.001 u I.7A.010 . Nota: *I.7A.013 jinkludi:* *a. Stazzjonijet ta' l-ittestjar għall-aġġustament tal-ġiroskopji;* *b. Stazzjonijiet għall-ibbilanċjar dinamiku tal-ġiroskopji;* *ċ. Stazzjonijiet ta' l-ittestjar għar-running-in tal-muturi tal-ġiroskopji;* *d. Stazzjonijiet għall-iżvujtar u l-mili tal-ġiroskopji;* *e. Muntaġġi ta' ċentrifugazzjoni għal kuxxinetti tal-ġiroskopji;* *f. Stazzjonijiet għall-allinjament ta' l-assi ta' l-aċċellerometri.* *g. (riservat)* *h. Stazzjonijiet ta' ttestjar ta' l-aċċilometri;* *i. Testijiet tal-moduli tat-tagħmir tal-kejl inerzjali (IMU);* *j. Testijiet tal-pjattaforma tat-tagħmir tal-kejl inerzjali (IMU);* *k. Muntaġġi tat-trattament ta' element stabbli tat-tagħmir tal-kejl inerzjali (IMU);* *l. Muntaġġ tal-bilanċ tal-pjattaforma tat-tagħmir tal-kejl inerzjali (IMU);*
I.7A.014	7B102	Riflettometri ddisinjati b'mod speċjali sabiex jikkaraterizzaw il-mirjiet, għall-giroskopi tal-"laser", li jkollu eżatezza fil-kejl ta' 50 ppm jew anqas (aħjar).
I.7A.015	7B103	"Faċilitajiet tal-produzzjoni" u "tagħmir tal-produzzjoni" kif ġej: a. "Faċilitajiet għall-Produzzjoni" iddisinjati b'mod speċjali għat-tagħmir speċifikat fil-I.7A.010; b. "Tagħmir għall-produzzjoni", u tagħmir ieħor għall-ittestjar, ikkalibrar u allinejar, għajr dak speċifikat bejn I.7A.011 u I.7A.013, iddisinjat jew immodifikat sabiex jiġi użat ma' tagħmir speċifikat f'I.7A.001 sa I.7A.010.

I.7B It-teknoloġija, inkluż is-*software*

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.7B.001	*ex* 7D101	"Software" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"użu" ta' l-oġġetti indikati f'I.7A.001 sa I.7A.008, I.7A.009.a., I.7A.009.b. jew I.7A.011 sa I.7A.015.
I.7B.002	7D102	"Software" ta' integrazzjoni kif ġej: a. "Software" ta' integrazzjoni għat-tagħmir speċifikat fil-I.7A.004.b.; b. "Software" ta' integrazzjoni iddisinjat apposta għat-tagħmir speċifikat fil-I.7A.004.a. ċ. "Software" ta' integrazzjoni, iddisinjat jew immodifikat għat-tagħmir speċifikat fil-I.7A.004.ċ. Nota: *Forma komuni ta' "software" ta' integrazzjoni tuża l-filtraġġ Kalman.*
I.7B.003	7D103	"Software" iddisinjat apposta għat-tiswir jew simulazzjoni ta' "settijiet ta' gwida" speċifikati fil-I.7A.010 jew għall-integrazzjoni tad-disinn tagħhom, fil-vetturi ta' l-ispazju speċifikati fil-I.9A.001, jew rokits sonda speċifikati fil-I.9A.005. Nota: *"Software" speċifikat f'I.7B.003 jibqa' pprojbit meta jkun flimkien ma' hardware iddisinjat apposta speċifikat f'I.4A.003.*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.7B.004	*ex* 7E001	"Teknoloġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"iżvilupp" ta' tagħmir jew "software" speċifikati f'I.7A.001 sa I.7A.015, jew f'I.7B.001 sa I.7B.003.
I.7B.005	*ex* 7E002	"Teknoloġija" skond in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"produzzjoni" tat-tagħmir speċifikat f'I.7A.001 sa I.7A.015:
I.7B.006	7E101	"Teknoloġija" skond in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"użu" tat-tagħmir speċifikat f'I.7A.001 sa I.7A.015 jew I.7B.001 sa I.7B.003.
I.7B.007	7E102	"Teknoloġija" għall-protezzjoni ta' sottosistemi avjoniċi u elettriċi kontra l-periklu minn impulsi elettromanjetiċi (EMP) u interferenza elettromanjetika (EMI), minn sorsi esterni, kif ġej: a. "Teknoloġija" għad-disinn ta' sistemi ta' lqugħ; b. "Teknoloġija" għad-disinn tal-konfigurazzjoni ta' ċirkwiti u sottosistemi elettriċi reżistenti għar-radjazzjoni; ċ. "teknoloġija" disinn għad-determinazzjoni tal-kriterji ta' l-ebusija tal-I.7B.007. a. u I.7B.007.b
I.7B.008	7E104	"Teknoloġija" għall-integrazzjoni tad-data tal-kontroll tat-titjir, il-gwida, u l-propulsjoni f'sistema ta' ġestjoni tat-titjir għall-ottimizzazzjoni ta' trajettorja ta' sistema rokit.

I.9

AEROSPAZJU U PROPULSJONI

I.9A Oġġetti

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.9A.001	*ex* 9A004	Vetturi tal-varar fl-ispazju N.B.: Ara wkoll I.9A.005. Għar-rokits u l-missili ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari. *Nota: I.9A.001 ma jipprojbixxix it-tagħbijiet li jinġarru.*
I.9A.002	9A011	Magni awtoreatturi, awtoreatturi supersoniċi jew dawk b'ċiklu kkombinat u komponenti ddisinjati apposta għalihom. N.B.: Ara wkoll I.9A.012 u I.9A.016.
I.9A.003	*ex* 9A012.a	"Vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ" ("UAVs"), sistemi, tagħmir u komponenti assoċjati magħhom kif ġej: a.* "UAVs" li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: 1.* Għandhom dan kollu li ġej: a. Għandhom xi wieħed minn dan li ġej: 1. Kapacità awtonoma tal-kontroll tat-titjir u tan-navigazzjoni (eż., awtopilota b'Sistema ta' Navigazzjoni Inerzjali); jew 2. Kapaċità ta' titjir ikkontrollat barra mill-medda tal-vista diretta li tinvolvi operatur uman (eż., kontroll remot televiżwali). u b. Għandhom xi wieħed minn dan li ġej: 1. Li jinkorporaw sistema/mekkaniżmu li jippropagaw l-erosol b'kapaċità akbar minn 20 litru; jew 2. Iddisinjati jew modifikat biex jinkorporaw sistema/mekkaniżmu li jippropagaw l-erosol b'kapaċità akbar minn 20 litru; jew

▼**M4**

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		2. Kapaċi li jilħqu tagħbijiet li jinġarru ta' mill-inqas 300 km. *Noti tekniċi:* *1. Erosol jikkonsisti f'materjal partikolat jew likwidu għajr komponenti ta' fjuwil, minn prodotti u additivi, bħala parti mit-tagħbijiet li jinġarru li jiġu rilaxxati fl-atmosfera. Eżempji ta' erosol jinkludu pestiċidi għat-traxxix ta' pestiċidi fuq l-uċuħ tar-raba' u kimiki nexfin għall-kondensazzjoni tas-sħab.* *2. Sistema/mekkaniżmu li jippropaga l-erosol jinkludi dawk l-apparati (mekkaniċi, elettriċi, idrawliċi, eċċ.), li huma meħtieġa għall-ħżin u r-rilaxx ta' l-erosol fl-atmosfera. Dan jinkludi l-possibbiltà li injezzjoni ta' erosol fil-fwar ta' l-egżost ta' kombustjoni u fil-fluss ta' kuntatt ta' iskrun.*
I.9A.004	9A101	Magni turboreatturi u turbopropulsuri (inklużi magni turbokompożiti), kif ġej; a. Magni li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: 1. Valur massimu ta' spinta ogħla minn 400 N (li jintlaħaq bil-magna mhux installata) esklużi magni ċċertifikati bħala ċivili b'valur massimu ta' spinta ogħla minn 8 890 N (li jintlaħaq bil-magna mhux installata), u 2. Konsum speċifiku ta' karburant ta' 0,15 kg/N/hr jew inqas (b'qawwa massima kontinwa fil-livell tal-baħar f'kondizzjonijiet statiċi u standard); b. Magni ddisinjati jew modifikati għall-użu f' "missili".
I.9A.005	9A104	Rokits sonda, li kapaċi jilħqu distanza ta' mill-inqas 300 km. N.B.: Ara wkoll I.9A.001. Għar-rokits u l-missili ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari.
I.9A.006	9A105	Magni rokit bi propellant likwidu, kif ġej: N.B.: Ara wkoll I.9A.017. a. Magni rokit bi propellant likwidu li jistgħu jintużaw f' "missili", li għandhom kapaċità totali ta' l-impuls ta' 1,1 MNs jew ogħla; b. Magni rokit bi propellant likwidu, li jistgħu jintużaw f'sistemi rokit kompluti jew f'vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ, li kapaċi jilħqu distanza ta' 300 km, minbarra dawk speċifikati f'I.9A.006.a., u li għandhom kapaċità ta' impuls totali ta' 0,841 MNs jew ogħla.
I.9A.007	9A106	Sistemi jew komponenti, kif ġej, iddisinjati b'mod speċjali għal sistemi ta' propulsjoni tar-rokits bil-propellant likwidu: a. Inforor ablattivi għal kmamar ta' l-ispinta jew tal-kombustjoni; b. Żennuni rokit; ċ. Sotto-sistemi għall-kontroll ta' l-ispinta tal-vettorjali; *Nota Teknika:* *Eżempji ta' metodi sabiex jinkiseb il-kontroll tal-vettur ta' l-ispinta speċifikat f'I.9A.007.ċ. huma:* *1. Żennuna flessibbli;* *2. Injezzjoni ta' fluwidu jew ta' gass sekondarju;* *3. Magna jew żennuna li tista' tiċċaqlaq;* *4. Devjazzjoni tal-ħruġ tal-gass ta' l-egżost (sondi jew paletti tal-ġett); jew* *5. Aletti korrettivi ta' l-ispinta.* d. Sistemi ta' kontroll għal propellant likwidu u f'suspensjoni (inkluż ossidanti), u komponenti ddisinjati apposta għalihom, iddisinjati jew modifikati sabiex jaħdmu f'ambjenti ta' vibrazzjoni ta' aktar minn 10 g rms bejn 20 Hz u 2 kHz. *Nota: L-uniċi servovalvijiet u pompi speċifikati f'I.9A.007.d., huma dawn li ġejjin:* *a. Servovalvijiet iddisinjati għal rati ta' fluss ta' 24 litru kull minuta jew ogħla, fi pressjoni assoluta ta' 7 MPa jew ogħla, li għandhom ħin ta' rispons ta'*

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
		l-attwatur ta' inqas minn 100 ms; *b. Pompi, għal propellanti likwidi, b'veloċità tax-xaft ta' 8 000 r.p.m. jew ogħla jew bi pressjoni tal-ħruġ ta' 7 MPa jew ogħla.*
I.9A.008	9A107 u *ex* 9A007.a	Magni rokit bi propellant solidu, li jistgħu jintużaw f'sistemi rokit kompluti jew f'vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ, li kapaċi jilħqu distanza ta' 300 km, u li għandhom kapaċità ta' impuls totali ta' 0,841 MNs jew ogħla. N.B.: Ara wkoll I.9A.017.
I.9A.009	9A108	Komponenti jintużaw f'"missili", kif ġej, iddisinjati apposta għal sistemi ta' propulsjoni ta' rokit bi propellant solidu: a. Korpi ta' konteniment ta' muturi rokit u komponenti ta' "iżolazzjoni" għalihom; b. Żennuni rokit; ċ. Sotto-sistemi għall-kontroll ta' l-ispinta vettorjali. *Nota Teknika:* *Eżempji ta' metodi sabiex jinkiseb il-kontroll tal-vettur ta' l-ispinta speċifikat f'I.9A.009.ċ. huma:* *1. Żennuna flessibbli;* *2. Injezzjoni ta' fluwidu jew ta' gass sekondarju;* *3. Magna jew żennuna li tista' tiċċaqlaq;* *4. Devjazzjoni tal-ħruġ tal-gass ta' l-egżost (sondi jew paletti tal-ġett); jew* *5. Aletti korrettivi ta' l-ispinta.*
I.9A.010	9A109	Muturi rokit ibridi, li jistgħu jintużaw f' 'missili', u komponenti ddisinjati apposta għalihom. N.B.: Ara wkoll I.9A.017. *Nota Teknika:* *Fi I.9A.010 'missila' tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*
I.9A.011	9A110	Strutturi kompożiti, laminati u prodotti maħdumin minnhom, iddisinjati apposta għall-użu fil-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'I.9A.001 jew fir-rokits sonda speċifikati f'I.9A.005 jew is-sottosistemi speċifikati f'I.9A.006.a., I.9A.007 sa I.9A.009, I.9A.014 jew I.9A.017. N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli ta' Oġġetti Militari għal strutturi kompożiti, laminati u manifatturi tagħhom għal rokits u missili.
I.9A.012	*ex* 9A111*	Magni pulso-reatturi, li jistgħu jintużaw f' "missili", u komponenti ddisinjati apposta għalihom. N.B.: Ara wkoll I.9A.002 u I.9A.016.
I.9A.013	9A115	Tagħmir ta' sostenn għall-varar kif ġej: N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għal tagħmir ta' għajnuna fil-varar għal rokits u missili a. Tagħmir u apparat għall-maniġġar, kontroll, attivazzjoni jew varar, iddisinjat jew modifikat għall-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'I.9A.001, il-vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ speċifikati f'I.9A.003 jew ir-rokits sonda speċifikati f'I.9A.005; b. Vetturi għat-trasport, maniġġar, kontroll, attivazzjoni jew varar, iddisinjati jew modifikati għall-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'I.9A.001 jew ir-rokits sonda speċifikati f'I.9A.005.

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.9A.014	9A116	Vetturi tad-dħul lura, li jistgħu jintużaw f' "missili", u tagħmir iddisinjat jew modifikat għalihom, kif ġej: a. Vetturi tad-dħul lura; b. Tarki tas-sħana u komponenti għalihom magħmulin miċ-ċeramika jew minn materjali ablattivi; ċ. Korpi sabiex jixorbu s-sħana u komponenti għalihom magħmulin minn materjali ħfief ta' kapaċità termika għolja; d. Tagħmir elettroniku ddisinjat apposta għall-vetturi tad-dħul lura.
I.9A.015	9A117	Mekkaniżmi ta' separazzjoni fi stadji, mekkaniżmi ta' separazzjoni, u stadji intermedji, li jistgħu jintużaw f' "missili".
I.9A.016	*ex* 9A118*	Apparat sabiex jirregola l-kombustjoni li jista' jintuża fil-magni, li jistgħu jintużaw fil-"missili" speċifikati f'in I.9A.002 jew I.9A.012.
I.9A.017	9A119	Stadji individwali ta' rokit, li jistgħu jintużaw f'sistemi rokit kompluti jew vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ, li kapaċi jilħqu medda ta' 300 km, minbarra dawk speċifikati f'I.9A.006, I.9A.008 u I.9A.010.
I.9A.018	9A120	Tankijiet ta' propellant likwidu ddisinjati speċifikament f'I.1A.029 jew 'propellanti likwidi oħrajn', użati f'sistemi rokit li kapaċi jġorru tagħbija ta' mill-inqas 500 kg għal medda ta' mill-inqas 300 km. *Nota: F'I.9A.018 'propellanti likwidi oħrajn' tinkludi, iżda mhix limitata għal, propellanti speċifikati fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari.*
I.9A.019		(riservat)
I.9A.020	*ex* 9B105*	Mini tar-riħ għall-veloċitajiet ta' Mach 0,9 jew aktar, li jistgħu jintużaw għall-"missili" u s-sottosistemi tagħhom.
I.9A.021	9B106	Kmamar ambjentali u kmamar anekoiċi, kif ġej: a. Kmamar ambjentali li kapaċi jissimulaw il-kondizzjonijiet tat-titjir li ġejjin: 1. Ambjenti ta' vibrazzjoni ta' 10 g rms jew ogħla, imkejlin b' 'mejda vojta', bejn 20 Hz u 2 kHz li jagħmlu forzi ta' 5 kN jew ogħla; u 2. Altitudni ta' 15 km jew ogħla; jew 3. Firxa ta' temperaturi ta' mill-inqas223 K (– 50 °C) sa 398 K (+ 125 °C); *Noti Tekniċi:* *1. I.9A.021.a. jiddeskrivi sistemi li kapaċi jiġġeneraw ambjent ta' vibrazzjoni b'mewġa unika (eż., mewġa sinusojdali) u sistemi li kapaċi jiġġeneraw vibrazzjoni każwali ta' medda wiesgħa (jiġifieri, spettru ta' qawwa);* *2. F'I.9A.021.a.1. 'mejda vojta' tfisser mejda ċatta, jew wiċċ mingħajr muntaġġi jew tagħmir imwaħħal.* b. Kmamar ambjentali li kapaċi jissimulaw il-kondizzjonijiet tat-titjir li ġejjin: 1. Ambjenti akustiċi b'livell ta' ħoss totali ta' 140 dB jew aktar (referenzat għal 20 μPa) jew bi produzzjoni ta' qawwa akustika nominali totali ta' 4 kW jew aktar; u 2. Altitudni ta' 15 km jew ogħla; jew 3. Firxa ta' temperaturi ta' mill-inqas 223 K (– 50 °C) sa 398 K (+ 125 ° C).
I.9A.022	*ex* 9B115	"Tagħmir ta' produzzjoni" ddisinjat apposta għas-sistemi, sotto-sistemi u komponenti speċifikati f'I.9A.002, I.9A.004, I.9A.006 sa I.9A.010, I.9A.012, I.9A.014 sa I.9A.017.

▼M4

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.9A.023	*ex* 9B116	"Tagħmir ta' produzzjoni" ddisinjat apposta vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati I.9A.001, jew sistemi u komponenti speċifikati f'I.9A.002, I.9A.004, I.9A.005 sa I.9A.010, I.9A.012, jew 9A.014 sa. 9A.017. N.B.: Ara wkoll il-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għal "faċilitajiet ta' produzzjoni" għal rokits u missili
I.9A.024	*ex* 9B117*	Bankijiet u postazzjonijiet ta' l-ittestjar għal rokits jew muturi rokit bi propellant solidu jew likwidu, li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: a.* Jifilħu għal spinta ogħla minn 90 kN; jew b. Kapaċi jkejlu fl-istess ħin it-tliet komponenti assjali ta' spinta.
I.9A.025	9C108	Materjal ta' "iżolazzjoni" fi kwantità u "kisi intern", għal korpi ta' konteniment ta' muturi rokit li jistgħu jintużaw f' "missili" jew iddisinjati apposta għal 'missili'. Nota Teknika: *Fi I.9A.025 'missila' tfisser sistemi rokit kompluti u sistemi ta' vetturi ta' l-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*
I.9A.026	9C110	Pre-impregnati bil-fibri impregnati bir-reżina u pre-formati bil-fibri miksijin bil-metall għalihom, għal strutturi kompożiti, laminati u prodotti maħdumin minnhom speċifikati f'9A110, magħmulin b'matriċi organika jew b'matriċi metallika li jużaw rinforzi fibruži jew bil-filamenti li għandhom "reżistenza għat-tensjoni speċifika" ogħla minn $7{,}62 \times 10^4$ u "modulus speċifiku" ogħla minn $3{,}18 \times 10^6$. N.B.: Ara wkoll I.1A.024 u I.1A.034. Nota: *L-uniċi pre-impregnati bil-fibri impregnati bir-reżina speċifikati f'9C110 huma dawk li jużaw reżini b'temperatura tat-transizzjoni tal-ħġieġ (T_g), wara t-trattament, ogħla minn 418 K (145 °C) kif determinat mill-ASTM D4065 jew l-ekwivalenti.*

I.9B It-teknoloġija, inkluż is-*software*

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.9B.001	*ex* 9D001	"Software" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"iżvilupp" ta' tagħmir jew "teknoloġija" indikati f'I.9A.002, I.9A.009, I.9A.012, I.9A.015 jew I.9A.016.
I.9B.002	9D101	"Software" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"użu" ta' l-oġġetti indikati f'I.9A.020, I.9A.021, I.9A.023 jew I.9A.024.
I.9B.003	9D103	"Software" iddisinjat apposta għall-immudellar, is-simulazzjoni jew l-integrazzjoni tad-disinn tal-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'I.9A.001 jew fir-rokits sonda speċifikati f'I.9A.005 jew is-sottosistemi speċifikati f'I.9A.006.a., I.9A.007 sa I.9A.009, I.9A.014 kew I.9A.017. Nota: *"Software" speċifikat f'I.9B.003 jibqa' pprojbit meta jkun flimkien ma' hardware iddisinjat apposta speċifikat f'I.4A.003.*
I.9B.004	*ex* 9D104	"Software" iddisinjat apposta jew modifikat għall-"użu" ta' ►C2 oġġetti speċifikati f'I.9A.002 ◄, I.9A.004, I.9A.006, I.9A.007.ċ., I.9A.007.d., I.9A.008, I.9A.009.ċ., I.9A.010, I.9A.012, I.9A.013.a., I.9A.014.d., I.9A.015 jew I.9A.016.
I.9B.005	9D105	"Software" li jikkoordina l-funzjoni ta' aktar minn sottosistema waħda, iddisinjat apposta jew modifikat għall-"użu" fil-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew ir-rokits sonda speċifikati f'I.9A.005.

▼**M4**

Nru	Oġġett(i) rilevanti mill-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007	Deskrizzjoni
I.9B.006	*ex* 9E001	"Teknoloġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"iżvilupp" ta' tagħmir jew "software" speċifikati f'I.9A.001, I.9A.003, I.9A.021 sa I.9A.024, jew I.9B.002 sa I.9B.005.
I.9B.007	*ex* 9E002	"Teknoloġija" skond in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"produzzjoni" tat-tagħmir speċifikat f'I.9A.001, I.9A.003 jew I.9A.021 sa I.9A.024.
I.9B.008	9E101	"Teknoloġija" skond in-Nota ta' Teknoloġija Ġenerali għall-"iżviluppar" jew "produzzjoni" ta' oġġetti speċifikati f'I.9A.004 sa I.9A.017.
I.9B.009	*ex* 9E102	"Teknoloġija" skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-"użu" ta' vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'I.9A.001, jew l-oġġetti speċifikati f'I.9A.002, I.9A.004 sa I.9A.017, I.9A.020 sa I.9A.024, I.9B.002 sa I.9B.003."

▼M7

ANNESS Ia

“Oġġetti u teknoloġiji msemmija fl-Artikolu 2, paragrafu 1, punt (a)(iii)”

NOTI TA’ INTRODUZZJONI

1. Sakemm ma jingħadx mod ieħor, in-numri ta’ referenza li jidhru fil-kolonna hawn taħt bit-titlu “Deskrizzjoni” jirreferu għad-deskrizzjonijiet tal-oġġetti u t-teknoloġiji b’użu doppju li jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2000.

2. Numru ta’ referenza li jidher fil-kolonna bit-titlu “Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007” ifisser li l-karatteristiċi tal-prodott deskritt fil-kolonna “Deskrizzjoni” huma barra mill-parametri tal-oġġett b’użu doppju li għalih qed issir referenza.

3. Id-definizzjonijiet ta’ termini bejn 'virgoletti singoli' huma mogħtija f’Nota Teknika dwar l-oġġett ikkonċernat.

4. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn “virgoletti doppji” jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007.

Noti Ġenerali

1. L-iskop tal-projbizzjonijiet inklużi f’dan l-Anness m’għandux jingħeleb bl-esportazzjoni ta’ kwalunkwe oġġett mhux ipprojbit (li jinkludi impjanti) li jinkludi wieħed jew aktar mill-komponenti pprojbiti, meta l-komponent jew komponenti pprojbiti huma l-elementi prinċipali tal-oġġetti u jistgħu possibbilment jitneħħew jew jintużaw għal għanijiet oħra.

   N.B.: Waqt li jiġi vvalutat jekk il-komponent jew komponenti pprojbiti għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, hu meħtieġ li jiġu evalwati l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-konoxxenza teknoloġika involuti u ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jistabbilixxu l-komponent jew komponenti pprojbiti bħala l-element prinċipali tal-oġġetti pprovduti.

2. L-oġġetti speċifikati f’dan l-Anness jistgħu jkunu oġġetti kemm ġodda kif ukoll użati.

Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija (NĠT)

(Li għandha tinqara flimkien mat-Taqsima IA.B.)

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tat-“teknoloġiji” li huma “meħtieġa” għall-“iżvilupp”, għall-“produzzjoni” jew għall-“użu” ta’ oġġetti li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti fil-Parti A (Oġġetti) hawn taħt, huma pprojbiti skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IA.B.

2. It-“teknoloġija”“meħtieġa” għall-“iżvilupp”, għall-“produzzjoni” jew għall-“użu” ta’ oġġetti taħt projbizzjoni tibqa’ pprojbita anki meta tkun applikabbli għal oġġetti mhux ipprojbiti.

3. Il-projbizzjonijiet ma japplikawx għal dik it-“teknoloġija” li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, għall-operazzjoni, għall-manutenzjoni (verifika) u għat-tiswija ta’ dawk l-oġġetti li mhumiex ipprojbiti jew li l-esportazzjoni tagħhom ġiet awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 423/2007.

4. Il-projbizzjonijiet fuq trasferiment ta’ “teknoloġija” ma japplikawx għall-informazzjoni “ta’ dominju pubbliku”, għal “riċerka xjentifika bażika” jew għall-informazzjoni minima meħtieġa għall-applikazzjonijiet ta’ privattivi.

IA.A. **OĠĠETTI**

A0. **Materjali, Faċilitajiet, u Apparat Nukleari**

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
IA.A0.001	Lampi tal-katodju, vojta minn ġewwa, kif ġej: a. Lampi tal-katodju tal-jodju, vojta minn ġewwa, bit-twieqi tas-silikon pur jew tal-kwarz b. Lampi tal-katodju tal-uranju, vojta minn ġewwa	–

▼M7

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
IA.A0.005	Partijiet ta' kontenituri ta' reatturi nukleari u apparat għall-ittestjar, barra minn kif speċifikat f'0A001, kif ġej: 1. siġilli 2. komponenti interni 3. tagħmir ta' ssiġillar, ittestjar u kejl	0A001
IA.A0.006	Sistemi ta' rilevazzjoni nukleari għas-sejba, l-identifikazzjoni jew il-kwantifikazzjoni ta' materjali radjuattivi u radjazzjoni ta' oriġini nukeari kif ukoll partijiet iddisinjati apposta għal dan, barra minn dawk speċifikati f'0A001.j jew f'1A004.c.	0A001.j 1A004.c
IA.A0.007	Valvi ssiġillati bil-minfaħ, magħmula minn lega tal-aluminju jew minn stainless steel tat-tip 304, 304L jew 316L. Nota: Din l-annotazzjoni ma tikkontrollax valvi tal-minfaħ kif definiti f'0B001.c.6 u 2A226.	0B001.c.6 2A226
IA.A0.012	Magħlaq protett għall-manipulazzjoni, il-ħażna u ż-żamma ta' sustanzi radjuattivi (Ċelloli jaħarqu)	0B006
IA.A0.013	"Uranju naturali" jew "uranju eżawrit" jew torju fil-forma ta' metall, lega, kompost kimiku jew konċentrat u kull materjal ieħor li fih wieħed jew iktar minn dawn is-sustanzi msemmija, barra minn dawk speċifikati f'0C001.	0C001

A1. **Materjali, kimiċi, "mikroorganiżmi" u "tossini"**

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
IA.A1.001	Solvent tal-aċtu fosforiku Bis(2-etilesile) (HDEHP jew D2HPA) CAS 298-07-7, tkun xi tkun il-kwantità, li jkollu purezza ta' aktar minn 90 %.	–
IA.A1.002	Fluor gazeux (no CAS: Gass tal-flworin (Numru Astratt Kimiku (CAS) 7782-41-4), b'purezza ta' aktar minn 95 %	–
IA.A1.005	Ċelloli elettrolitici għal produzzjoni ta' fluworin b'kapaċità tal-produzzjoni ikbar minn 100 g ta' fluworin fis-siegħa. Note: Din l-annotazzjoni ma tikkontrollax ċelloli elettrolitici kif definiti fl-oġġett 1B225	1B225
IA.A1.008	Metalli manjetiċi ta' kull tip u ta' kull forma, li jkollhom permeabbiltà inizjali relattiva ta' 120 000 jew aktar u ħxuna ta' bejn 0.05 u 0.1 mm.	1C003.a
IA.A1.009	"Materjali fibbrili jew filamentari" jew preimprenjati, kif ġej: a. "materjali fibrużi jew filamentari" tal-karbonju jew tal-aramid li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. "modulu speċifiku" iktar minn 10×10^6 m; jew 2. "reżistenza speċifika għat-tensjoni" iktar minn 17×10^4 m; b. "materjali fibrużi jew filamentari" tal-ħġieġ li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. "modulu speċifiku" iktar minn $3{,}18 \times 10^6$ m; jew 2. "reżistenza speċifika għat-tensjoni" iktar minn $76{,}2 \times 10^3$ m; c. "ħjut", "faxex ta' fibri", "ħbula" jew "tejp" kontinwi imprenjati b'reżina termoset wiesgħa 15 mm jew inqas (preimprenjati), magħmula minn "materjali fibrużi jew filamentari" tal-karbonju jew tal-ħġieġ, minbarra dawk speċifikati f'II.A1.010.a jew b.	1C010.a 1C010.b 1C210.a 1C210.b

▼M7

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
	Nota: Din l-annotazzjoni ma tikkontrollax materjali fibruži jew filamentari kif definiti fl-oġġetti 1C010.a, 1C010.b, 1C210.a u 1C210.b.	
IA.A1.010	Fibri imprenjati bir-reżina jew miż-żift/qatran (preimprenjat), fibri miksija bil-metall jew bil-karbonju (materja prima) jew "materja prima tal-fibri tal-karbonju", bħalma ġej: a. magħmula minn "materjali fibruži jew filamentari" kif speċifikat f'II. A.1.009 aktar 'l fuq; b. "Materjali fibruži jew filamentari" tal-karbon magħmula minn "matriċi" tar-reżina epossidika (preimprenjata), kif speċifikat f'1C010.a, 1C010.b jew 1C010.c, għat-tiswija tal-istrutturi tal-ajruplani jew laminati, li fihom, id-daqs tal-folji individwali imprenjati ma jaqbiżx il-50 ċm × 90 ċm; c. Materjal preimprenjat speċifikat f'1C010.a, 1C010.b jew 1C010.c, meta jkollhom reżini fenoliċi jew epossi li jkollhom temperatura tat-transizzjoni tal-ħġieġ (Tg) inqas minn 433 K (160 °C) u temperatura ta' kura aktar baxxa mit-temperatura tat-transizzjoni tal-ħġieġ. Nota: Din l-annotazzjoni ma tikkontrollax materjali fibruži jew filamentari kif definiti fl-oġġett 1C010.e.	1C010.e. 1C210
IA.A1.011	Komposti riinfurzati taċ-ċeramika tas-silikon karbajd li jistgħu jintużaw għall-ponta, għal vetturi ta' rientrata, għal portelli taż-żennuni, u li jintużaw f'"missili", barra minn dawk speċifikati f'1C107.	1C107
IA.A1.012	Azzar maraging, minbarra dak speċifikat f'1C116 jew 1C216, 'kapaċi għal' reżistenza massima għat-tensjoni ta' 2 050 MPa jew iktar f'temperatura ta' 293 K (20 °C). Nota teknika: Il-fraži 'azzar maraging kapaċi għal' tinkorpora azzar maraging qabel jew wara t-trattament bis-sħana.	1C216
IA.A1.013	Tangstinn, tantalum, karbajd tat-tangstinn, karbajd tat-tantalum u liegi, li jkollhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Forom b'simetrija ċilindrika jew sfera vojta minn ġewwa (inkluż partijiet taċ-ċilindru) b'dijametru fuq in-naħa ta' ġewwa bejn 50 mm u 300 mm; kif ukoll b. Massa ta' aktar minn 5 kg. Nota: Din l-annotazzjoni ma tikkontrollax it-tangstinn, il-karbajd tat-tangstinn u liegi ddefiniti fl-oġġett 1C226	1C226

A2. **L-Ipproċessar tal-Materjali**

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
IA.A2.001	Sistemi ta' prova ta' vibrazzjoni, tagħmir u partijiet għal dak l-iskop, ħlief dawk speċifikati f'2B116: a. sistemi ta' ttestjar bil-vibrazzjoni li jużaw metodi ta' retroazzjoni jew b'ċirkwit magħluq u li jinkorporaw kontrollur diġitali, li kapaċi jivvibraw sistema b'aċċellerazzjoni daqs jew akbar minn 0,1g rms bejn 0.1 Hz u 2 kHz u jittrasmettu forzi daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b''mejda vojta'; b. Kontrolluri diġitali flimkien ma' "softwer" ta' prova ta' vibrazzjoni maħsub apposta, b'medda ta' frekwenzi fiż-żmien reali ta' iktar minn 5 kHz imfassla għall-użu tas-sistemi ta' prova ta' vibrazzjoni msemmija f'a.; c. Magni li jagħtu mbuttatura b'vibrazzjoni (unitajiet ta' vibrazzjoni), b'amplifikaturi assoċjati jew mingħajrhom, li kapaċi jagħtu forza ta'	2B116

▼M7

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
	50 kN jew aktar, imkejla b''mejda vojta', u li jistgħu jintużaw fis-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati f'a.; d. Strutturi li jsostnu l-parti għall-ittestjar u unitajiet elettroniċi ddisinjati sabiex jgħaqqdu unitajiet ta' vibrazzjoni multipli f'sistema li hi kapaċi tipprovdi forza effettiva kombinata daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b''mejda vojta', u li jistgħu jintużaw fis-sistemi ta' vibrazzjoni speċifikati f'a. Nota teknika: 'mejda vojta' tfisser mejda ċatta, jew wiċċ mingħajr muntaġġi jew tagħmir imwaħħal.	
IA.A2.004	Apparat għal manipulazzjoni mill-bogħod li jista' jintuża għal azzjoni mill-bogħod fi proċessi tas-separazzjoni radjukimika jew f'ċelel jaħarqu, barra dawk speċifikati f'2B225, li fihom xi karatteristika minn dawn li ġejjin: a. kapaċità ta' penetrazzjoni ta' 0,3 m jew iktar f'ħajt ta' ċella taħraq (minn ġol-ħajt); jew b. kapaċità li jgħaddu minn fuq minn naħa għal oħra ta' ħajt ta' ċella taħraq oħxon 0,3 m jew iktar (minn fuq il-ħajt). Nota teknika: Manipulaturi minn distanza jbiddlu l-azzjonijiet ta' operatur uman għal driegħ li jaħdem minn distanza u muntaġġ terminali. Dawn jistgħu jkunu tat-tip prinċipali/sekondarju (master/slave) jew imħaddma b'joystick jew tastiera.	2B225
IA.A2.011	Separaturi ċentrifugi, b'kapaċità ta' separazzjoni kontinwa mingħajr propagazzjoni ta' erosols, u magħmula minn: 1. liegi b'aktar minn 25 % nikil u 20 % kromju fil-piż; 2. fluworopolimeri; 3. ħġieġ (inkluż kisi vitrifikat, bl-enemel jew bil-ħġieġ); 4. nikil jew liegi b'aktar minn 40 % nikil fil-piż; 5. tantalu jew liegi tat-tantalu; 6. titanju jew liegi tat-titanju; jew 7. żirkonju jew liegi taż-żirkonju. Nota: Din l-annotazzjoni ma tikkontrollax separaturi ċentrifugi kif definiti fl-oġġett 2B352.c.	2B352.c
IA.A2.012	Filtri tal-metall miksija bil-ġir tan-nikil jew lega tan-nikil, b'ammont ta' 40 % tan-nikil bil-piż. Note: Din l-annotazzjoni ma tikkontrollax filtri kif definiti fl-oġġett 2B352.d.	2B352.d

A3. **Elettronika**

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
IA.A3.001	Provvisti ta' enerġija ta' vultaġġ għoli b'kurrent dirett li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Kapaċi li kontinwament jipproduċu, għal perjodu ta' 8 sigħat, 10 kV jew akbar bi produzzjoni ta' kurrent ta' 5 kW jew akbar, bl-isweeping jew mingħajru; kif ukoll b. Kurrent jew stabbiltà ta' vultaġġ aħjar minn 0,1 % fuq perjodu ta' erba' sigħat. Nota: Din l-annotazzjoni ma tikkontrollax provvisti ta' enerġija f'0B001.j.5 u 3A227.	3A227

▼M7

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
IA.A3.002	Spettrometri tal-massa, barra dawk indikati f'3A233 jew 0B002.g, li kapaċi jkejlu joni ta' 200 unità ta' massa atomika jew akbar u li għandhom riżoluzzjoni ta' aħjar minn 2 partijiet f'200 kif ġejjin, u sorsi ta' jone għal dan l-iskop: a. spettrometri tal-massa bil-plażma b'akkoppjament induttiv (ICP/MS); b. spettrometri tal-massa bi skarika inkandexxenti (GDMS); c. spettrometri tal-massa tal-jonizzazzjoni termali (TIMS); d. spettrometri tal-massa tal-bumbardament tal-elettroni li għandhom kamra sorġenti mibnija minn, miksija bi jew mgħottija b'"materjali li jirreżistu għall-eżafluworidu tal-uranju (UF_6)"; e. Spettrometri tal-massa b'raġġi molekulari li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. għandhom kamra tas-sors mibnija minn, miksija jew ibbanjata b'azzar li ma jsaddadx jew b'molibdenu, u mgħammra b'sifun krijoġeniku li kapaċi jkessaħ sa 193 K (– 80 °C) jew anqas; jew 2. għandhom kamra tas-sors mibnija minn, miksija jew ibbanjata "b'materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-eżafluworidu tal-uranju UF_6"; f. Spettrometri tal-massa mgħammra b'sors joniku ta' mikrofluworizzazzjoni ddisinjati għal aktinidi jew fluworidi tal-aktinid.	3A233

A6. **Sensuri u lasers**

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
IA.A6.001	Vireg ta' granat tal-ittriju aluminju (YAG)	–
IA.A6.003	Sistemi ta' korretturi tal-front tal-mewġ biex jintużaw b'faxx tal-laser b'dijametru ta' aktar minn 4 mm u l-komponenti magħmula speċifikament għalihom, inkluż is-sistemi ta' kontroll, sensuri ta' front tal-fażi u "mirja diformabbli", inkuż mirja bimorfi. Nota: din l-annotazzjoni mhix dwar mirja definiti f'6A004.a, 6A005.e u 6A005.f.	6A003
IA.A6.004	"Lasers" tal-argon jonizzat li għandhom qawwa ta' ħruġ ugwali għal 5 W, jew aktar. Nota: din l-annotazzjoni mhix dwar "lasers" tal-argon jonizzat kif definiti f'0B001.g.5, 6A005 u 6A205.a.	6A005.a.6 6A205.a
IA.A6.006	"Lasers" b'semikondutturi sintonizzabbli u armaturi ta' "lasers" b'semikondutturi sintonizzabbli, ta' tul ta' mewġ bejn 9 μm u 17 μm, kif ukoll kolonni ta' armaturi ta' "lasers" b'semikondutturi li fihom mill-anqas armatura "laser" waħda b'semikondutturi sintonizzabbli ta' dak it-tul ta' mewġ. Noti: 1. Il-"lasers" b'semikondutturi normalment jissejħu dijodi "laser". 2. Din l-annotazzjoni mhix dwar "lasers" b'semikondutturi kif definiti f'0B001.h.6 u 6A005.b.	6A005.b
IA.A6.008	"Lasers" (għajr dawk tal-ħġieġ) drogati bin-neodimju, li jipproduċu tul tal-mewġ ogħla minn 1 000 nm iżda mhux ogħla minn 1 100 nm, u jipproduċu qawwa tal-ħruġ ogħla minn 10 J kull impuls. Nota: din l-annotazzjoni mhix dwar "lasers" (għajr dawk tal-ħġieġ) drogati bin-neodimju kif definiti f'6A005.c.2.b.	6A005.c.2

▼M7

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
IA.A6.010	Kameras reżistenti għar-radjazzjoni, jew lentijiet għalihom, minbarra dawk speċifikati f'6A203.c., iddisinjati apposta jew previsti bħala reżistenti għal doża ta' radjazzjoni totali ogħla minn 50×10^3 Gy (silikon) [5×10^6 rad (silikon)] mingħajr ma jinbidlilhom il-funzjonament. Nota teknika: It-terminu Gy (silikon) jirreferi għall-enerġija f'Joules kull kilogramm li tiġi assorbita minn kampjun ta' silikon mhux mgħotti meta dan ikun espost għal radjazzjoni jonizzanti.	6A203.c
IA.A6.011	Amplifikaturi u oxxillaturi laser b'koloranti bl-impulsi sintonizzabbli, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. jaħdmu fuq tul tal-mewġ bejn 300 nm u 800 nm; 2. qawwa tal-ħruġ medja ogħla minn 10 W iżda mhux ogħla minn 30 W; 3. frekwenza ta' repetizzjoni ogħla minn 1 kHz; u 4. dewmien tal-impuls ta' inqas minn 100 ns. Noti: 1. Din l-annotazzjoni mhix dwar oxxillaturi monomodi. 2. Din l-annotazzjoni mhix dwar oxxillaturi u amplifikaturi laser b'koloranti bl-impulsi sintonizzabbli kif definiti f'6A205.c, 0B001.g.5 u 6A005.	6A205.c
IA.A6.012	"Lasers" bl-impulsi tad-diossidu tal-karbonju li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. jaħdmu b'tul tal-mewġ bejn 9 000 nm u 11 000 nm; 2. frekwenza ta' repetizzjoni ogħla minn 250 Hz; 3. qawwa tal-ħruġ medja ogħla minn 100 W iżda mhux ogħla minn 500 W; u 4. dewmien tal-impuls ta' inqas minn 200 ns. Nota: Din l-annotazzjoni mhix dwar amplifikaturi u oxxillaturi laser bl-impulsi tad-diossidu tal-karbonju kif definiti f'6A205.d., 0B001. h.6. u 6A005.d.	6A205.d

IA.B. **TEKNOLOĠIJI**

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
IA.B.001	Teknoloġiji meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu tal-prodotti tal-Parti IA.A. (Oġġetti), hawn fuq.	–

▼M7

ANNESS II

Oġġetti u teknoloġiji msemmija fl-Artikolu 3

NOTI TA' INTRODUZZJONI

1. Sakemm ma jingħadx mod ieħor, in-numri ta' referenza użati fil-kolonna hawn taħt bit-titlu "Deskrizzjoni" jirreferu għad-deskrizzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju li jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2000.

2. Numru ta' referenza li jidher fil-kolonna bit-titlu "Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007" ifisser li l-karatteristiċi tal-prodott deskritt fil-kolonna "Deskrizzjoni" huma barra mill-parametri tal-oġġett b'użu doppju li għalih qed issir referenza.

3. Id-definizzjonijiet ta' termini bejn 'virgoletti singoli' huma mogħtija f'Nota Teknika dwar l-oġġett konċernat.

4. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti doppji" jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007.

Noti Ġenerali

1. L-għanijiet tal-kontrolli inklużi f'dan l-Anness m'għandhomx jingħelbu bl-esportazzjoni ta' oġġetti mhux ikkontrollati (inkluż impjanti) li fihom wieħed jew aktar mill-komponenti kkontrollati meta l-komponent jew komponenti kontrollati jkunu l-elementi prinċipali tal-oġġetti u jistgħu fil-prattika jitneħħew u jintużaw għal għanijiet oħra.

   N.B.: Biex jiġi vvalutat jekk il-komponent jew il-komponenti kkontrollati għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, hu meħtieġ li jitqiesu l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-konoxxenza teknoloġika li jikkonċernawhom, u ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jagħmlu l-komponent jew komponenti kkontrollati l-element prinċipali tal-oġġetti pprovduti.

2. L-oġġetti speċifikati f'dan l-Anness jistgħu jkunu oġġetti kemm ġodda kif ukoll użati.

Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija (NĠT)

(Għandha tinqara flimkien mat-Taqsima II.B)

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tat-"teknoloġiji" li huma "meħtieġa" għall-"iżvilupp", għall-"produzzjoni" jew għall-"użu" ta' oġġetti li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti fil-Parti A (Oġġetti) hawn taħt, huma pprojbiti skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II.B.

2. It-"teknoloġija""meħtieġa" għall-"iżvilupp", għall-"produzzjoni" jew għall-"użu" ta' oġġetti kkontrollati tibqa' kkontrollata anki meta din tapplika għal oġġetti mhux ikkontrollati.

3. Il-kontrolli ma japplikawx għal dik it-"teknoloġija" li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni (verifika) u għat-tiswija tal-oġġetti li mhumiex ikkontrollati jew li l-esportazzjoni tagħhom ġiet awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 423/2007.

4. Il-kontrolli fuq trasferiment ta' "teknoloġija"ma japplikawx għal informazzjoni "fl-isfera pubblika", għal "riċerka xjentifika bażika" jew għall-informazzjoni minima meħtieġa għall-applikazzjonijiet għal privattivi.

II.A. **OĠĠETTI**

A0. **Materjali, Faċilitajiet u Tagħmir Nukleari**

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
II.A0.002	Iżolaturi Faraday fil-medda ta' tul ta' mewġ bejn 500 nm u 650 nm.	–
II.A0.003	Retikoli ottiċi fil-medda ta' tul ta' mewġ bejn 500 nm u 650 nm.	–

▼M7

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
II.A0.004	Fibri ottiċi fil-medda ta' tul ta' mewġ bejn 500 nm u 650 nm miksija b'saffi mhux riflettenti fil-medda ta' tul ta' mewġ bejn 500 nm u 650 nm u b'dijametru ċentrali akbar minn 0,4 mm iżda mhux akbar minn 2 mm.	–
II.A0.008	Mirja ċatti, konvessi u konkavi, miksija b'saffi multipli li jirriflettu ħafna jew kontrollati, fil-medda ta' tul ta' mewġ bejn 500 nm u 650 nm.	0B001.g.5
II.A0.009	Lentijiet, polarizzaturi, pjanċi ritardanti ta' nofs mewġa, pjanċi ritardanti ta' kwart ta' mewġa, twieqi tal-laser tas-silikon jew kwarz u rotaturi, miksija b'saffi mhux riflettenti fil-medda ta' tul ta' mewġ bejn 500 nm u 650 nm	0B001.g
II.A0.010	Pajpijiet, sistemi ta' pajpijiet, flanġijiet, aċċessorji magħmulin minn jew miksija b'nikil jew b'liega tan-nikil, b'aktar minn 40 % nikil fil-piż, minbarra minn dawk speċifikati fi 2B350.h.1.	2B350
II.A0.011	Pompi tal-vakum minbarra minn dawk speċifikati f'0B002.f.2 jew 2B231, kif ġej: — pompi turbomolekulari b'rata ta' fluss ta' 400 l/s jew aktar; — pompi tal-vakum tat-tip Roots b'rata ta' aspirazzjoni volumetrika ta' aktar minn 200 m^3/h. Kumpressuri tax-xott f'forma ta' spiral bil-minfaħ u pompi tal-vakum, tax-xott, f'forma ta' spiral bil-minfaħ.	0B002.f.2 2B231

A1. **Materjali, sustanzi kimiċi, "mikroorganiżmi" u "tossini"**

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
II.A1.003	Siġilli u gaskits magħmula minn wieħed mill-materjali li ġejjin: a. kopolimeri ta' fluworur tal-vinilidin bi struttura kristallina beta ta' 75 % jew aktar mingħajr tiġbid; b. poliimidi fluworurati li għandhom piż ta' 10 % jew aktar ta' fluworu kkombinat; c. elastomeri tal-fosfażen fluworurat li għandhom piż ta' 30 % jew aktar ta' fluworu kkombinat; d. poliklorotrifluworetilen (PCTFE, pereżempju Kel-F ®); e. fluworoelastomeri tal-viton; f. politetrafluworoetilen (PTFE).	
II.A1.004	Tagħmir għal użu personali għar-rilevament ta' radjazzjoni ta' oriġini nukleari, inklużi dożimetri personali. Nota: din l-annotazzjoni mhix dwar sistemi ta' rilevament nukleari definiti f'1A004.c.	1A004.c
II.A1.006	Katalizzaturi platinati, minbarra dawk speċifikati f'1A225, iddisinjati apposta jew ippreparati biex jipprovokaw ir-reazzjoni ta' skambju tal-isotopi tal-idroġenu bejn l-idroġenu u l-ilma għall-irkupru tat-tritju mill-ilma tqil jew għall-produzzjoni ta' ilma tqil jew ta' sostituti għalih.	1B231, 1A225
II.A1.007	Aluminju u l-liegi tiegħu, minbarra dawk speċifikati f'1C002.b.4 jew 1C202.a, f'forma mhux maħduma jew semifabbrikata b'xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: a. reżistenza massima għat-tensjoni ta' 460 MPa jew iktar f'temperatura ta' 293 K (20 °C); jew b. reżistenza għat-tensjoni ta' 415 MPa jew iktar f'temperatura ta' 298 K (25 °C).	1C002.b.4 1C202.a

▼M7

A2. **Ipproċessar tal-materjali**

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
II.A2.002	Magni tal-għodda għad-dħin, ta' preċizjoni ta' ppożizzjonar bil-"kumpens kollu disponibbli" ugwali għal jew inqas (aħjar) minn 15 μm tul kwalunkwe wieħed mill-assi lineari skont ISO 230/2 (1988) (1) jew l-ekwivalenti nazzjonali. Nota: din l-annotazzjoni mhix dwar magni tal-għodod tad-dħin definiti fi 2B201.b u 2B001.c.	2B201.b 2B001.c
II.A2.002a	Komponenti u kontrolli numeriċi, iddisinjati apposta għall-magni tal-għodod speċifikati fi 2B001, 2B201 jew II.A2.002 hawn fuq.	
II.A2.003	Magni tal-ibbilanċjar u tagħmir relatat, kif ġej: a. magni tal-ibbilanċjar iddisinjati jew modifikati għal apparat dentali jew mediku ta' xorta oħra, bil-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. mhumiex kapaċi jibbilanċjaw skrejjen/immuntar b'massa ta' aktar minn 3 kg; 2. kapaċi jibbilanċjaw skrejjen/immuntar b'veloċità ta' aktar minn 12 500 rpm; 3. kapaċi jikkoreġu żbilanċi f'żewġ pjani jew iktar; u 4. kapaċi jibbilanċjaw sa żbilanċ speċifiku residwu ta' 0,2 g x mm kull kg ta' massa tal-iskrun; b. irjus indikaturi ddisinjati jew modifikati għall-użu mal-magni speċifikati f'a. hawn fuq. Nota teknika: Xi drabi l-irjus indikaturi huma magħrufa bħala strumentazzjoni tal-bilanċ.	2B119
II.A2.005	Fran għat-trattament bis-sħana f'atmosfera kkontrollata, kif ġej: fran kapaċi li jaħdmu f'temperaturi ta' aktar minn 400 °C	2B226, 2B227
II.A2.006	Fran tal-ossidazzjoni kapaċi li jaħdmu f'temperaturi ta' aktar minn 400 °C.	2B226, 2B227
II.A2.007	"Trasdutturi tal-pressjoni", minbarra dawk definiti fi 2B230, kapaċi jkejlu pressjoni assoluta f'kull punt fl-iskala 0 sa 200 kPa, u li jkollhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. elementi sensittivi magħmula minn jew protetti b' "materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-eżafluworidu tal-uranju (UF_6)"; u b. li fihom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. skala sħiħa ta' inqas minn 200 kPa u 'preċiżjoni' aħjar minn ± 1 % ta' skala sħiħa; jew 2. skala sħiħa ta' 200 kPa jew aktar u 'preċiżjoni' aħjar minn ± 2 kPa. Nota teknika: Għall-iskop ta' 2B230, il-'preċiżjoni' tinkludi n-non-linearità, l-isteresi u r-ripetibbiltà fit-temperatura ambjentali.	2B230
II.A2.008	Kuntatturi likwidu-likwidu (mixxelaturi separaturi, kolonni pulsati u kuntatturi ċentrifugi); u distributuri ta' likwidi, distributuri ta' fwar jew oġġetti għall-kollezzjoni ta' likwidu mfassla għal assorbiment bħal dawn, fejn l-uċuħ kollha f'kuntatt dirett mal-fluwidu/i huma magħmulin minn xi materjal minn dawn li ġejjin: 1. liegi b'aktar minn 25 % nikil u 20 % kromju fil-piż; 2. fluworopolimeri; 3. ħġieġ (inkluż kisi vitrifikat, bl-enemel jew bil-ħġieġ); 4. grafit jew 'karbonju grafit'; 5. nikil jew liegi b'aktar minn 40 % nikil fil-piż; 6. tantalu jew liegi tat-tantalu;	2B350.e

▼M7

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
	7. titanju jew liegi tat-titanju; 8. żirkonju jew liegi taż-żirkonju; jew 9. azzar li ma jsaddadx. Nota teknika: Il-'karbonju grafit' hu kompożizzjoni ta' karbonju u grafit amorfu, li fiha l-kontenut ta' grafit hu ta' 8 % jew aktar fil-piż.	
II.A2.009	Tagħmir industrijali u l-komponenti tiegħu, minbarra dawk speċifikati fi 2B350.d, kif ġej: tagħmir għat-trasferiment tas-sħana jew kondensaturi b'wiċċ għat-trasferiment tas-sħana b'medda ikbar minn 0,05 m^2 u inqas minn 30 m^2; u tubi, pjanċi, serpentini jew blokki ddisinjati għal dan it-tagħmir għat-trasferiment tas-sħana jew kondensaturi, fejn l-uċuħ kollha f'kuntatt dirett mal-fluwidu/i huma magħmulin minn xi materjal minn dawn li ġejjin: 1. liegi b'aktar minn 25 % nikil fil-piż u 20 % kromju fil-piż; 2. fluworopolimeri; 3. ħġieġ (inkluż kisi vitrifikat, bl-enemel jew bil-ħġieġ); 4. grafit jew 'karbonju grafit'; 5. nikil jew liegi b'aktar minn 40 % nikil fil-piż; 6. tantalu jew liegi tat-tantalu; 7. titanju jew liegi tat-titanju 8. żirkonju jew liegi taż-żirkonju; 9. karbur tas-silikon; 10. karbur tat-titanju; jew 11. azzar li ma jsaddadx. Nota: din l-annotazzjoni mhix dwar radjaturi tal-vetturi.	2B350.d
II.A2.010	Pompi b'siġill multipli jew bla siġill, minbarra dawk speċifikati fi 2B350.i, tajbin għall-fluwidi korrożivi, b'rata ta' fluss massima indikata mill-manifattur ta' iktar minn 0,6 m^3/h, jew pompi tal-vakum b'rata ta' fluss massima indikata mill-manifattur ta' iktar minn 5 m^3/h [f'kondizzjonijiet standard ta' temperatura (273 K, jew 0 °C) u pressjoni (101,3 kPa)]; u kaxex (korpi ta' pompi), kisi tal-kaxex preformati, impellers, skrejjen jew żennuni tal-ġett iddisinjati għal dawn il-pompi, fejn l-uċuħ li jiġu f'kuntatt dirett mas-sustanzi kimiċi li qed jiġu proċessati huma magħmula minn xi materjal minn dawn li ġejjin: 1. azzar li ma jsaddadx, 2. liegi tal-aluminju.	

A6. **Sensuri u lasers**

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
II.A6.002	Ottiċi tal-infraaħmar bit-tul ta' mewġ li jvarja bejn 9 μm u 17 μm, u komponenti tagħhom, inkluż il-komponenti tat-tellurur tal-kadmju (CdTe). Nota: din l-annotazzjoni mhix dwar il-kameras u l-komponenti definiti f'6A003.	6A003
II.A6.005	"Lasers" b'semikondutturi u l-komponenti tagħhom, kif ġej: a. "lasers" b'semikondutturi individwali b'qawwa ta' ħruġ ogħla minn 200 mW kull wieħed, fi kwantitajiet ta' aktar minn 100;	6A005.b

▼M7

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
	b. armaturi ta' "lasers" b'semikondutturi b'qawwa ta' ħruġ ogħla minn 20 W. Noti: 1. Il-"lasers" b'semikondutturi normalment jissejħu dijodi "laser". 2. Din l-annotazzjoni mhix dwar il-"lasers" definiti f'0B001.g.5, 0B001.h.6 u 6A005.b. 3. Din l-annotazzjoni mhix dwar id-dijodi "laser" b'tul ta' mewġ li jvarja bejn 1 200 nm u 2 000 nm.	
II.A6.007	"Lasers""sinkronizzabbli" fl-istat solidu, kif ġej, u l-komponenti ddisinjati apposta għalihom, kif ġej: a. lasers biż-żafir-titanju, b. lasers bl-alessandrite. Nota: din l-annotazzjoni mhix dwar il-lasers biż-żafir-titanju u bl-alessandrite definiti f'0B001.g.5, 0B001.h.6 u 6A005.c.1.	6A005.c.1
II.A6.009	Komponenti akustiċi-ottiċi, kif ġej: a. tubi għall-immaġni u tagħmir għall-immaġini fl-istat solidu bi frekwenza ta' rikorrenza ta' 1 kHz jew aktar; b. aċċessorji għall-frekwenza ta' rikorrenza; c. ċelel ta' Pockels.	6A203.b.4.c

A7. **Navigazzjoni u Avjonika**

Nru	Deskrizzjoni	Prodott relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2007
